7.3.3. Jekk in-notifika tikkonċerna bidliet fi skema eżistenti, indika l-effetti baġitarji għal kull wieħed mill-istrumenti tal-għajnuna tal-bidliet notifkati fl-iskema fuq il-:

Baġit totali .....

Baġit annwali ([15]).....

7.4. Kumulazzjoni

L-għajnuna tista' tiġi kumulata ma' għajnuna jew għajnuniet *de minimis* ([16]) riċevuti minn għajnuna lokali, reġjonali jew nazzjonali ([17]) oħra sabiex tkopri l-istess spejjeż eliġibbli?

☐ Iva. Jekk disponibbli, agħti l-isem, l-iskop u l-għan tal-għajnuna

.....

.....

Jekk jogħġbok spjega l-mekkaniżmi stabbiliti sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-kumulazzjoni jiġu rispettati:

.....

.....

☐ Le

8. **Evalwazzjoni**

8.1. L-iskema hija kkunsidrata għall-evalwazzjoni ([18])?

☐ Le

Jekk l-iskema mhijiex ikkunsidrata għall-evalwazzjoni, spjega għaliex tqis li l-kriterji għall-evalwazzjoni mhumiex issodisfati.

.....

☐ Iva

Skont liema kriterji l-iskema hija meqjusa għal evalwazzjoni *ex post*:

(a) ☐ Skema b'baġit ta' għajnuna kbair;

(b) ☐ Skema li tinkludi karatteristiċi ġodda;

(c) ☐ Skema fejn tibdil sinifikanti tas-suq, tat-teknoloġija jew regolatorju jista' jiġi previst;

([15]) Fil-każ ta' baġit annwali medju tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema ta' aktar minn EUR 150 miljun, jekk jogħġbok imla t-taqsima dwar l-Evalwazzjoni ta' din il-formola ta' notifika. Ir-rekwiżit ta' Evalwazzjoni ma japplikax għal skemi ta' għajnuna koperti mill-formola ta' informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għall-Agrikoltura.

([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

([17]) Il-finanzjament tal-Unjoni amministrat ċentralment mill-Kummissjoni li mhuwiex diret-tament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Meta finanzjament tal-Unjoni bħal dak jingħata flimkien ma' finanzjament pubbliku ieħor, dan tal-aħħar biss jiġi kkunsidrat meta jiġi stabbilit jekk humiex rispet-tati l-limiti tan-notifika u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna, sakemm l-ammont totali tal-finanzjament pubbliku mogħti b'rabta mal-istess spejjeż eliġibbli ma jaqbiżx ir-rati massimi ta' finanzjament stabbiliti fir-regolamenti Ewropej applikabbli.

([18]) Ir-rekwiżit ta' Evalwazzjoni ma japplikax għal skemi ta' għajnuna koperti mill-formola ta' informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għall-Agrikoltura.

▼M8

(d) ☐ Skema li int tippjana għal evalwazzjoni anki jekk ma japplikawx il-kriterji l-oħrajn imsemmija f'dan il-punt.

Jekk ikun issodisfat xi wieħed mill-kriterji msemmija f'dan il-punt, indika l-perjodu tal-evalwazzjoni u imla l-formola ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni fl-Anness I, Parti III.8 ([19]).

.....

8.2. Indika jekk twettqitx diġà xi evalwazzjoni *ex post* għal skema simili (fejn xieraq, b'referenza u link għal siti web relevanti)

.....

9. **Rapportar u Monitoraġġ**

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja l-iskema ta' għajnuna u l-għajnuna individwali, l-Istat Membru notifikanti jieħu impenn li:

☐ Kull sena jibgħat lill-Kummissjoni r-rapporti mitlubin mill-Artikolu 26 tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/19992015/1589 ([20]).

☐ Għal mhux inqas minn 10 snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna (għajnuna individwali u għajnuna mogħtija mill-iskema), iżomm reġistri dettaljati li jkun fihom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-kompatibbiltà, u jipprovdihom, fuq talba bil-miktub, lill-Kummissjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol jew perjodu itwal skont kif jiġi stabbilit fit-talba.

Għal skemi ta' għajnuna fiskali:

☐ Fil-każ ta' skemi li fihom tingħata għajnuna fiskali fuq bażi awtomatika tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-benefiċjarji, u meta ma jkun sar ebda kontroll *ex ante* li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà kollha għal kull benefiċjarju, l-Istat Membru jieħu impenn li jimplimenta mekkaniżmu xieraq ta' kontroll li bih jivverifika b'mod regolari (pereżempju darba kull sena fiskali), tal-inqas *ex post* u fuq bażi ta' kampjuni, li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà, u li jimponi sanzjonijiet jekk isib frodi. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja skemi ta' għajnuna fiskali, l-Istat Membru notifikanti jieħu impenn li jżomm reġistri dettaljati tal-verifiki għal mhux inqas minn 10 snin mid-data li fiha jsiru l-verifiki, u jipprovdihom, b'talba bil-miktub, lill-Kummissjoni fi żmien perjodu ta' 20 jum tax-xogħol jew perjodu itwal skont kif jiġi stabbilit fit-talba.

10. **Kunfidenzjalità**

In-notifika fiha informazzjoni kunfidenzjali ([21]) li ma għandhiex tiġi żvelata lil terzi?

☐ Iva. Indika liema mill-formoli huma kunfidenzjali u agħti r-raġuni għall-kunfidenzjalità.

.....

☐ Le

([19]) Biex jiggwidak, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Metodoloġija Komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat", SWD(2014) 179 finali tat-28.5.2014 f'http://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernisation/state_aid_evaluation_methodology_en.pdf.

([20]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/19992015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

([21]) Biex jiggwidak, ara l-Artikolu 339 TFUE li jagħmel referenza għal "tagħrif li jirriferi għal impriżi u dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew l-elementi tal-costing tagħhom". B'mod ġenerali, il-qrati tal-Unjoni fissru "sigrieti kummerċjali" bħala informazzjoni "li mhux biss l-iżvelar tagħha lill-pubbliku iżda saħansitra anki s-sempliċi mogħdija lil persuna oħra għajr dik li pprovdiet l-informazzjoni jista' jagħmel ħsara serja lill-interess ta' dik imsemmija l-aħħar" fil-Kawża T-353/94, *Postbank v. Il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:1996:119, paragrafu 87.

▼M8

11. **Informazzjoni Oħra**

Meta applikabbli, indika kull informazzjoni oħra li hija rilevanti biex tiġi vvalutata l-għajnuna.

.....

.....

12. **Dokumenti mehmużin**

Elenka d-dokumenti kollha li huma mehmużin man-notifika u pprovdi kopji fuq karti jew indirizzi fuq il-web li jagħtu aċċess għad-dokumenti kkonċernati.

.....

.....

13. **Dikjarazzjoni**

Niċċertifika li, sa fejn naf jien, l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola, fl-Anness u fid-dokumenti mehmuża hija preċiża u sħiħa.

Data u post tal-firma.....

Firma: .....

Isem u kariga tal-persuna li qed tiffirma.....

14. **Formola ta' Informazzjoni Supplimentari**

14.1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata fil-formola ta' informazzjoni ġenerali, agħżel il-formola ta' informazzjoni supplimentari li se timla:

(a) ☐ Formoli ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna reġjonali

1. ☐ għajnuna għall-investiment

2. ☐ għajnuna operatorja

3. ☐ għajnuna individwali

(b) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni

(c) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għar-ristrutturar u s-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà

1. ☐ għajnuna għas-salvataġġ

2. ☐ għajnuna għar-ristrutturar

3. ☐ skemi ta' għajnuna

(d) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-produzzjoni awdjoviżiva

(e) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-broadband

(f) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija

(g) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-finanzjament tar-riskju:

(h) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għas-settur tat-trasport:

1. ☐ għajnuna għall-investiment għall-ajruporti

2. ☐ għajnuna operatorja għall-ajruporti

3. ☐ għajnuna tal-bidu għal-linji tal-ajru

▼**M8**

4. ☐ għajnuna ta' natura soċjali skont l-Artikolu 107(2)(a) TFUE

5. ☐ għajnuna għat-trasport marittimu

(i) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni

(j) ☐ Formoli ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestijra u f'żoni rurali

(k) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura

14.2. Għal għajnuna li mhijiex koperta mill-ebda waħda mill-formoli ta' informazzjoni supplimentari, agħżel id-dispożizzjoni rilevanti tat-TFUE, linja gwida jew test ieħor applikabbli għall-għajnuna mill-Istat:

(a) ☐ Kreditu għall-esportazzjoni fuq tul ta' żmien qasir ([22])

(b) ☐ Skemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ([23])

(c) ☐ Komunikazzjoni Bankarja ([24])

(d) ☐ Komunikazzjoni dwar proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew ([25])

(e) ☐ Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (l-Artikolu 106(2) TFUE) ([26])

(f) ☐ L-Artikolu 93 TFUE

(g) ☐ L-Artikolu 107(2)(a) TFUE

(h) ☐ L-Artikolu 107(2)(b) TFUE

(i) ☐ L-Artikolu 107(3)(a) TFUE

(j) ☐ L-Artikolu 107(3)(b) TFUE

(k) ☐ L-Artikolu 107(3)(c) TFUE

(l) ☐ L-Artikolu 107(3)(d) TFUE

(m) ☐ Ieħor/Oħrajn, speċifika

.....

Aġħti ġustifikazzjoni għall-kompatibbiltà tal-għajnuna li taqa' fil-kategoriji magħżula f'dan il-punt:

.....

.....

Għal raġunijiet prattiċi, huwa rakkomandat li d-dokumenti mehmuża jiġu numerati u li ssir referenza għan-numri ta' dawk id-dokumenti fit-taqsimiet rilevanti tal-formoli ta' informazzjoni supplimentari.

▼**M3**

_____

([22]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni tal-esportazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir (ĠU C 392, 19.12.2012, p. 1).

([23]) Linji gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra wara l-2012 (ĠU C 158, 5.6.2012, p. 4).

([24]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

([25]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4).

([26]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għal kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4).

▼B

TAQSIMA III

PAĠNI TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI

Għandha timtela kif meħtieġ skond it-tip ta' għajnuna konċernata:

1. Għajnuna għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju
2. Għajnuna għat-taħriġ
3. Għajnuna għall-impiegi
4. Għajnuna reġjonali
5. Għajnuna li taqa' taħt il-kwadri multisettorali
6. Għajnuna għal riċerka u żvilupp
   a) fil-każ ta' skema
   b) fil-każ ta' għajnuna individwali
7. Għajnuna biex jiġu salvati ditti f'diffikultà
   a) fil-każ ta' skema
   b) fil-każ ta' għajnuna individwali
8. Għajnuna għar-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà
   a) fil-każ ta' skema
   b) fil-każ ta' għajnuna individwali
9. Għajnuna għall-produzzjoni awdjo-viżwali
10. Għajnuna għall-protezzjoni ambjentali
11. Għajnuna għall-kapital tar-riskju
12. Għajnuna fis-settur agrikolu
    a) Għajnuna għall-agrikoltura
       i. Għajnuna għal investiment f'azjendi agrikoli
       ii. Għajnuna għal investiment b'konnessjoni ma' l-ipproċessar u l-marketing ta' prodotti agrikoli
    b) Għajnuna agri-ambjentali
    ċ) Għajnuna ta' kumpens għal żvantaġġi f'żoni anqas favoriti
    d) Għajnuna għall-inizjar ta' bdiewa żagħżagħ
    e) Għajnuna għall-irtirar kmieni jew għat-twaqqif ta' attivitajiet tal-biedja or for the cessation of farming activities
    f) Għajnuna għall-għeluq ta' pproċessar ta' produzzjoni u kapaċita tal-marketing
    g) Aid for producer groups
    h) Għajnuna għall-kumpens ta' ħsara għal produzzjoni agrikola jew għal mezzi ta' produzzjoni agrikola
    i) Għajnuna għal tqassim mill-ġdid ta' art
    j) Għajnuna għall-produzzjoni u l-marketing ta' prodotti agrikoli ta' kwalità
    k) Għajnuna għall-provvista ta' appoġġ teknikufis-settur agrikolu
    l) Għajnuna għas-settur tat-trobbija ta' l-annimali
    m) Għajnuna għar-reġjuni l-aktar imbegħda u l-Ġżejjer Eġew
    n) għajnuna fil-forma ta' self sussidjat fuq perjodu qasir ta' żmien
    o) Għajnuna għall-promozzjoni u r-reklamar ta' prodotti agrikoli u ċerti prodotti mhux agrikoli
    p) Għajnuna biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà
    q) Għajnuna għat-testijiet TSE; tnaqqis ta' bhejjem u fadilijiet tal-biċċeriji
13. Għajnuna fis-settur tat-trasport
    a) Għajnuna individwali għar-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà fis-settur ta' l-avjazzjoni
    b) Għajnuna għall-infrastruttura tat-trasport
    c) Għajnuna għat-trasport marittimu
    d) Għajnuna għal trasport kombinat
14. Għajnuna għal bini ta' bastimenti (għandha timtela)

▼M8

PARTI III

FORMOLI TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI

PARTI III.1.A

Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għall-investiment reġjonali individwali

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża sabiex tiġi notifikata kull għajnuna għall-investiment individwali koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat 2014-2020 [1] *(l-"RAG"). Fejn bosta benefiċjarji jkunu involuti f'miżura ta' għajnuna individwali, trid tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti għal kull wieħed minnhom.*

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

1.1. Raġunijiet għan-notifika tal-miżura:

(a) ☐ In-notifika tirrigwarda għajn una individwali mogħtija skont skema u l-għajnuna mis-sorsi kollha taqbeż il-livell limitu ta' notifika. Ipprovdi referenzi tal-għajnuna mill-Istat tal-iskemi tal-għajnuna kkonċernati approvati jew ta' eżenzjoni ta' kategorija:

(b) ☐ In-notifika tirrigwarda għajnuna individwali mogħtija barra minn skema (għajnuna *ad hoc*).

(c) ☐ In-notifika tirrigwarda għajnuna mogħtija lil benefiċjarju li għalaq l-istess attività jew waħda simili [2] fiż-ŻEE sentejn qabel id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew fejn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna l-benefiċjarju jkollu l-intenzjoni li jagħlaq dik attività fi żmien perjodu ta' sentejn wara li jitlesta l-investiment li jrid jiġi ssussidjat.

(d) ☐ In-notifika tirrigwarda investiment minn impriża kbira biex tiddiversifika stabbiliment eżistenti f'żona "c" fi prodotti ġodda u/jew proċess ġdid ta' innovazzjoni. [Ħu nota li ż-żoni "*a*" u "*b*" huma definiti skont il-mappa dwar l-għajnuna reġjonali. Ara l-paragrafu 145 RAG]

(e) ☐ Oħrajn. Spjega:

.....

.....

1.2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna

1.2.1. Ikkonferma li l-benefiċjarju mhux impriża f'diffikultà [3]

.....

1.2.2. Jekk il-miżura tkopri għajnuna għall-investiment għal netwerks tal-broadband, spjega kif l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tiżgura li l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu mħarsa u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi ġuridika u/jew dokumenti ta' sostenn.

— l-għajnuna tingħata biss għal żoni fejn ma hemmx netwerk tal-istess kategorija (jew netwerk tal-broadband bażiku jew netwerks ta' aċċess ta' ġenerazzjoni ġdida (next generation access networks) u fejn aktarx mhu se jiġi żviluppat l-ebda netwerk fil-futur qrib;

---

[1] Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1).

[2] "L-istess attività jew waħda simili" tfisser attività li taqa' fl-istess klassi (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Rev. 2.

[3] Kif definit fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

▼M8

— l-operatur tan-netwerk issussidjat joffri aċċess bl-ingrossa attiv u passiv b'kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji bil-possibbiltà ta' diżaggregazzjoni sħiħa u effikaċi;

— l-għajnuna ġiet jew se tiġi allokata fuq il-bażi ta' proċess ta' għażla kompetittiv skont il-paragrafi 78(c) u (d) tal-Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-użu rapidu tan-netwerks tal-broadband ([4]).

.....

1.2.3. Jekk il-miżura tkopri l-għajnuna għall-infrastrutturi tar-riċerka ([5]), ikkonferma li l-għajnuna tingħata bil-patt li jingħata aċċess trasparenti u mhux diskriminatorju għal dik l-infrastruttura u jiġu pprovduti dokumenti ta' sostenn għal dak il-għan u/jew tiġi pprovduta referenza/i għall-partijiet rilevanti tal-bażi ġuridika (il-paragrafu 13 RAG).

.....

1.2.4. Ippreżenta kopja tal-formola tal-applikazzjoni u l-(abbozz) tal-ftehim tal-għoti tal-għajnuna.

2. **Informazzjoni addizzjonali dwar il-benefiċjarju, il-proġett tal-investiment u l-għajnuna**

2.1. Benefiċjarju

2.1.1. L-identità ta' min jirċievi l-għajnuna:

.....

2.1.2. Jekk l-identità legali ta' min jirċieivi l-għajnuna hija differenti minn dik tal-impriża(i) li tiffinanzja/jiffinanzjaw il-proġett jew mill-benefiċjarju jew benefiċjarji effettivi tal-għajnuna, iddeskrivi dawk id-differenzi.

.....

.....

2.1.3. Agħti deskrizzjoni ċara tar-relazzjoni bejn il-benefiċjarju, il-grupp tal-intrapriżi li minnu jagħmel parti u intrapriżi oħra assoċjati, inklużi l-intrapriżi konġunti.

.....

.....

2.2. Il-proġett ta' investiment

2.2.1. Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-proġett ta' investiment innotifikat:

Data tal-applikazzjoni għall-għajnuna:	
Data (prevista) għall-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment:	
Data prevista tal-bidu tal-produzzjoni:	
Data prevista li fiha se tintlaħaq il-kapaċità sħiħa tal-produzzjoni:	
Data prevista ta' tmiem il-proġett ta' investiment:	

2.2.2. Jekk in-notifika tkopri investiment f'żona "a" jew investiment minn SME waħda jew aktar ([6]) f'żona "c" (il-paragrafu 34 RAG), speċifika l-kategorija jew kategoriji tal-investiment inizjali li huma suġġetti tan-notifika (il-paragrafu 20(h) RAG):

([4]) ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1.

([5]) Kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (ERIC) (ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1).

([6]) "SMEs" tfisser intrapriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

▼**M8**

(a) ☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

(b) ☐ l-estensjoni tal-kapaċità ta' stabbiliment eżistenti

(c) ☐ id-diversifikazzjoni tar-rendiment ta' stabbiliment fi prodotti li qatt ma ġew prodotti fl-istabbiliment

(d) ☐ bidla fundamentali fil-proċess kollu tal-produzzjoni ta' stabbiliment eżistenti

(e) ☐ akkwiżizzjoni ta' assi marbutin direttament ma' stabbiliment sakemm l-istabbiliment ikun għalaq jew kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li jinxtara minn investitur li mhuwiex relatat mal-bejjiegħ ([7])

2.2.3. Jekk in-notifika tkopri investiment f'żona "c" minn Intrapriża Kbira, speċifika l-kategorija jew kategoriji tal-investiment inizjali suġġetti tan-notifika (il-paragrafu 15 u l-paragrafu 20(i) RAG):

(a) ☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

(b) ☐ id-diversifikazzjoni tal-attività ta' stabbiliment, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida ma tkunx l-istess attività jew waħda simili ([8]) għall-attività li kienet issir qabel fl-istabbiliment

(c) ☐ diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti fi prodotti ġodda

(d) ☐ proċess ġdid ta' innovazzjoni fi stabbiliment eżistenti

(e) ☐ l-akkwiżizzjoni tal-assi li jappartjenu lil stabbiliment li jkun għalaq jew li kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li nxtara minn investitur li mhux relatat mal-bejjiegħ, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida li għandha titwettaq permezz tal-użu tal-assi akkwistati ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività li tkun twettqet fl-istabbiliment qabel l-akkwiżizzjoni

2.2.4. Iddeskrivi fil-qosor l-investiment billi tispjega kif il-proġett ikkonċernat jaqa' f'waħda jew f'iktar mill-kategoriji tal-investiment inizjali indikati hawn fuq:

.....

.....

2.3. L-ispejjeż eliġibbli kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż ta' investiment

2.3.1. Ipprovdi r-rendikont li ġej tal-ispejjeż ta' investiment totali eliġibbli f'valur nominali u skontat:

	Spejjeż totali eliġibbli (nominali) (*)	Spejjeż totali eliġibbli (skontati) (*)
Studji preparatorji jew spejjeż ta' konsulenza marbutin mal-investiment (SMEs biss)		
Art		
Bini		
Impjant/makkinarju/tagħmir ([1])		

([7]) L-akkwist uniku tal-ishma ta' kumpanija ma jikkwalifikax bħala investiment inizjali.

([8]) "L-istess attività jew waħda simili" tfisser attività li taqa' fl-istess klassi (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Rev. 2.

▼**M8**

	Spejjeż totali eliġibbli (nominali) (*)	Spejjeż totali eliġibbli (skontati) (*)
Assi intanġibbli		
Spejjeż totali eliġibbli		

(*) Fil-munita nazzjonali (ara wkoll il-punt 2.5 ta' hawn taħt)

([1]) Fis-settur tat-trasport, in-nefqa fuq ix-xiri ta' tagħmir tat-trasport ma tistax tiġi inkluża fis-sett uniformi ta' partiti tan-nefqa. Tali nefqa mhix eliġibbli għal investiment inizjali.

2.3.2. Ikkonferma li l-assi akkwistati huma ġodda (il-paragrafu 94 RAG) ([9]).

☐ iva ☐ le

2.3.3. Ipprovdi prova biex turi li fil-każ ta' SMEs mhux iktar minn 50 % tal-kostijiet ta' studji preparatorji jew kostijiet ta' konsulenza marbutin mal-investiment huma inklużi fl-ispejjeż eliġibbli (il-paragrafu 95 RAG).

.....

2.3.4. Ipprovdi prova biex turi li rigward l-għajnuna mogħtija għal bidla fundamentali fil-proċess tal-produzzjoni, l-ispejjeż eliġibbli huma iktar mid-deprezzament tal-assi marbuta mal-attività li għandha tiġi mmodernizzata matul it-tliet snin fiskali ta' qabel (il-paragrafu 96 RAG).

.....

2.3.5. Ipprovdi referenza għall-bażi ġuridika jew spjega kif inhu żgurat li għall-għajnuna mogħtija għal diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti, l-ispejjeż eliġibbli jaqbżu b'mill-inqas 200 % il-valur kontabilistiku tal-assi li jkunu qed jerġgħu jintużaw, kif irreġistrat fis-sena fiskali ta' qabel il-bidu tax-xogħlijiet (il-paragrafu 97 RAG). Jekk ikun il-każ, ipprovdi dokumentazzjoni li tinkludi d-dejta kwantitattiva rilevanti.

.....

2.3.6. F'każijiet li jinvolvu l-kiri ta' assi tanġibbli, ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi ġuridika meta jkun stipulat li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma rispettati (il-paragrafu 98 RAG) jew spjega kif dawk il-kundizzjonijiet jiġu rispettati b'mod ieħor.

— għal art u bini, il-kirja trid tkompli għal mill-inqas ħames snin wara d-data li fiha huwa mistenni li jitlesta l-investiment fil-każ ta' kumpaniji kbar, u tliet snin fil-każ ta' SMEs;

.....

— għal impjanti jew makkinarju, il-kirja trid tingħata fil-forma ta' lokazzjoni finanzjarja u jrid ikun fiha obbligu fuq il-benefiċjarju tal-għajnuna li jixtri l-assi meta jiskadi t-terminu tal-lokazzjoni.

.....

2.3.7. Il-paragrafu 99 RAG jistipula li "Fil-każ ta' akkwiżizzjoni ta' stabbiliment, huma biss il-kostijiet tax-xiri tal-assi minn partijiet terzi mhux relatati mal-bejjiegħ li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. It-tranżazzjoni trid isseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Meta tkun diġà ngħatat l-għajnuna għall-akkwiżizzjoni ta' assi qabel ma jinxtraw, il-kostijiet ta' dawn l-assi

([9]) Il-paragrafu 94 RAG ma japplikax għal SMEs jew fil-każ tal-akkwist ta' stabbiliment.

▼M8

għandhom jitnaqqsu mill-ispejjeż eliġibbli relatati mal-akkwiżizzjoni ta' stabbiliment. Jekk l-akkwiżizzjoni ta' stabbiliment tkun akkumpanjata minn investiment addizzjonali eliġibbli għall-għajnuna, l-ispejjeż eliġibbli ta' dan l-aħħar investiment għandhom jiġu miżjuda mal-kostijiet tax-xiri tal-assi tal-istabbiliment.”.

Jekk rilevanti fil-każ notifikat, spjega kif dawk il-kundizzjonijiet ġew imħarsa, billi tipprovdi dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti.

.....

2.3.8. Jekk in-nefqa eliġibbli għall-proġett ta' investiment tinkludi assi intanġibbli, spjega kif inhu żgurat li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 101-102 RAG ([10]) se jkunu rrispettati. F'każijiet bħal dawk ipprovdi referenza preċiża għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika.

.....

2.4. L-ispejjeż eliġibbli kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-pagi

Spjega:

— kif l-ispejjeż eliġibbli kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-pagi ġew stabbiliti (il-paragrafu 103 RAG);

— kif l-għadd ta' impjiegi maħluqa ġie kkalkolat b'referenza għall-paragrafu 20(k) RAG;

— kif l-ispejjeż tal-pagi tal-persuni maħturin ġew stabbiliti b'referenza għall-paragrafu 20(z) RAG; u

— ipprovdi l-kalkoli u d-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti għaċ-ċifri.

.....

2.5. Il-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli skontati u l-ammont ta' għajnuna

2.5.1. Imla t-tabella f'dan il-punt bid-dettalji tal-ispejjeż eliġibbli skont il-kategorija ta' spiża eliġibbli li għandha titħallas fil-perijodu kemm idum il-proġett ta' investiment:

	Nominali/skontati	N–0 (*)	N+1 (*)	N+2 (*)	N+3 (*)	N+X (*)	Total (*)
Studji preparatorji eċċ. (SMEs biss)	Nominali						
	Skontati						

([10]) Il-paragrafu 101 RAG jistipula li assi intanġibbli li huma eliġibbli għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-investimenti jridu jibqgħu assoċjati maż-żona megħjuna kkonċernata u ma għandhomx jiġu ttrasferiti għal reġjuni oħra. Għal dan il-għan, l-assi intanġibbli jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
— dawn għandhom jintużaw esklussivament fl-istabbiliment li qed jirċievi l-għajnuna:
— dawn iridu jkunu jistgħu jiġu ammortizzati;
— dawn iridu jinxtraw skont il-kundizzjonijiet tas-suq minn terzi mhux relatati max-xerrej.
Il-paragrafu 102 RAG jistipula li l-assi intanġibbli jridu jiġu inklużi fl-assi tal-intrapriża li tkun qed tirċievi l-għajnuna u jridu jibqgħu assoċjati mal-proġett li għalih tkun ingħatat l-għajnuna għal tal-inqas ħames snin (tliet snin għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju).

▼**M8**

	Nominali/skontati	N–0 (*)	N+1 (*)	N+2 (*)	N+3 (*)	N+X (*)	Total (*)
Art	Nominali						
	Skontati						
Bini	Nominali						
	Skontati						
Impjant/makkinarju/ tagħmir ([1])	Nominali						
	Skontati						
Assi intanġibbli	Nominali						
	Skontati						
L-ispejjeż tal-pagi	Nominali						
	Skontati						
Oħrajn (speċifika)	Nominali						
	Skontati						
Total	Nominali						
	Skontati						

(*) Fil-munita nazzjonali

([1]) Fis-settur tat-trasport, in-nefqa fuq ix-xiri ta' tagħmir tat-trasport ma tistax tiġi inkluża fis-sett uniformi ta' partiti tan-nefqa. Dik in-nefqa mhix eliġibbli għal investiment inizjali.

Indika d-data li fiha ġew skontati l-ammonti, kif ukoll ir-rata ta' skont użata ([11]):

.....

2.5.2. Imla t-tabella f'dan il-punt bid-dettalji tal-għajnuna nnotifikata (li se tingħata) mogħtija għall-proġett ta' investiment b'referenza għat-tip ta' għajnuna applikabbli:

	Nominali/skontati	N–0 (*)	N+1 (*)	N+2 (*)	N+3 (*)	N+X (*)	Total (*)
Għotjiet	Nominali						
	Skontati						
Self aġevolat	Nominali						
	Skontati						
Garanzija	Nominali						
	Skontati						
Tnaqqis fit-taxxa	Nominali						
	Skontati						

([11]) Għall-metodoloġija, irreferi għall-Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' imgħax għall-irkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza/ta' skont għall-25 Stat Membru, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2007 (ĠU C 317, 23.12.2006, p. 2) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u tar-rati skontati (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6).

▼**M8**

	Nominali/skontati	N–0 (*)	N+1 (*)	N+2 (*)	N+3 (*)	N+X (*)	Total (*)
…	Nominali						
	Skontati						
…	Nominali						
	Skontati						
Total	Nominali						
	Skontati						

(*) Fil-munita nazzjonali

Indika d-data li fiha ġew skontati l-ammonti, kif ukoll ir-rata ta' skont użata:

.....

Għal kull tip ta' għajnuna msemmija fit-tabella fil-punt 2.5.2, indika kif l-ekwivalenti tal-għotja huwa kkalkolat:

Self aġevolat: .....

Garanzija: .....

Tnaqqis fit-taxxa: .....

Oħrajn: .....

2.5.3. Speċifika, jekk xi wħud mill-miżuri ta' għajnuna li għandhom jingħataw għall-proġett għadhom mhumiex definiti, u spjega kif l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tiżgura li l-intensità massima ta' għajnuna applikabbli hija rispettata (il-paragrafi 82 u 83 RAG):

.....

2.5.4. Il-proġett huwa kkofinanzjat mill-Fondi ESI? Jekk iva, spjega skont liema programm operattiv se jinkiseb il-finanzjament minn Fondi ESI. Indika wkoll l-ammont ta' finanzjament tal-Fondi ESI li se jkun involut.

.....

▼M8

2.5.5. Jekk il-benefiċjarju (fil-livell ta' grupp) irċieva għajnuna għal investiment(i) inizjali wieħed (jew aktar) li beda fl-istess reġjun NUTS3 fuq perjodu ta' tliet snin mid-data tal-bidu tax-xogħlijiet tal-proġett ta' investiment notifikat (il-paragrafu 20(t) RAG), ipprovdi dettalji tal-miżuri ta' għajnuna għal kull wieħed mill-investimenti inizjali megħjuna preċedentement (billi tinkludi deskrizzjoni qasira tal-proġett ta' investiment, id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna, id-data tal-għotja ta' għajnuna, id-data tal-bidu tax-xogħlijiet, l-ammont(i) ta' għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli ([12])).

	Spejjeż ta' investiment eligibbli (*)	Ammont tal-għajnuna mogħtija (*)	Data tal-applikazzjoni	Data tal-għotja ta' għajnuna	Data tal-bidu tax-xogħol	Deskrizzjoni qasira	Referenza/i ta' għajnuna
Proġett ta' investiment inizjali 1							
Investiment inizjali Investiment inizjali Proġett 2							
Proġett ta' investiment inizjali 3							
.....							

(*) Fil-munita nazzjonali

2.5.6. Ikkonferma li l-ammont totali ta' għajnuna li se jingħata lill-proġett ta' investiment inizjali mhux iktar mill-"intensità massima tal-għajnuna" (kif definita fil-paragrafu 20(m) RAG), billi titqies l-intensità tal-għajnuna miżjuda għal SMEs (kif determinat fil-paragrafu 177 RAG) u l-"ammont aġġustat tal-għajnuna" (kif definit fil-paragrafu 20(c) RAG), fejn applikabbli. Ipprovdi dokumentazzjoni ta' appoġġ u kalkoli rilevanti.

.....

2.5.7. Fejn l-ammont li għandu jingħata għall-proġett ta' investiment għandu jingħata skont diversi skemi ta' għajnuna reġjonali jew kumulat ma' għajnuna *ad hoc*, ikkonferma li l-intensità tal-għajnuna massima permissibbli li tista' tingħata lill-proġett ġiet ikkalkolata bil-quddiem mill-ewwel awtorità li tagħti l-għajnuna u speċifika l-ammont ta' dik l-intensità massima tal-għajnuna. Spjega kif l-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna se jiżguraw li dik l-intensità massima tal-għajnuna se tiġi rispettata (il-paragrafu 92 RAG).

.....

2.5.8. Jekk l-investiment inizjali huwa marbut ma' proġett ta' Koperazzjoni Territorjali Ewropea (ETC) spjega, b'referenza għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 93 RAG, kif l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli għall-proġett u l-benefiċjarji differenti involuti huma stabbiliti.

.....

3. **Valutazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura**

3.1. Kontribuzzjoni għall-għanijiet reġjonali u l-ħtieġa għal intervent mill-Istat

3.1.1. Jekk jogħġbok:

— indika l-post eżatt tal-proġett megħjun (jiġifieri l-lokalità u r-reġjun NUTS 2 jew 3 li għalihom tappartjeni l-lokalità);

([12]) L-ammont(i) ta' għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu provduti kemm f'valuri nominali kif ukoll f'dawk skontati.

▼M8

— ipprovdi dettalji dwar l-istatus tal-għajnuna reġjonali tiegħu fil-mappa attwali tal-għajnuna reġjonali (jiġifieri jinsab f'żona eliġibbli għall-għajnuna reġjonali skont l-Artikolu 107(3)(a) jew (c) TFUE); u

— ipprovdi l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli għal intrapriżi kbar,

.....

3.1.2. Spjega kif l-għajnuna se tikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali ([13])

.....

3.1.3. Jekk in-notifika tikkonċerna applikazzjoni individwali għal għajnuna skont skema, spjega kif il-proġett jikkontribwixxi għall-għan tal-iskema u pprovdi dokumenti rilevanti ta' sostenn (il-paragrafu 35 RAG)

.....

3.1.4. Jekk in-notifika tikkonċerna għajnuna *ad hoc*, spjega kif il-proġett jikkontribwixxi għall-istrateġija ta' żvilupp taż-żona kkonċernata u pprovdi dokumenti rilevanti ta' sostenn (il-paragrafu 42 RAG)

.....

3.1.5. Spjega kif hija implimentata d-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-investiment jinżamm fiż-żona kkonċernata għal mill-inqas ħames snin (tliet snin għall-SMEs) wara t-tlestija tiegħu (il-paragrafu 36 RAG). Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika (pereżempju il-kuntratt tal-għoti tal-għajnuna).

.....

3.1.6. Fil-każijiet meta l-għajnuna hija kkalkolata fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-pagi, spjega kif il-metodu ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-impjiegi jiġu maħluqa fi żmien tliet snin mit-tlestija tal-investiment u li kull impjieg maħluq mill-investiment jinżamm fiż-żona għal perjodu ta' ħames snin (tliet snin għall-SMEs) mid-data li l-offerta mimlija minn tal-ewwel hija implimentata (il-paragrafu 37 RAG). Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika (pereżempju il-kuntratt tal-għoti tal-għajnuna).

.....

3.1.7. Ipprovdi referenza għall-bażi ġuridika jew uri li d-destinatarju/i għandu/għandhom jagħmel/jagħmlu kontribuzzjoni ta' mill-inqas 25 % tal-ispejjeż eliġibbli, mir-riżorsi proprji jew permezz ta' finanzjament estern, f'għamla li hija eżenti minn kull sostenn finanzjarju pubbliku ([14]). (il-paragrafu 38 RAG)

.....

3.1.8. Ħadt impenn jew timpenja ruħek li twettaq Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali ("VIA") għall-investiment? (il-paragrafu 39 RAG)

☐ iva ☐ le

Jekk le, spjega għaliex mhijiex meħtieġa VIA għal dan il-proġett.

.....

3.2. L-adegwatezza tal-miżura

3.2.1. Jekk in-notifika tikkonċerna għajnuna *ad hoc*, uri kif l-iżvilupp taż-żona kkonċernata jiġi żgurat aħjar permezz ta' għajnuna bħal dik minflok b'għajnuna skont skema jew tipi oħrajn ta' miżuri (il-paragrafu 55 RAG):

.....

([13]) Sabiex tagħmel dan, tista' pereżempju, tirreferi għall-kriterji numerati fil-paragrafu 40 tar-RAG u/jew għall-pjan direzzjonali tan-negozju tal-benefiċjarju.

([14]) Din il-mistoqsija ma tapplikax għal self sussidjat, self pubbliku ta' kapital ta' ekwità jew partečipazzjonijiet pubbliċi li ma jilħqux il-prinċipju ta' investitur tas-suq, garanziji mill-istat li fihom elementi ta' għajnuna, jew appoġġ pubbliku mogħti fl-ambitu tar-regola *de minimis*.

▼M8

3.2.2. Jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ finanzjarju dirett ([15]), uri għaliex forom ta' għajnuna li potenzjalment ifixklu inqas, bħas-self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità ([16]), mhumiex adattati (il-paragrafu 57 RAG):

.....

3.3. L-effett ta' inċentiv u l-proporzjonalità tal-miżura

3.3.1. Ikkonferma li xogħlijiet fuq l-investiment individwali nnotifikat bdew biss wara li saret l-applikazzjoni għall-għajnuna (il-paragrafu 64 RAG). Ipprovdi kopja tal-applikazzjoni għall-għajnuna mibgħuta mill-benefiċjarju lill-awtorità li tagħti l-għajnuna u prova dokumentata tad-data tal-bidu tax-xogħlijiet.

.....

3.3.2. Spjega l-effett ta' inċentiv tal-għajnuna billi tiddeskrivi x-xenarju kontrofattwali b'referenza għal wieħed miż-żewġ xenarji possibbli stabbiliti fil-paragrafu 61 RAG.

.....

3.3.3. Fil-każijiet tax-Xenarju 1 (jiġifieri d-deċiżjonijiet dwar l-investiment skont il-paragrafu 61 RAG), ipprovdi l-informazzjoni li ġejja (jew irreferi għall-partijiet rilevanti tax-xenarju kontrofattwali ppreżentat) (il-paragrafu 104 RAG):

— il-kalkolu tar-Rata Interna ta' Redditu ("IRR") tal-investiment bl-għajnuna u mingħajrha ([17]):

.....

— informazzjoni dwar punti ta' riferiment rilevanti għall-kumpanija (pereżempju rati normali ta' redditu meħtieġa mill-benefiċjarju biex iwettaq proġetti simili, l-ispejjeż kapitali tal-kumpanija kollha, punti ta' riferiment rilevanti tal-industrija):

.....

— spjegazzjoni għaliex, fuq il-bażi tal-kriterji f'dan il-punt, l-għajnuna hija l-minimu neċessarju biex il-proġett ikun profittabbli biżżejjed (cf. il-paragrafu 79 RAG):

.....

3.3.4. Għal każijiet tax-Xenarju 2 (jiġifieri d-deċiżjonijiet dwar l-investiment skont il-paragrafu 61 RAG), ipprovdi l-informazzjoni li ġejja (jew irreferi għall-partijiet rilevanti tax-xenarju kontrofattwali ppreżentat) (il-paragrafu 105 RAG):

— il-kalkolu fid-differenza tal-Valur Preżenti Nett ("NPV") tal-investiment fiż-żona fil-mira u n-NPV tal-investiment fil-post alternattiv ([18]):

.....

— il-parametri kollha użati għall-kalkolu tal-NPV tal-investiment fiż-żona fil-mira u n-NPV tal-investiment fil-post alternattiv (fost affarijiet oħrajn il-perjodu ta' żmien ikkonċernat, ir-rata ta' skont użata, eċċ.):

.....

([15]) Pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxi, sigurtà soċjali jew imposti oħrajn obbligatorji, jew il-provvista ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet favorevoli, eċċ.

([16]) Pereżempju, self b'rati baxxi tal-imgħax jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew il-forniment b'modi oħra ta' kapital b'termini vantaġġuži.

([17]) Il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat għall-kalkolu tal-IRR għandu jikkorrispondi ma' skedi taż-żmien li normalment huma kkunsidrati mill-industrija għal proġetti simili.

([18]) L-ispejjeż u l-benefiċċji kollha rilevanti jridu jiġu kkunsidrati, inkluż pereżempju, l-ispejjeż amministrattivi, l-ispejjeż tat-trasportl-ispejjeż għat-taħriġ li ma jkunux koperti minn għajnuna għat-taħriġ kif ukoll id-differenzi fil-pagi. Madankollu, f'każ li l-post alternattiv ikun jinsab fiż-ŻEE, is-sussidji mogħtija f'dak il-post l-ieħor ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

▼M8

— spjegazzjoni għaliex, fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel żewġ sottopunti ta' hawn fuq, l-għajnuna ma teċċedix id-differenza bejn in-NPV tal-investiment fiż-żona fil-mira u n-NPV fil-post alternattiv (cf. il-paragrafu 80 RAG):

.....

3.3.5. Jekk l-għajnuna reġjonali hija mogħtija permezz ta' Fondi tal-ESI fir-reġjuni "a" għal investimenti neċessarji biex jinkisbu standards stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, spjega li ġej (u pprovdi dokumentazzjoni ta' sostenn):

— X'inhu l-istandard ikkonċernat?

— Għaliex l-investiment huwa neċessarju għall-ksib tal-istandard?

— Għaliex il-benefiċjarju ma jagħmilx biżżejjed profitt jekk jagħmel l-investiment fiż-żona kkonċernata tant li jwassal għall-għeluq ta' stabbiliment eżistenti fiż-żona fin-nuqqas tal-għajnuna (il-paragrafu 63 RAG)

.....

3.4. L-evitar ta' effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

Għal każijiet tax-xenarju 1

Definizzjoni tas-suq rilevanti

3.4.1. Ipprovdi l-informazzjoni speċifikata f'dan il-punt hawn taħt biex tidentifika s-suq/swieq tal-prodott rilevanti (jiġifieri, prodotti affettwati mill-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna) u biex tidentifika l-kompetituri u l-klijenti/konsumaturi affettwati (il-paragrafu 129 u l-paragrafu 130 RAG):

— Speċifika l-prodott(i) kollha li se jkun(u) manifatturati fil-faċilità megħjuna malli jkun lest l-investiment u indika, fejn huwa xieraq, il-kodiċi NACE jew Prodcom jew in-nomenklatura CPA ([19]) għal proġetti fis-setturi tas-servizzi.

.....

— Il-prodotti previsti mill-proġett se jissostitwixxu kull prodott ieħor manifatturat mill-benefiċjarju (fil-livell ta' grupp)? Liema prodott(i) se jissostitwixxi? Jekk dawn il-prodotti sostitwiti mhumiex manifatturati fil-post tal-proġett, indika fejn qed jiġu manifatturati bħalissa. Ipprovdi deskrizzjoni tar-rabta bejn il-produzzjoni sostitwita u l-investiment kurrenti u pprovdi kalendarju għas-sostituzzjoni.

.....

— Liema prodott(i) ieħor/oħra jista' jiġi manifatturat/jistgħu jiġu manifatturati) bl-istess faċilitajiet ġodda (permezz tal-flessibilità tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-benefiċjarju) bi spiża addizzjonali żgħira jew bl-ebda spiża addizzjonali?

.....

— Spjega jekk il-proġett jikkonċernax prodott intermedju u jekk parti sinifikanti mill-produzzjoni tinbiegħx mod ieħor milli fis-suq (f'kundizzjonijiet tas-suq). Fuq il-bażi ta' dik l-ispjegazzjoni, sabiex ikunu kkalkolati s-sehem mis-suq u ż-żieda fil-kapaċità fil-bqija ta' din it-taqsima, indika jekk il-prodott ikkonċernat huwiex il-prodott previst mill-proġett jew jekk hux prodott downstream.

.....

([19]) Dettalji dwar il-klassifikazzjonijiet kollha huma disponibbli fid-database tal-klassifikazzjonijiet tal-Eurostat, fil-preżent f'din il-link: http://ec.europa.eu/eurostat/data/classifications.

▼M8

— Indika s-suq/swieq tal-prodott rilevanti tal-prodott(i) kkonċernati u, jekk possibbli, ipprovdi prova, minn parti terza indipendenti. Is-suq tal-prodott rilevanti jinkludi l-prodott ikkonċernat u s-sostituti tiegħu fuq in-naħa tad-domanda, jiġifieri prodotti meqjusa bħala sostituti mill-konsumatur (minħabba l-karatteristiċi, il-prezzijiet u l-użu intenzjonat tal-prodott) u mis-sostituti tiegħu fuq in-naħa tal-provvista, jiġifieri prodotti meqjusa bħala sostituti mill-produtturi (permezz tal-flessibilità tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-benefiċjarju u tal-kompetituri tiegħu)

.....

3.4.2. Ipprovdi informazzjoni, u prova, dwar is-suq ġeografiku rilevanti tal-benefiċjarju:

.....

Saħħa fis-Suq (il-paragrafu 115 u l-paragrafu 132(a)RAG)

3.4.3. Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-pożizzjoni tas-suq tal-benefiċjarju (fuq perjodu ta' żmien qabel irċevejt l-għajnuna u l-pożizzjoni tas-suq mistennija wara li jiġi ffinalizzat l-investiment):

— stima tal-bejgħ kollu (f'termini ta' valur u volum) benefiċjarju fis-suq rilevanti (fil-livell ta' grupp).

.....

— stima tal-bejgħ globali tal-produtturi kollha fis-suq rilevanti (f'termini ta' valur u volum). Jekk ikunu disponibbli, inkludi statistiċi ppreparati minn sorsi pubbliċi u/jew indipendenti.

.....

3.4.4. Ipprovdi valutazzjoni tal-istruttura tas-suq rilevanti billi tinkludi, pereżempju, il-livell ta' konċentrazzjoni fis-suq, ostakoli possibbli għad-dħul, is-saħħa tal-bejjiegħ u ostakoli għall-espansjoni jew il-ħruġ. Ġib prova, jekk possibbli minn terzi indipendenti, biex issostni l-konklużjonijiet dwar dan il-punt.

.....

Kapaċità (il-paragrafu 132(a) RAG)

3.4.5. Ipprovdi stima tal-kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali maħluqa mill-investiment (f'termini ta' volum u ta' valur):

.....

Għall-każijiet kollha

Effetti negattivi evidenti

3.4.6. Għal każijiet tax-Xenarju 1, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, u evidenza ta' sostenn, dwar is-suq tal-prodott rilevanti ([20]):

— Minn perspettiva fit-tul is-suq rilevanti huwa strutturalment fi tnaqqis assolut (jiġifieri, qiegħed juri rata ta' tkabbir negattiva)? (il-paragrafu 135 RAG)

.....

— Is-suq rilevanti huwa fi tnaqqis relattiv (jiġifieri, qiegħed juri rata ta' tkabbir pożittiva, iżda mhux iktar minn rata ta' tkabbir normattiva)? (il-paragrafu 135 RAG)

.....

([20]) Meta s-suq ma jkunx sejjer tajjeb daqs kemm mistenni, normalment jitkejjel f'paragun mal-PDG taż-ŻEE tul l-aħħar tliet snin qabel ma jibda l-proġett (rata normattiva); dan jista' jkun stabbilit ukoll fuq il-bażi tar-rati ta' tkabbir mistennijin fit-tlieta sa ħames snin li ġejjin. L-indikaturi jistgħu jinkludu t-tkabbir futur prevedibbli tas-suq ikkonċernat u r-rati tal-użu tal-kapaċità mistennija li jirriżultaw, kif ukoll l-impatt potenzjali taż-żieda fil-kapaċità fuq il-kompetituri permezz tal-effetti li tħalli fuq il-prezzijiet u l-marġnijiet tal-profitt.

▼M8

Fil-każijiet tat-tieni Xenarju, indika jekk, mingħajr l-għajnuna, l-investiment kienx isir f'reġjun b'intensità tal-għajnuna reġjonali ogħla jew daqs ir-reġjun destinatarju (il-paragrafu 139 RAG) Ġib prova.

.....

3.4.7. Ikkonferma jekk il-benefiċjarju ppreżentax stqarrija li fiha hu jikkonferma li, fil-livell ta' grupp, ma għalaqx l-istess attività jew waħda simili fiż-ŻEE fis-sentejn ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna u mhux biħsiebu jagħlaq l-istess attività jew waħda simili xi mkien ieħor fiż-ŻEE fis-sentejn wara t-tlestija tal-investiment (il-paragrafu 23 RAG).

Jekk ġiet ipprovduta stqarrija ta' dak it-tip, ehmeż kopja tagħha mannotifika, inkella, spjega għaliex ma ġietx ipprovduta.

.....

3.4.8. Jekk il-benefiċjarju fil-livell ta' grupp għalaq l-istess attività jew waħda simili f'żona oħra fiż-ŻEE fis-sentejn ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jew biħsiebu jagħlaqha fis-sentejn wara t-tlestija tal-investiment, u rriloka dik l-attività fiż-żona fil-mira, jew biħsiebu jirrilokaha, spjega għaliex jikkunsidra li ma hemm l-ebda rabta kawżali bejn l-għajnuna u r-rilokazzjoni (il-paragrafu 122 RAG).

.....

3.4.9. Spjega jekk l-għanuna mill-Istat tirriżultax direttament f'telf sostanzjali ta' impjiegi f'postijiet eżistenti fiż-ŻEE. Jekk l-għajnuna mill-Istat tirriżulta f'telf sostanzjali ta' impjiegi f'postijiet eżistenti fiż-ŻEE, indika l-għadd tagħhom u l-proporzjon meta mqabbla mat-total tal-impjiegi tal-post(ijiet) ikkonċernat(i).

.....

4. **Informazzjoni oħra**

Ipprovdi kull informazzjoni rilevanti oħra biex tiġi vvalutata l-miżura ta' għajnuna notifikata skont l-RAG:

.....

PARTI III.1.B

Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar skemi ta' għajnuna għall-investiment reġjonali

Din il-formula ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża biex tiġi notifikata kull skema ta' għajnuna għall-investiment koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat 2014-2020 ([21]) *(l-"RAG").*

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

1.1. Ir-raġunijiet għan-notifika tal-iskema minflok ma ġiet implimentata skont ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ("GBER") ([22]) jew ir-Regolament *de minimis* ([23]):

(a) ☐ In-notifika hi relatata ma' skema settorjali F'dak il-każ indika s-settur kopert mill-iskema (kodiċi NACE):

(b) ☐ In-notifika hi relatata ma' skema ġenerali li tkopri wkoll is-settur tat-tarzna.

([21]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1).

([22]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

([23]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013 p. 1).

▼**M8**

(c) ☐ Oħrajn. Speċifika:

.....

1.2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema notifikata

1.2.1. Nikkonferma li l-bażi ġuridika għall-iskema notifikata tipprevedi obbligu ta' notifika lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna individwali mogħtija lil benefiċjarji li għalqu l-istess attività jew waħda simili ([24]) fiż-ŻEE matul is-sentejn qabel id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew li fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna jkollhom l-intenzjoni li jagħlqu attività ta' dak it-tip fi żmien perjodu ta' sentejn wara li jitlesta l-investiment li jrid jiġi ssussidjat (paragrafu 23 tar-RAG).

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

1.2.2. Nikkonferma li l-iskema ta' għajnuna nnotifikata tagħmel dispożizzjoni biex ma tingħata l-ebda għajnuna għall-investiment reġjonali lil kategoriji ta' kumpaniji u setturi elenkati hawn taħt. F'kull każ, elenka id-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika tal-iskema.

Kategoriji ta' kumpaniji u setturi esklużi	Dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika tal-iskema
Impriżi f'diffikultà ([1])	
Is-settur tal-azzar ([2])	
Is-settur tal-fibri sintetiċi ([2])	
Il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE	
Ipproċessar u/jew kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-TFUE ([3]) fi prodotti elenkati f'dak l-Anness I	
Il-produzzjoni, l-ipproċessar u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tas-sajd u prodotti tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tat-TFUE	
Is-settur tat-trasport ([4])	
Is-settur tal-enerġija	

([1]) Kif definit fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristruttur ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([2]) Kif definit fl-Anness IV tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020.

([3]) Il-Linji Gwida għall-Għajnuna Reġjonali japplikaw għal skemi ta' għajnuna li jsostnu attivitajiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE, iżda koperti mir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487) u li huma kofinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jew jingħataw bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali skemi kofinanzjati, sakemm regoli settorjali ma jistipulawx mod ieħor.

([4]) Kif definit fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

([24]) "L-istess attività jew waħda simili" tfisser attività li taqa' fl-istess klassi (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Rev. 2.

▼M8

1.2.3. Jekk l-iskema tkopri għajnuna għall-investiment għal netwerks tal-broadband, speċifika hemmx konformità ma' kull waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ☐ l-għajnuna tingħata biss għal żoni fejn ma hemmx netwerk tal-istess kategorija (jew netwerk tal-broadband bażiku jew netwerks ta' aċċess ta' ġenerazzjoni ġdida (new generation access networks)) u fejn aktarx mhu se jiġi żviluppat l-ebda netwerk fil-futur qrib;

(b) ☐ l-operatur tan-netwerk issussidjat joffri aċċess bl-ingrossa attiv u passiv b'kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji bil-possibbiltà ta' diżaggregazzjoni sħiħa u effikaċi;

(c) ☐ l-għajnuna għandha tiġi allokata fuq il-bażi ta' proċess ta' għażla kompetittiva f'konformità mal-paragrafi 78(c) u (d) tal-Linji Gwida dwar il-Broadband ([25]);

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

1.2.4. Jekk l-iskema tkopri għajnuna għal infrastrutturi tar-riċerka, l-għajnuna tingħata bil-kundizzjoni li jingħata aċċess trasparenti u mhux diskriminatorju għal din l-infrastruttura?

(a) ☐ Le

(b) ☐ Iva. Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

2. **L-investiment inizjali, l-ispejjeż eliġibbli u għajnuna**

2.1. Tipi ta' investimenti inizjali koperti mill-iskema

2.1.1. F'każ li l-iskema tkopri investimenti f'żoni "a" minn SMEs jew Intrapriżi Kbar ([26]) jew investimenti minn SME(s) fiż-żoni "c" (il-paragrafu 34 RAG), speċifika l-kategorija jew kategoriji tal-investiment inizjali kkonċernat min-notifika (il-paragrafu 20(h) RAG):

(a) ☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

(b) ☐ l-estensjoni tal-kapaċità ta' stabbiliment eżistenti

(c) ☐ id-diversifikazzjoni tar-rendiment ta' stabbiliment fi prodotti li qatt ma ġew prodotti fl-istabbiliment

(d) ☐ bidla fundamentali fil-proċess kollu tal-produzzjoni ta' stabbiliment eżistenti

(e) ☐ akkwiżizzjoni ta' assi marbutin direttament ma' stabbiliment sakemm l-istabbiliment ikun għalaq jew kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li jinxtara minn investitur li mhuwiex relatat mal-bejjiegħ ([27])

2.1.2. F'każ li l-iskema tkopri investimenti fiż-żoni "c" minn Intrapriżi Kbar, speċifika l-kategorija jew kategoriji ta' investiment inizjali soġġetti tan-notifika (il-paragrafu 15 u l-paragrafu 20(i) RAG):

(a) ☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid?

(b) ☐ id-diversifikazzjoni tal-attività ta' stabbiliment, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida ma tkunx l-istess attività jew waħda simili ([28]) għall-attività li kienet titwettaq qabel fl-istabbiliment?

([25]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband (ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1).

([26]) "SMEs" tfisser impriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([27]) Is-sempliċ akkwist tal-ishma ta' kumpanija ma jikkwalifikax bħala investiment inizjali.

([28]) "L-istess attività jew waħda simili" tfisser attività li taqa' fl-istess klassi (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Rev. 2.

▼**M8**

(c) ☐ diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti fi prodotti ġodda?

(d) ☐ proċess ġdid ta' innovazzjoni fi stabbiliment eżistenti?

(e) ☐ l-akkwiżizzjoni tal-assi li jappartjenu lil stabbiliment li jkun għalaq jew li kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li nxtara minn investitur li mhux relatat mal-bejjiegħ, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida li għandha titwettaq permezz tal-użu tal-assi akkwistati ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività li twettqet fl-istabbiliment qabel l-akkwiżizzjoni?

2.1.3. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika fejn huwa stipulat li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata dwar kull għajnuna individwali li għandha tingħata skont il-bażi ġuridika tal-iskema lil intrapriżi kbar f'żoni "c"għal (il-paragrafi 24 34 RAG):

(a) id-diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti għal prodotti ġodda;

(b) il-proċess ġdid tal-innovazzjoni fi stabbiliment eżistenti.

.....

2.1.4. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika fejn hu stipulat li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata b'kull għajnuna individwali li għandha tingħata fuq il-bażi ġuridika tal-iskema li tkun twassal biex il-limitu ta' notifika jinqabeż ([29]) (il-paragrafu 23 RAG).

.....

2.2. L-ispejjeż eliġibbli kkalkolati abbażi tal-ispejjeż ta' investiment

2.2.1. Meta n-nefqa eliġibbli (il-paragrafu 20(x) RAG) bl-iskema tirrigwarda assi tanġibbli, il-valur tal-investiment huwa stabbilit bħala perċentwali fuq il-bażi ta' art, bini u impjanti, makkinarju u tagħmir? ([30]):

(a) ☐ l-art

(b) ☐ il-bini

(c) ☐ l-impjant/il-makkinarju/it-tagħmir?

Ipprovdi r-referenza tal-partijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

2.2.2. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bazi ġuridika li tistipula li l-assi miksuba għandhom ikunu ġodda ([31])? (il-paragrafu 94 RAG)

.....

.....

2.2.3. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika fejn huwa stipulat li fil-każ tal-SMEs mhux aktar minn 50 % tal-ispejjeż ta' studji preparatorji jew l-ispejjeż ta' konsulenza marbuta mal-investiment jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ispejjeż eliġibbli (il-paragrafu 95 RAG).

.....

.....

2.2.4. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika li tistipula li għall-għajnuna mogħtija għal bidla fundamentali fil-proċess tal-produzzjoni, l-ispejjeż eliġibbli jaqbżu d-deprezzament tal-assi marbuta

([29]) Il-limitu massimu ta' notifika huwa definit fil-paragrafu 20(n) RAG.

([30]) Fis-settur tat-trasport, in-nefqa fuq ix-xiri ta' tagħmir tat-trasport ma tistax tiġi inkluża fis-sett uniformi ta' partiti tan-nefqa. Dik in-nefqa mhix eliġibbli għal investiment inizjali.

([31]) Din id-dispożizzjoni ma għandhiex għalfejn tapplika għal SMEs jew fil-każ ta' akkwiżizzjoni ta' stabbiliment.

▼**M8**

mal-attività li jiġu mmodernizzati matul it-tliet snin fiskali preċedenti (il-paragrafu 96 RAG).

.....

.....

2.2.5. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika li tistipula li għall-għajnuna mogħtija għal diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti, l-ispejjeż eliġibbli huma mill-inqas 200 % iktar mill-valur kontabilistiku tal-assi li jintużaw mill-ġdid, kif irreġistrat fis-sena fiskali ta' qabel il-bidu tax-xogħlijiet (il-paragrafu 97 RAG).

.....

.....

2.2.6. F'każijiet li jinvolvu l-kiri ta' assi tanġibbli, agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li tistipula li l-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu rispettati (il-paragrafu 98 RAG).

— għal art u bini, il-kirja trid tkompli għal mill-inqas ħames snin wara d-data li fiha huwa mistenna jitlesta l-investiment fil-każ ta' kumpaniji kbar, u tliet snin fil-każ ta' SMEs;

.....

— għal impjanti jew makkinarju, il-kirja trid tingħata fil-forma ta' lokazzjoni finanzjarja u jrid ikun fiha obbligu min-naħa tal-benefiċjarju tal-għajnuna li jixtri l-assi meta jiskadi t-terminu tal-lokazzjoni.

.....

2.2.7. Il-paragrafu 99 RAG jistipula li “Fil-każ ta' akkwiżizzjoni ta' stabbiliment, huma biss il-kostijiet tax-xiri tal-assi minn partijiet terzi mhux relatati mal-bejjiegħ li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni. It-tranżazzjoni trid isseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Meta tkun diġà ngħatat l-għajnuna għall-akkwiżizzjoni ta' assi qabel ma jinxtraw, il-kostijiet ta' dawn l-assi għandhom jitnaqqsu mill-ispejjeż eliġibbli relatati mal-akkwiżizzjoni ta' stabbiliment. Jekk l-akkwiżizzjoni ta' stabbiliment tkun akkumpanjata minn investiment addizzjonali eliġibbli għall-għajnuna, l-ispejjeż eliġibbli ta' dan l-aħħar investiment għandhom jiġu miżjuda mal-kostijiet tax-xiri tal-assi tal-istabbiliment.”.

Jekk rilevanti għall-iskema notifikata, agħti referenza għad-dispożizzjonijiet tal-bażi ġuridika li jistipulaw li l-kundizzjonijiet f'dan il-punt għandhom jiġu rispettati.

.....

2.2.8. Fejn in-nefqa eliġibbli fl-iskema tirrigwarda assi intanġibbli (il-paragrafu 20(j) RAG), il-valur tal-investiment huwa stabbilit fuq il-bażi tal-ispiża tat-trasferiment tat-teknoloġija bl-akkwist ta' drittijiet privattivi, liċenzji, għarfien jew tagħrif tekniku mingħajr privattiva?

(a) ☐ id-drittijiet tal-privattivi

(b) ☐ il-liċenzji

(c) ☐ l-għarfien

(d) ☐ l-għarfien tekniku mhux kopert bil-privattiva

Ipprovdi r-referenza għall-partijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

▼M8

2.2.9. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika fejn huwa stipulat li għall-impriżi kbar l-ispejjeż ta' investiment eliġibbli intanġibbli m'għandhomx ikun iktar minn50 % tal-ispejjeż eliġibbli ta' investiment totali tal-proġett (il-paragrafu 100 RAG).

.....

2.2.10. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika fejn huwa stipulat li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 101-102 RAG ([32]) għandhom jiġu rrispettati.

.....

2.3. L-ispejjeż eliġibbli kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-pagi

Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika fejn huwa stipulat kif għandhom ikunu stabbiliti l-ispejjeż eliġibbli kkalkolat fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-pagi (il-paragrafu 103 RAG), kif l-għadd ta' impjiegi maħluqa għandu jiġi kkalkolat b'referenza għall-paragrafu 20(k) RAG u kif l-ispejjeż tal-pagi tal-persuni mikrija għandhom jiġu stabbiliti b'referenza għall-paragrafu 20(z) RAG.

.....

2.4. Kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli skontati

2.4.1. Indika liema tipi ta' għajnuna huma permessi skont l-iskema:

(a) ☐ għotjiet. Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

(b) ☐ self aġevolat. Indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

(c) ☐ il-garanziji. Indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

(d) ☐ miżuri fiskali. Speċifika liema tip ta' miżuri u indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

(e) ☐ oħrajn. Speċifika u indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

([32]) Il-paragrafu 101 RAG jistipula li assi intanġibbli li huma eliġibbli għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-investimenti jridu jibqgħu assoċjati maż-żona megħjuna kkonċernata u ma għandhomx jiġu ttrasferiti għal reġjuni oħra. Għal dak il-għan, l-assi intanġibbli jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
— għandhom jintużaw esklussivament fl-istabbiliment li qed jirċievi l-għajnuna:
— iridu jkunu jistgħu jiġu ammortizzati;
— iridu jinxtraw skont il-kundizzjonijiet tas-suq minn terzi mhux relatati max-xerrej. Il-paragrafu 102 RAG jistipula li l-assi intanġibbli jridu jiġu inklużi fl-assi tal-impriża li tkun qed tirċievi l-għajnuna u jridu jibqgħu assoċjati mal-proġett li għalih tkun ingħatat l-għajnuna għal mhux inqas minn ħames snin (tliet snin fil-każ ta' SMEs).

▼M8

2.4.2. L-iskema ta' għajnuna hija eliġibbli biex tkun kofinanzjata minn Fondi tal-ESI? Jekk iva,semmi b'liema programmi operattivi tal-fondi tal-ESI jista' jinkiseb finanzjament. Indika wkoll l-ammont ta' finanzjament mill-fondi tal-ESI li se jkun involut, jekk ikun magħruf f'dan l-istadju.

.....

2.4.3. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li, qabel ma tagħti l-għajnuna individwali mill-iskema notifikata, l-awtorità li tagħti l-għajnuna għandha tistabbilixxi jekk il-benefiċjarju (fil-livell tal-grupp) irċiviex għajnuna għal investiment inizjali wieħed (jew iktar) mibdi fl-istess reġjun NUTS3 f'perjodu ta' tliet snin mid-data tal-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment.

.....

2.4.4. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li l-ammont totali ta' għajnuna li tingħata bl-iskema għal kull proġett ta' investiment inizjali ma jkunx iktar mill-"intensità massima ta' għajnuna" (kif definit fil-paragrafu 20(m) RAG), billi titqies l-intensità ta' għajnuna ogħla għall-SMEs (kif determinat fil-paragrafu 177 RAG) jew l-"ammont aġġustat ta' għajnuna" (kif definit fil-paragrafu 20(c) RAG), fejn applikabbli.

.....

2.4.5. Agħti r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li meta l-għajnuna individwali tingħata minn bosta skemi ta' għajnuna reġjonali jew flimkien ma' għajnuna *ad hoc*, l-intensità massima permissibbli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-proġett tiġi kkalkolata bil-quddiem mill-ewwel awtorità li tagħti l-għajnuna? (il-paragrafu 92 RAG)

.....

2.4.6. Fejn l-iskema ta' għajnuna tippermetti għajnuna għall-investiment inizjali marbuta ma' proġett tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE), agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw (b'referenza għad-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 93 RAG) kif jiġu stabbiliti l-intensità massima ta' għajnuna applikabbli għall-proġett u l-benefiċjarji differenti involuti.

.....

3. **Valutazzjoni tal-kompatibilità tal-iskema ta' għajnuna**

3.1. Kontribuzzjoni għal objettiv reġjonali u l-ħtieġa għal intervent mill-Istat

L-iskema hija parti minn Programm Operattiv ([33]) (il-paragrafu 32 RAG)?

☐ Iva. Ipprovdi r-referenza/i għall-Programm(i) Operattiv(i) ikkonċernat(i):

.....

☐ Le. Spjega kif l-iskema hija konsistenti u tikkontribwixxi għall-istrateġija ta' żvilupp taż-żona kkonċernata (il-paragrafu 33 RAG):

.....

3.1.1. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li fihom ir-rekwiżit li ssir Stima tal-Impatt Ambjentali ("EIA") għall-investimenti kkonċernati qabel l-għoti ta' għajnuna lil proġetti individwali, meta hekk ikun meħtieġ bil-liġi (il-paragrafu 39 RAG).

.....

([33]) Il-Programm Operattiv jew il-programm ta' żvilupp definit fil-kuntest tal-Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jew il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (EMFF).

▼M8

3.1.2. Spjega kif l-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna se jagħtu prijorità u jagħżlu l-proġetti ta' investiment skont l-għanijiet tal-iskema (pereżempju, fuq il-bażi tal-approċċ ta' punteġġ formali) (il-paragrafu 33 RAG). Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika jew atti amministrattivi relatati oħra.

.....

3.1.3. Spjega kif, meta tagħti l-għajnuna lil proġetti ta' investiment individwali mill-iskema notifikata, l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tistabbilixxi li l-proġett(i) magħżul(a) jikkontribwixxi/u għall-għan tal-iskema u, għal-hekk, għall-istrateġija ta' żvilupp taż-żona kkonċernata. (il-paragrafu 35 RAG)

.....

3.1.4. Spjega kif id-dispożizzjoni li tirrikjedi li kull investiment li jingħata appoġġ bl-iskema notifikata se jinżamm fiż-żona kkonċernata għal mill-inqas ħames snin (tliet snin għall-SMEs) wara li jitlesta u jkun implimentat (il-paragrafu 36 RAG). Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi ġuridika.

.....

3.1.5. F'każijiet fejn l-għajnuna mogħtija bl-iskema notifikata hija kkalkolata fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-pagi, spjega l-metodu ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-impjiegi jinħolqu fi żmien tliet snin minn meta jitlesta l-investiment u li kull impjieg maħluq permezz tal-investiment għandu jinżamm fiż-żona kkonċernata għal perjodu ta' ħames snin (tliet snin għall-SMEs) mid-data meta l-pożizzjoni tkun imtliet l-ewwel darba (il-paragrafu 37 RAG). Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika.

.....

3.1.6. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika fejn huwa stipulat li l-benefiċjarji jridu jipprovdu kontribuzzjoni ta' mill-inqas 25 % tal-ispejjeż eliġibbli, mir-riżorsi tagħhom stess jew permezz ta' finanzjament estern, f'għamla li hija eżenti minn kull appoġġ finanzjarju pubbliku ([34]) (il-paragrafu 38 RAG).

.....

3.1.7. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li juru li l-iskema għandha tirrispetta l-limiti ta' pjan tal-għajnuna reġjonali applikabbli fi żmien l-għotja tal-għajnuna (il-paragrafu 81 RAG). Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-pjan tal-għajnuna reġjonali kkonċernat.

.....

3.2. L-adegwatezza tal-iskema

3.2.1. Jekk l-iskema mhijiex eliġibbli skont il-Programm Operattiv, spjega għaliex l-għajnuna reġjonali hija strument xieraq biex jiġi indirizzat l-għan komuni ta' ekwità jew koeżjoni ([35]) (il-paragrafu 52 RAG):

.....

([34]) Din il-mistoqsija ma tapplikax għal self sussidjat, self pubbliku ta' kapital ta' ekwità jew parteċipazzjonijiet pubbliċi li ma jilħqux il-prinċipju ta' investitur tas-suq, garanziji mill-istat li fihom elementi ta' għajnuna, jew appoġġ pubbliku mogħti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regola *de minimis*.

([35]) Għal dan l-għan tista' ssir referenza, fost l-oħrajn, għal valutazzjonijiet tal-impatt tal-iskema proposta jew valutazzjonijiet *ex post* ta' skemi simili.

▼**M8**

3.2.2. Meta l-iskema hija speċifika għal xi settur u mhijiex eliġibbli għal kofinanzjament mill-Fondi Strutturali, uri l-vantaġġi ta' dak l-istrument meta mqabbel ma' skema multisettorjali jew għażliet oħrajn ta' politika (il-paragrafu 53 RAG):

.....

3.2.3. Għajnuna individwali bl-iskema notifikata tingħata:

☐ awtomatikament, jekk il-kundizzjonijiet tal-iskema jiġu ssodisfati jew

☐ b'mod diskrezzjonali, wara deċiżjoni tal-awtoritajiet?

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

Jekk għajnuna hija maħsuba biex tingħata fuq bażi diskrezzjonali, ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-kriterji li ġew segwiti u ehmeż kopja tad-dispożizzjonijiet amministrattivi interni tal-awtorità li tagħti l-għajnuna applikabbli għall-għoti tal-għajnuna:

.....

3.2.4. Jekk l-għajnuna mill-iskema tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ finanzjarju dirett ([36]), uri għaliex forom oħrajn ta' għajnuna li potenzjalment ifixklu inqas bħal self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ekwità ([37]), mhumiex xierqa (il-paragrafu 57 RAG):

.....

3.3. L-effett ta' inċentiv u l-proporzjonalità tal-iskema

3.3.1. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li kull applikazzjoni għall-għajnuna għandha tiġi ppreżentata qabel ma jinbeda x-xogħol fuq il-proġett ta' investiment ikkonċernat (il-paragrafu 64 RAG).

.....

3.3.2. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li dawk li japplikaw għal għajnuna mill-iskema notifikata se jkunu obbligati jippreżentaw formola ta' applikazzjoni standard ipprovduta mill-awtorità li tagħti l-għajnuna li fiha jridu jispjegaw x'jiġri jekk ma jirċevux l-għajnuna u indika liema minn mix-xenarji (Xenarju 1 — deċiżjoni ta' investiment jew Xenarju 2 — deċiżjoni dwar il-post) japplikaw (il-paragrafu 66 u l-paragrafu 61 RAG). Jekk dik il-formola tal-applikazzjoni tkun differenti mill-eżempju mogħti fl-Anness V għar-RAG, ipprovdi kopja ta' dik l-applikazzjoni.

.....

([36]) Pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxi, sigurtà soċjali jew imposti oħrajn obbligatorji, jew il-provvista ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet favorevoli, eċċ.

([37]) Pereżempju, self b'rati baxxi tal-imgħax jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew il-forniment b'modi oħra ta' kapital b'termini vantaġġuži.

▼**M8**

3.3.3. Ippruvdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li Intrapriżi Kbar li japplikaw għall-għajnuna mill-iskema notifikata huma meħtieġa jipprovdu prova biex tissostanzja x-xenarju kontrafattwali deskritt. (il-paragrafu 67 RAG). Spjega wkoll x'tip ta' dokumenti se jkunu meħtieġa.

.....

3.3.4. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li meta tivvaluta applikazzjonijiet għal għajnuna individwali, l-awtorità li tagħti l-għajnuna hija obbligata twettaq verifika tal-kredibilità tax-xenarju kontrafattwali pprovdut u tivverifika li l-għajnuna reġjonali għandha l-effett ta' inċentiv meħtieġ li jikkorrispondi għax-Xenarju 1 jew ix-Xenarju 2 ([38]) (il-paragrafu 68 RAG).

.....

3.3.5. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li għajnuna individwali mogħtija lill-Intrapriżi Kbar bl-iskema notifikata se tkun limitata għall-ispejjeż netti żejda marbuta mal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbla max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna, bl-użu tal-metodu spjegat fil-paragrafu 79 u l-paragrafu 80 RAG (il-paragrafu 88 RAG).

.....

3.4. L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

3.4.1. Spjega kif se jitnaqqas kemm jista jkun it-tfixkil fil-kompetizzjoni u l-kummerċ kkawżati mill-iskema ta' għajnuna nnotifikata (il-paragrafu 125 RAG) ([39]):

.....

3.4.2. Agħti referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li meta tagħti għajnuna mill-iskema għal proġetti individwali, l-awtorità li tagħti l-għajnuna trid tivverifika u tikkonferma li mingħajr l-għajnuna l-investiment ma kienx isir f'reġjun b'intensità tal-għajnuna reġjonali ogħla jew daqs tar-reġjun li għalih hija maħsuba (il-paragrafu 126 RAG).

.....

3.4.3. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li meta tagħti għajnuna mill-iskema għal proġetti individwali, l-awtorità li tagħti l-għajnuna jeħtieġ li tinnotifika l-għotjiet tal-għajnuna individwali f'każijiet li fihom il-benefiċjarju jkun għalaq l-istess attività jew waħda simili f'żona oħra fiż-ŻEE matul is-sentejn qabel id-data ta' applikazzjoni għall-għajnuna jew fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna jkollu l-intenzjoni li jagħlaq attività ta' dak it-tip f'perjodu ta' sentejn wara li jitlesta l-investiment li se jiġi ssussidjat. (il-paragrafu 122 RAG)

.....

([38]) Xenarju kontrofattwali jitqies kredibbli jekk ikun ġenwin u jekk ikun jirrigwarda l-fatturi prevalenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet fiż-żmien li fih il-benefiċjarju jieħu d-deċiżjoni dwar l-investiment.

([39]) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-probabilità ta'effetti negattivi, l-Istat Membru jista' jippreżenta kull valutazzjoni tal-impatt li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, kif ukoll evalwazzjonijiet ex-post li twettqu qabel għal skemi simili preċedenti (kif speċifikat fil-paragrafu 125 RAG).

▼M8

4. **Informazzjoni oħra**

Ipprovdi kull informazzjoni oħra li hija rilevanti biex tiġi vvalutata l-miżura ta' għajnuna notifikata skont l-RAG:

.....

PARTI III.1.C

Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar skemi tal-għajnuna operatorja reġjonali

Din il-formula ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża biex tiġi notifikata kull skema ta' għajnuna operattiva koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat 2014-2020 ([40]) *(l-"RAG").*

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

(a) Speċifika x'tip ta' għajnuna operatorja se tingħata:

i. ☐ Għajnuna operatorja biex jonqsu ċerti diffikultajiet speċifiċi affaċċati mill-SMEs fiż-żoni "a"

ii. ☐ Għajnuna operatorja biex tikkumpensa spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi

iii. ☐ Għajnuna operatorja biex tnaqqas id-depopolazzjoni f'żoni skarsament popolati

iv. ☐ Oħrajn. Speċifika:

.....

.....

(b) L-iskema ta' għajnuna notifikata tipprovdi li ma tingħatax l-ebda għajnuna operatorja lil kategoriji ta' kumpaniji u setturi li ġejjin? F'kull każ, elenka id-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika tal-iskema.

Kategoriji ta' kumpaniji u setturi eskluži	Impriżi f'diffikultà ([1])	Dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika tal-iskema
Is-settur tal-azzar ([2])	☐ iva	
Is-settur tal-fibri sintetiċi ([2])	☐ iva	
Il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE	☐ iva	
Ipproċessar u/jew kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-TFUE ([3]) fi prodotti elenkati f'dak l-Anness I	☐ iva	
Il-produzzjoni, l-ipproċessar u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tas-sajd u prodotti tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tat-TFUE	☐ iva	
Is-settur tat-trasport	☐ iva	
Is-settur tal-enerġija	☐ iva	

([40]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1).

▼**M8**

Kategoriji ta' kumpaniji u setturi eskluži	Impriżi f'diffikultà [1]	Dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika tal-iskema
Taqsima K "Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni" tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Rev. 2	☐ iva	
NACE 70.10 "Attivitajiet ta' uffiċċji prinċipali" u NACE 70.22 "Negozju u attivitajiet oħra ta' konsulenza maniġerjali"	☐ iva	

([1]) Kif definit fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([2]) Kif definit fl-Anness IV tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020.

([3]) Il-Linji Gwida għall-Għajnuna Reġjonali japplikaw għal skemi ta' għajnuna li jsostnu attivitajiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE iżda li huma koperti mir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali (ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487)) u huma kofinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jew jingħataw bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal skemi ta' dak it-tip kofinanzjati, sakemm ma jkunx hemm regoli settorjali li jistipulaw mod ieħor.

2. **Elementi bażiċi tal-Iskema**

2.1. Ipprovdi deskrizzjoni tal-elementi ewlenin tal-iskema u l-objettivi tagħha:

.....

2.2. Indika liema tipi ta' għajnuna huma permessi skont din l-iskema:

(a) ☐ Għotjiet. Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

(b) ☐ Self aġevolat. Indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

(c) ☐ Garanziji. Indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

(d) ☐ Miżuri fiskali. Speċifika liema huma u indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

(e) ☐ Oħrajn. Speċifika u indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....

2.3. L-għajnuna individwali tal-iskema notifikata se tingħata:

(a) ☐ b'mod awtomatiku, jekk il-kundizzjonijiet tal-iskema jitwettqu

(b) ☐ b'mod diskrezzjonali, wara deċiżjoni tal-awtoritajiet.

▼M8

Jekk l-għajnuna tingħata skont kull każ individiwali, jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-kriterji li se jiġu applikati. Jekk teżisti gwida amministrattiva għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok ehmeż kopja tagħha:

.....

2.4. L-iskema tal-għajnuna se tiġi kofinanzjata mill-Fondi ESI? Jekk iva, spjega skont liema programmi operattivi se jinkiseb il-finanzjament minn Fondi ESI. Indika wkoll l-ammont ta' finanzjament minn Fondi ESI li se jkun involut.

.....

3. **Kompatibilità tal-għajnuna**

3.1. Kontribuzzjoni lejn l-għan reġjonali u l-effett ta' inċentiv:

Għal għajnuna li tnaqqas ċerti diffikultajiet speċifiċi li jaffaċċaw l-SMEs ([41]) *fiż-żoni "a"*

3.1.1. Elenka d-diffikultajiet speċifiċi affaċċati mill-SMEs fir-reġjun ikkonċernat li għandu jiġi indirizzat mill-iskema (il-paragrafu 43 RAG) u uri l-eżistenza u l-importanza ta' dawn id-diffikultajiet (il-paragrafu 44 RAG).

.....

3.1.2. Spjega għaliex id-diffikultajiet elenkati fil-punt 3.1.1 ma jistgħux jingħelbu mill-għajnuna għall-investiment u għalhekk hija meħtieġa l-iskema għall-għajnuna operatorja notifikata (il-paragrafu 44 RAG):

.....

Għal għajnuna biex tikkumpensa ċerti spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi

3.1.3. Identifika l-ispejjeż addizzjonali speċifiċi ([42]) li se jiġu kkumpensati mill-iskema u uri kif dawk l-ispejjeż huma marbutin mal-iżvantaġġi permanenti stabbiliti fl-Artikolu 349 TFUE (il-paragrafu 45 RAG):

.....

Għal għajnuna biex titnaqqas id-depopolazzjoni f'żoni skarsament popolati

3.1.4. Uri r-riskju ta' depopolazzjoni taż-żona rilevanti fl-assenza ta' għajnuna operatorja (il-paragrafu 46 RAG):

.....

3.2. L-adegwatezza tal-iskema

Indika għaliex l-għajnuna proposta hija kkunsidrata xierqa biex jinkiseb l-objettiv tal-iskema. Spjega b'mod partikolari għaliex strumenti oħra ta' politika li jfixklu inqas u tipi oħra ta' strumenti ta' għajnuna li jfixklu inqas mhumiex xierqa biex tinkiseb l-istess kontribuzzjoni pożittiva għall-iżvilupp reġjonali (il-paragrafi 50, 56, 57, 58 RAG):

.....

3.3. Proporzjonalità tal-iskema

Għat-tipi kollha ta' għajnuna operatorja

([41]) "SMEs" tfisser impriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju — ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

([42]) F'dan ir-rigward, innota li għajnuna operatorja biex tikkumpensa għal kostijiet addizzjonali tat-trasport ta' oġġetti li ġew prodotti f'żoni eliġibbli għal għajnuna operatorja tista' tingħata biss f'konformità mar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ("ĠBER") fissehħ fil-mument tal-għotja.

▼**M8**

3.3.1. Iddetermina l-ispejjeż eliġibbli li huma kompletament attribwibbli għall-problemi li l-għajnuna għandha l-għan li tindirizza, (il-paragrafu 109 RAG):

.....

3.3.2. Ikkonferma li imposti tad-deprezzament u l-ispejjeż tal-finanzjament inklużi fl-ispejjeż eliġibbli rilevanti għal għajnuna għall-investiment reġjonali, ma jiġux inklużi fl-ispejjeż eliġibbli għal għajnuna operatorja (il-paragrafu 109 RAG), u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika.

.....

3.3.3. Iddeskrivi l-mudell ta' kumpens (il-paragrafu 56 RAG) li se jiġi adottat u kif dak il-mudell se jippermetti kalkolu xieraq tal-ammont ta' għajnuna, billi jiżgura li ma jkun hemm ebda kumpens żejjed kif definit fil-paragrafu 109 RAG:

.....

3.3.4. Indika jekk għajnuna operatorja hijiex mogħtija wkoll permezz ta' skemi oħra ta' għajnuna operatorja fir-reġjun, billi ssemmi r-referenza rilevanti tal-għajnuna mill-Istat ta' dawk l-iskemi.

.....

3.3.5. F'każ li skemi oħra ta' għajnuna operatorja huma applikabbli fl-istess reġjun, spjega kif huwa assigurat li għajnuna operatorja mogħtija skont skemi differenti ta' għajnuna operatorja ma jwassalx għal kumpens żejjed:

.....

Għal għajnuna operatorja f'żoni ultraperiferiċi biss

3.3.6. Uri li l-ispejjeż addizzjonali li għandhom jiġu kumpensati skont l-iskema notifikata se jiġu kkwantifikati b'rabta mal-livell tal-ispejjeż imġarrba minn intrapriżi simili stabbiliti f'reġjuni oħra tal-Istat Membru kkonċernat (il-paragrafu 110 RAG):

.....

Għal għajnuna operatorja biex jitnaqqsu ċerti diffikultajiet speċifiċi affaċċati mill-SMEs f'ċerti żoni "a" biss

3.3.7. Spjega kif il-livell ta' għajnuna se jitnaqqas progressivament tul il-perjodu tal-iskema (il-paragrafu 111 RAG) u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika.

.....

3.4. L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

Spjega għaliex mhux probabbli li l-għajnuna mogħtija skont l-iskema se toħloq tfixil sinifikanti ħafna fil-kompetizzjoni fis-suq (il-paragrafu 140 RAG):

.....

4. **Informazzjoni oħra**

Ipprovdi kull informazzjoni oħra li hija rilevanti biex tiġi vvalutata l-miżura ta' għajnuna notifikata skont l-RAG:

.....

▼M8

PARTI III.2

Formola ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża sabiex tiġi notifikata kull miżura ta' għajnuna (skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali) koperta mill-Qafas għall-għajnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (“il-Qafas għar-RŻI”) ([43]).

F'każ li jkun hemm bosta benefiċjarji involuti f'miżura ta' għajnuna waħda, jeħtieġ li tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti għal kull wieħed minnhom.

1. **Karatteristiċi tal-miżura ta' għajnuna notifikata**

1.1. Skemi ta' għajnuna

A) Raġunijiet għan-notifika tal-iskema:

(a) ☐ l-iskema tinkludi fiha għajnuna li mhijiex trasparenti skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ([44]);

(b) ☐ raġunijiet oħra.

Speċifika:

.....

.....

B) Il-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-iskema notifikata:

.....

.....

C) Immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li kull għajnuna mogħtija mill-iskema notifikata se tiġi notifikata individwalment jekk taqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-GBER:

☐

1.2. Għajnuna individwali

A) F'każ li l-għajnuna tkun ibbażata fuq skema approvata, ipprovdi l-informazzjoni dwar dik l-iskema, inkluża r-referenza għall-pubblikazzjoni tagħha (indirizz fuq il-web) u n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha tal-għajnuna mill-Istat tagħha:

.....

.....

B) Jekk applikabbli, ipprovdi r-rata tal-kambju li ntużat għall-finijiet tan-notifika:

.....

.....

1.3. Informazzjoni ġenerali

A) Speċifika t-tip ta' għajnuna:

(a) ☐ għajnuna għal proġetti ta' R&Ż;

(b) ☐ għajnuna għal istudji tal-fattibbiltà;

(c) ☐ għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib ta' infrastrutturi tar-riċerka;

([43]) ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1.

([44]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

▼**M8**

(d) ☐ għajnuna għall-innovazzjoni għall-SMEs;

(e) ☐ għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċessi u fl-organizzazzjoni;

(f) ☐ għajnuna għar-raggruppamenti ta' innovazzjoni.

B) Il-miżura notifikata tinvolvi finanzjament mill-Unjoni amministrat ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

C) Il-miżura notifikata tinvolvi impriżi f'diffikultà, kif definiti mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji li jinsabu f'diffikultà ([45])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

D) Il-miżura notifikata tinvolvi impriżi li huma soġġetti għal ordni ta' rkupru pendenti skont deċiżjoni meħuda qabel li tkun iddikjarat li għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika u indika l-ammonti li għad iridu jiġu rkuprati:

.....

.....

E) Il-miżura notifikata tinvolvi organizzazzjonijiet ta' riċerka u tqassim tal-għarfien ("organizzazzjonijiet ta' riċerka") jew infrastrutturi tar-riċerka, kif iddefiniti fil-punti 15(ee) u (ff) tal-Qafas RŻI?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

F) Il-miżura notifikata tinvolvi akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

G) L-għajnuna mogħtija skont il-miżura notifikata tista' tingħata flimkien ma' għajnuna oħra?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

([45]) ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

▼**M8**

H) Jekk applikabbli, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt sabiex tikkonferma li l-benefiċjarji huma konformi mad-definizzjoni ta' SME stabbilita fl-Anness I tal-GBER u, għal għajnuna individwali, agħti l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti:

☐

.....

.....

2. **Organizzazzjonijiet ta' riċerka u infrastrutturi tar-riċerka**

A) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka kkonċernati mill-miżura ta' għajnuna notifikata jwettqu xi attività ekonomika li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew servizzi f'suq partikolari?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

B) Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' għamla ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, iż-żewġ tipi ta' attivitajiet u l-ispejjeż, il-finanzjament u d-dħul tagħhom jistgħu jiġu separati minn xulxin b'mod ċar?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

C) Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' għamla ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, l-ammont ta' finanzjament pubbliku allokat lilha għal perjodu kontabilistiku speċifiku huwa limitat għall-ispejjeż tal-attivitajiet mhux ekonomiċi mġarrbin fl-istess perjodu?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

D) Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' għamla ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, l-użu ekonomiku jibqa' purament anċillari, jiġifieri jikkorrispondi għal attività li hija meħtieġa u direttament marbuta mal-operat tal-organizzazzjoni ta' riċerka jew l-infrastruttura tar-riċerka jew intrinsikament marbuta mal-użu mhux ekonomiku ewlieni tagħha, u li hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika u indika s-sehem tal-kapaċità kumplessiva li tintuża jew li hija stmata li tintuża għat-tali attivitajiet ekonomiċi fis-sena:

.....

.....

E) Jekk huwa pprovdut finanzjament pubbliku għall-attivitajiet ekonomiċi mhux anċillari tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew tal-infrastrutturi tar-riċerka, jista' jintwera li kemm il-finanzjament pubbliku kif ukoll kull vantaġġ miksub bih jingħaddew kompletament lid-destinatarju finali, pereżempju permezz ta' prezzijiet imraħħsin, u li ma jingħata ebda vantaġġ ieħor lill-intermedjarju?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

▼M8

3. **Għajnuna indiretta mill-istat lil impriżi permezz ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-infrastrutturi ta' riċerka**

3.1. Riċerka f'isem l-impriżi

A) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka kkonċernati mill-miżura ta' għajnuna notifikata jwettqu riċerka kuntrattata jew ifornu servizzi ta' riċerka lill-impriżi?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

B) Jekk l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu riċerka kuntrattata jew jipprovdu servizzi ta' riċerka lil impriżi, dawk is-servizzi jipprovduhom bi prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

C) Jekk l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu riċerka kkuntrattata jew jipprovdu servizzi ta' riċerka lil impriżi u ma hemm ebda prezz tas-suq, dawk is-servizzi jipprovduhom bi prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha tas-servizzi u li ġeneralment jinkludi marġni stabbilit b'referenza għal dawk applikati b'mod ġenerali minn impriżi attivi fis-settur ikkonċernat, jew huwa r-riżultat tan-negozjati bil-kundizzjonijiet normali tas-suq li fihom l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jinnegozjaw sabiex jiksbu l-ikbar benefiċċju ekonomiku meta jkun qed jiġi konkluż il-kuntratt u mill-inqas ikopru l-ispejjeż marġinali tagħhom?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

3.2. Kollaborazzjoni ma' intrapiżi

A) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka milquta mill-miżura ta' għajnuna notifikata jikkollaboraw ma' impriżi bil-għan li jwettqu proġetti speċifiċi b'mod konġunt?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

B) Jekk l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jikkollaboraw b'mod effettiv ma' impriżi, indika jekk humiex issodisfati xi whud mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impriżi parteċipanti jġarrbu l-ispiża kollha tal-proġetti;

☐ iva ☐ le

(b) ir-riżultati tal-kollaborazzjoni li ma jwasslux għal drittijiet tal-proprjetà intellettwali ("DPI") jistgħu jitqassmu sew u kull DPI li jirriżulta mill-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew infrastrutturi tar-riċerka jiġu allokati kompletament lilhom

☐ iva ☐ le

▼M8

(c) kull DPI li jirriżulta mill-proġett, kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess relatati jiġu allokati lill-imsieħba ta' kollaborazzjoni differenti b'mod li jirrifletti kif xieraq il-pakketti ta' ħidma, il-kontribuzzjonijiet u l-interessi rispettivi tagħhom

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għal xi waħda mill-mistoqsijiet ta' hawn fuq hija iva, agħti iktar dettalji:

.....

.....

C) Jekk l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jikkollaboraw b'mod effettiv ma' impriżi u ma tweġibx iva għall-ebda waħda mill-mistoqsijiet (B), indika jekk hijiex issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu kumpens li l-ammont tiegħu ġie stabbilit permezz ta' proċedura ta' bejgħ kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja:

☐ iva ☐ le

(b) l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu kumpens li l-ammont tiegħu huwa kkonfermat li tal-inqas jilħaq il-prezz minimu skont valutazzjoni ta' espert indipendenti:

☐ iva ☐ le

(c) l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jistgħu juru li nnegozjaw b'mod effettiv il-kumpens, fil-kundizzjonijiet tas-suq normali, sabiex jiksbu l-benefiċċju ekonomiku massimu meta ġie konkluż il-kuntratt:

☐ iva ☐ le

(d) f'każijiet li fihom il-ftehim ta' kollaborazzjoni jipprovdi lill-impriżi li jikkollaboraw bi dritt tal-ewwel ċaħda fir-rigward tad-DPI iġġenerat mill-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka, dawn tal-aħħar jeżerċitaw dritt reċiproku li jfittxu offerti iktar ekonomikament vantaġġużi mingħand terzi sabiex l-impriżi li jikkollaboraw ikollhom jilħqu l-offerta tagħhom kif xieraq.

☐ iva ☐ le

Jekk kull waħda mill-mistoqsijiet f'din it-taqsima twieġbet "iva", agħti iktar dettalji:

.....

.....

4. **Akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp**

A) Jekk il-miżura notifikata tinvolvi akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp mingħand l-impriżi, il-forniturijintgħażlu permezz ta' proċedura ta' offerta miftuħa mwettqa skont id-direttivi applikabbli ([46])?

☐ iva ☐ le

([46]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65) u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

▼**M8**

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

B) Fil-każijiet kollha l-oħrajn li fihom il-miżura notifikata tinvolvi l-akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp mingħand impriżi, inkluż l-akkwist prekummerċjali, indika jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proċedura tal-għażla hija miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, u bbażata fuq kriterji ta' għażla u ta' għoti li huma oġġettivi u speċifikati qabel issir il-proċedura tal-offerti

☐ iva ☐ le

Jekk le, ipprovdi dettalji biex tindika jekk ġietx segwita proċedura kompetittiva, trasparenti u mhux diskriminatorja f'konformità mad-direttivi applikabbli (pereżempju, proċedura kompetittiva b'negozjati, sħubija ta' innovazzjoni, djalogu kompettitiv):

....

(b) l-arranġamenti kuntrattwali previsti li jiddeskrivu d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet, inkluż fir-rigward tad-DPI, ikunu disponibbli għall-offerenti interessati kollha qabel il-proċedura tal-offerti:

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

(c) l-akkwist ma jagħtix trattament preferenzjali lil xi wieħed mill-parteċipanti fil-forniment ta' volumi kummerċjali tal-prodotti finali jew ta' servizzi lil xerrej pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat ([47]), u waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi sodisfatta:

— ir-riżultati kollha li ma jwasslux għal DPI jistgħu jitqassmu b'mod ġenerali b'mod li impriżi oħrajn ikunu jistgħu jirriproduċuhom, u kull DPI jiġi allokat bis-sħiħ lix-xerrej pubbliku, jew

— kull fornitur ta' servizzi li lilu jiġu allokati riżultati li jwasslu għal DPI huwa meħtieġ jagħti lix-xerrej pubbliku aċċess illimitat għal dawk ir-riżultati mingħajr ħlas, u jagħti aċċess lil terzi bil-kundizzjonijiet tas-suq.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

5. **Deskrizzjoni tal-miżura ta' għajnuna notifikata**

5.1. Għajnuna għall-proġetti ta' R&Ż

A) Indika liema stadji tar-R&Ż qed jingħataw appoġġ mill-miżura notifikata:

(a) ☐ riċerka fundamentali;

([47]) Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li jkopru kemm l-iżvilupp kif ukoll l-akkwist sussegwenti ta' prodotti jew servizzi uniċi jew speċjalizzati.

▼**M8**

(b) ☐ riċerka industrijali;

(c) ☐ l-iżvilupp sperimentali.

B) Għal għajnuna individwali, jekk il-proġett ikopri kategoriji differenti tar-riċerka, elenka u kkwalifika l-kompiti differenti divisi skont il-kategoriji tar-riċerka fundamentali, ir-riċerka industrijali jew l-iżvilupp sperimentali:

.....

.....

C) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għal għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

	Riċerka fundamentali	Riċerka industrijali	Żvilupp sperimentali
Spejjeż tal-persunal			
Spejjeż tal-istrumenti u l-apparat			
Spejjeż tal-bini u l-art			
Spejjeż tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u l-privattivi mixtrijin jew illiċenzjati minn sorsi esterni b'kundizzjonijiet tas-suq normali			
Spejjeż ġenerali addizzjonali mġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett			
Spejjeż operattivi oħrajn			

D) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna:

	Intrapriża żgħira	Intrapriża ta' daqs medju	Intrapriża kbira
Riċerka fundamentali			
Riċerka industrijali			
— soġġetta għal kollaborazzjoni effettiva bejn impriżi (għal intrapriżi kbar transkonfinali jew ma' mill-inqas SME waħda) jew bejn impriża u organizzazzjoni ta' riċerka; jew — soġġetta għat-tixrid fil-wiesgħa tar-riżultati			
Żvilupp sperimentali			
— soġġetta għal kollaborazzjoni effettiva bejn impriżi (għal intrapriżi kbar transkonfinali jew ma' tal-inqas SME waħda) jew bejn impriża u organizzazzjoni ta' riċerka; jew — soġġetta għat-tixrid fil-wiesgħa tar-riżultati			

5.2. Għajnuna għall-istudji tal-fattibbiltà

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

.....

.....

▼**M8**

B) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna, inkluża kull żieda għall-SMEs (“bonuses fil-każ ta' SMEs”):

.....

.....

5.3. Għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib ta' infrastrutturi tar-riċerka

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

.....

.....

B) Speċifika l-intensità massima applikabbli tal-għajnuna:

.....

.....

C) Jekk l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-ispejjeż ta' finanzjament u d-dħul ta' kull tip ta' attività huma meqjusa għalihom fuq il-bażi ta' prinċipji kontabilistiċi tal-ispejjeż ġustifikabbli b'mod oġġettiv u applikati b'konsistenza:

☐

Għal għajnuna individwali, ipprovdi l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti:

.....

.....

D) Jekk l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu finanzjament pubbliku kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' rkupru li jiżgura li ma tinqabiżx l-intensità massima applikabbli tal-għajnuna:

☐

Ipprovdi informazzjoni u provi rilevanti:

.....

.....

E) Il-prezz mitlub għall-operat jew l-użu tal-infrastruttura tar-riċerka jikkorrispondi għal prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Speċifika:

.....

.....

F) L-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka huwa miftuħ għal bosta utenti fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja?

☐ iva ☐ le

F'każ li jingħata aċċess preferenzjali lil ċerti impriżi, agħti d-dettalji u indika s-sehem tal-ispejjeż ta' investiment imġarrbin minn dawk l-impriżi:

.....

.....

▼**M8**

5.4. L-għajnuna lill-SMEs għall-innovazzjoni

A) Indika liema attivitajiet qed jingħataw appoġġ mill-miżura notifikata:

(a) ☐ il-kisba, il-validazzjoni u d-difiża ta' privattivi u assi intanġibbli oħrajn;

(b) ☐ is-sekondar ta' persunal ferm ikkwalifikat;

(c) ☐ ix-xiri ta' servizzi ta' konsulenza u appoġġ fl-innovazzjoni.

B) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

.....

.....

C) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna:

.....

.....

5.5. L-għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni

A) Indika liema attivitajiet qed jingħataw appoġġ mill-miżura notifikata:

☐ innovazzjoni fil-proċess;

☐ l-innovazzjoni fl-organizzazzjoni.

B) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

Spejjeż tal-persunal	
Spejjeż tal-istrumenti u t-tagħmir (sa fejn hu meħtieġ għall-użu fil-proġett u tul il- perjodu ta-proġett)	
Spejjeż tal-bini u l-art (puntsa fejn hu meħtieġ għall-użu fil-proġett u għall-tul il- perjodu użati fil-ta-proġett)	
Spejjeż tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u l-privattivi mixtrijin jew illiċenzjati minn sorsi esterni b'kundizzjonijiet tas-suq normali	
Spejjeż ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħrajn imġarrbin direttament minħabba l-proġett ta' riċerka	

C) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna:

.....

.....

D) Meta l-għajnuna tingħata lil intrapriżi kbar, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li effettivament jikkollaboraw ma' SMEs fl-attività megħjuna u l-SMEs li jikkollaboraw iġarrbu tal-inqas 30 % tal-ispejjeż eliġibbli totali:

☐

Għal għajnuna individwali, ipprovdi l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti:

.....

.....

▼**M8**

5.6. Għajnuna għar-raggruppamenti ta' innovazzjoni

A) Immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-għajnuna tingħata b'mod esklussiv lill-entità legali li topera r-raggruppament ta' innovazzjoni:

☐

Għal għajnuna individwali, aġħti d-dettalji:

.....

.....

B) It-tariffi mitlubin għall-użu tal-faċilitajiet tar-raggruppamenti u l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tar-raggruppamenti jikkorrispondu għall-prezz tas-suq jew jirriflettu l-ispejjeż tagħhom?

☐ iva ☐ le

Speċifika:

.....

.....

C) L-aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-raggruppamenti huwa miftuħ għal bosta utenti fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja?

☐ iva ☐ le

F'każ li jingħata aċċess preferenzjali lil ċerti impriżi, aġħti d-dettalji u indika s-sehem tal-ispejjeż ta' investiment imġarrbin minn dawk l-impriżi:

.....

.....

D) Għal għajnuna individwali, ipprovdi informazzjoni dwar l-ispeċjalizzazzjoni ppjanata jew mistennija tar-raggruppament ta' innovazzjoni, il-potenzjal reġjonali eżistenti u l-preżenza ta' raggruppamenti fl-Unjoni bi skopijiet simili:

.....

.....

5.6.1. L-għajnuna għall-investiment

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

.....

.....

B) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna, inkluża kull żieda (“bonuses”) għal raggruppamenti li jinsabu f'reġjuni assistiti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 107(3)(a) jew 107(3)(c) TFUE:

.....

.....

5.6.2. Għajnuna operatorja

A) Indika liema attivitajiet huma sostnuti mill-miżura notifikata:

(a) ☐ l-animazzjoni tar-raggruppament;

(b) ☐ il-kummerċjalizzazzjoni tar-raggruppament;

(c) ☐ il-ġestjoni tal-faċilitajiet tar-raggruppament;

(d) ☐ l-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u konferenzi.

▼**M8**

B) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

.....

.....

C) Speċifika l-intensità massima applikabbli tal-għajnuna u t-tul ta' żmien tal-għajnuna:

.....

.....

6. **Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna notifikata**

Għal għajnuna individwali, agħti deskrizzjoni komprensiva tal-proġett jew l-attività megħjuna:

.....

.....

6.1. Il-kontribut lejn għan ta' interess komuni li huwa definit sew

A) Iddefinixxi bl-eżatt l-għan li jrid jintlaħaq u spjega kif il-miżura notifikata għandha l-għan li tippromwovi attivitajiet ta' RŻI fl-Unjoni:

.....

.....

B) Fil-każ ta' skema ta' għajnuna, hija parti minn programm komprensiv jew pjan ta' azzjoni li jistimola attivitajiet ta' RŻI jew strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti?

☐ iva ☐ le

Speċifika, fejn rilevanti għandek tinkludi wkoll referenza għal evalwazzjonijiet ta' miżuri ta' għajnuna simili fl-imgħoddi:

.....

.....

Għajnuna individwali

A) Id-daqs tal-proġett se jikber minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' tkabbir u pprovdi evidenza rilevanti:

(a) ☐ żieda fl-ispejjeż totali tal-proġett (mingħajr tnaqqis fl-infiq mill-benefiċjarju tal-għajnuna meta mqabbel mas-sitwazzjoni mingħajr għajnuna);

(b) ☐ żieda fl-għadd ta' nies assenjati għall-attivitajiet tar-RŻI;

(c) ☐ tip ieħor ta' żieda.

.....

.....

B) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett se jitwessa' minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' tkabbir u pprovdi evidenza rilevanti:

(a) ☐ żieda fl-għadd ta' riżultati mistennija mill-proġett;

▼**M8**

(b) ☐ żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-proġett evidenzjata minn għadd akbar ta' sħab involuti, probabbiltà oġħla ta' avvanzi deċiżivi xjentifiċi jew teknoloġiċi jew riskju oġħla ta' fallliment (notevolment b'rabta man-natura fit-tul tal-proġett u l-inċertezza dwar ir-riżultati tiegħu);

(c) ☐ tip ieħor ta' żieda.

.....

.....

C) Il-veloċità tal-proġett se tiżdied minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi l-evidenza rilevanti:

.....

.....

D) L-ammont tan-nefqa totali se jiżdied minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' tkabbir u pprovdi evidenza rilevanti:

(a) ☐ żieda fl-infiq totali għar-RŻI min-naħa tal-benefiċjarju tal-għajnuna, f'termini assoluti jew bħala proporzjon tal-fatturat;

(b) ☐ bidliet fil-baġit impenjat għall-proġett (mingħajr tnaqqis korrispondenti fil-baġit allokat għal proġetti oħra);

(c) ☐ tip ieħor ta' żieda.

.....

.....

E) Il-miżura notifikata se tkun soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, disponibbli pubblikament, tal-kontribut tagħha għall-interess komuni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

.....

.....

6.2. Ħtieġa ta' intervent mill-Istat

A) Identifika l-fallimenti tas-suq li qed ixekklu l-attivitajiet ta' RŻI f'dan il-każ u li jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' għajnuna mill-istat u pprovdi evidenza rilevanti:

(a) ☐ esternalitajiet pożittivi/tixrid tal-għarfien;

(b) ☐ tagħrif imperfett jew asimettriku;

(c) ☐ falliment fil-koordinazzjoni u n-netwerking.

.....

.....

B) Spjega kif il-miżura notifikata tista' tnaqqas b'mod effettiv il-fallimenti tas-suq assoċjati mal-ilħuq tal-għan ta' interess komuni mingħajr l-għajnuna

.....

.....

▼**M8**

6.2.1. Għajnuna individwali

A) Spjega jekk l-għajnuna tindirizzax falliment ġenerali tas-suq fir-rigward tal-attivitajiet ta' RŻI fl-Unjoni, jew falliment speċifiku tas-suq rigward, pereżempju, settur partikolari jew linja tan-negozju:

.....

.....

B) Jekk disponibbli, ipprovdi kull paragun settorjali u studju ieħor li jista' jissostanzja l-analiżi tal-fallimenti allegati tas-suq:

.....

.....

C) Jekk disponibbli, ipprovdi kull informazzjoni dwar proġetti jew attivitajiet ta' RŻI mwettqa fl-Unjoni li, fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, jixbhu lil dawk ikkonċernati mill-miżura notifikata u spjega għaliex hemm bżonn tal-għajnuna fil-każ ikkonċernat:

.....

.....

6.3. Adegwatezza tal-miżura tal-għajnuna

A) Spjega kif ġew stabbiliti l-vantaġġi tal-użu ta' strument ta' politika selettiva bħall-għajnuna mill-istat sabiex jiżdiedu l-attivitajiet ta' RŻI, u pprovdi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt relatata u dokument ta' sostenn:

.....

.....

B) Jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ finanzjarju dirett (bħal għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis fit-taxxa jew miżati obbligatorji oħra, jew il-forniment ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet vantaġġużi), ipprovdi analiżi ta' possibbiltajiet oħrajn u spjega għaliex jew kif forom oħrajn ta' għajnuna huma inqas adattati biex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq identifikati:

.....

.....

6.4. Effett ta' inċentiv

A) Immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li meta tingħata l-għajnuna mill-miżura notifikata, se jiġi żgurat li l-ħidma fuq l-attivitajiet rilevanti ta' RŻI mhijiex diġà se tkun bdiet qabel ma l-benefiċjarju japplika għall-għajnuna mal-awtoritajiet nazzjonali ([48]) u, għal għajnuna individwali, speċifika d-dati rilevanti:

☐

.....

.....

B) Immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jinkludu tal-inqas l-isem tal-applikant u d-daqs tal-impriża, deskrizzjoni tal-proġett, inklużi fejn se jsir u d-dati tal-bidu u tmiem, l-ammont ta' appoġġ pubbliku meħtieġ biex isir, u l-lista tal-ispejjeż eliġibbli:

☐

.....

.....

([48]) Jekk l-applikazzjoni għall-għajnuna tkun għal proġett ta' R&Ż, din ma teskludix li l-benefiċjarju potenzjali jkun diġà wettaq studji tal-fattibbiltà li mhumiex koperti mit-talba għall-għajnuna.

▼**M8**

C) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' miżura fiskali, ipprovdi d-detalji u, għal miżuri mhux inkrementali, kull studju ta' evalwazzjoni li jistabbilixxi l-effett ta' inċentiv tagħha:

.....

.....

6.4.1. Għajnuna individwali

A) Agħti deskrizzjoni, permezz ta' analiżi kontrafattwali, tal-imġiba tal-benefiċjarju fin-nuqqas tal-għajnuna u speċifika l-bidla intenzjonata:

.....

.....

B) Speċifika l-elementi li huma rilevanti għall-miżura notifikata u agħti evidenza ta' sostenn, bħal dokumenti tal-bord, valutazzjonijiet ta' riskju, rapporti finanzjarji, pjanijiet kummerċjali interni, opinjonijiet ta' esperti u studji oħrajn marbutin mal-proġett ivvalutat:

(a) ☐ il-livell ta' profitabilità;

(b) ☐ l-ammont ta' investiment u l-perjodu ta' żmien tal-flussi tal-flus;

(c) ☐ il-livell ta' riskju involut.

.....

.....

C) Jekk disponibbli, ipprovdi dejta speċifika għall-industrija li turi li x-xenarju kontrafattwali tal-benefiċjarju, il-livell meħtieġ ta' profittabilità tiegħu u l-flussi tal-flus mistennija tiegħu huma raġonevoli:

.....

.....

6.5. Il-proporzjonalità tal-għajnuna

A) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' self bil-quddiem li jitħallas lura mogħti bħala ekwivalenti gross tal-għotja, agħti dettalji dwar il-metodoloġija applikata sabiex tiġi kkalkolata l-għotja grossa ekwivalenti, inkluża dejta verifikabbli sottostanti jew, għal għajnuna individwali, speċifika fuq il-bażi ta' liema skema ta' għajnuna approvata tingħata l-għajnuna:

.....

.....

Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' self li jitħallas lura mogħti bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli u taqbeż, b'mhux iktar minn 10 punti perċentwali, l-intensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti fil-Qafas tar-RŻI, ikkonferma li:

(a) ☐ fil-każ li l-eżitu jkun suċċess, il-miżura notifikata tipprovdi li s-self irid jitħallas lura b'rata ta' imgħax li ma tkunx inqas mir-rata ta' skont li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont ([49]);

([49]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

▼**M8**

(b) ☐ fil-każ ta' suċċess li jmur lil hinn l-eżitu definit bħala wieħed ta' suċċess, l-Istat Membru kkonċernat jitlob pagamenti ogħla mir-ripagament tal-ammont tas-self inkluż l-imgħax skont ir-rata ta' skont applikabbli;

(c) ☐ fil-każ ta' falliment jew suċċess parzjali, ir-ripagament ikun proporzjonat mal-grad ta' suċċess miksub.

Agħti dettalji dwar ir-ripagament tas-self u ddefinixxi biċ-ċar liema eżitu ikun meqjus suċċess għall-attivitajiet megħjuna, fuq il-bażi ta' ipoteżi raġonevoli u prudenti:

.....

.....

B) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' miżura fiskali, speċifika kif inhuma kkalkolati l-intensitajiet tal-għajnuna u pprovdi kull dettall rilevanti:

☐ fuq il-bażi tal-proġetti individwali;

☐ fil-livell tal-impriża, bħala l-proporzjon bejn l-agevolazzjoni tat-taxxa kumplessiva u s-somma tal-ispejjeż eliġibbli kollha tar-RŻI mġarrbin f'perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin fiskali konsekuttivi.

.....

.....

6.5.1. Għajnuna individwali

A) Ipprovdi pjan ta' direzzjoni tan-negozju komprensiv għall-proġett megħjun (bl-għajnuna u mingħajr), inklużi l-ispejjeż u l-benefiċċji rilevanti kollha mistennija:

.....

.....

Jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna jkollu jagħmel għażla ċara bejn it-twettiq tal-proġett megħjun jew it-twettiq ta' ieħor mingħajr l-għajnuna, ipprovdi wkoll pjan ta' direzzjoni tan-negozju komprensiv għall-proġett kontrafattwali:

.....

.....

B) Fin-nuqqas ta' proġett alternattiv, spjega għaliex l-għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ għall-proġett megħjun sabiex ikun profittabbli biżżejjed, pereżempju billi jkun possibbli li tinkiseb rata ta' redditu interna ("RRI") li tikkorrispondi għar-rata "hurdle" jew normattiva speċifika għas-settur jew l-impriża:

.....

.....

C) Jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna jkollu jagħmel għażla ċara bejn it-twettiq tal-proġett megħjun jew ta' proġett ieħor alternattiv mingħajr l-għajnuna, spjega għaliex l-għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ sabiex tkopri l-ispejjeż netti żejda tal-proġett megħjun meta mqabbel mal-proġett kontrafattwali, jekk rilevanti billi tqis il-probabilitajiet ta' xenarji tan-negozju differenti li jseħħu:

.....

.....

▼**M8**

Ipprovdi kull dokument ta' sostenn, bħal dokumenti interni tal-kumpanija, li juri li l-proġett kontrafattwali jikkonsisti fi proġett alternattiv prevedibbli biżżejjed u definit ċar li jkun tqies mill-benefiċjarju fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni tiegħu:

.....

.....

D) Spjega kif ġie stabbilit l-ammont tal-għajnuna u pprovdi kull dokument ta' sostenn:

.....

.....

E) Jekk ikun hemm diversi kandidati potenzjali biex iwettqu l-attività megħjuna, l-għajnuna tingħata fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

F) Jekk l-għajnuna għandha l-għan li tindirizza distorsjonijiet diretti jew indiretti attwali jew potenzjali tal-kummerċ internazzjonali ipprovdi kull evidenza disponibbli li tindika li, b'mod dirett jew indirett, il-kompetituri li jinsabu barra l-Unjoni Ewropea (normalment fl-aħħar tliet snin) jew se jirċievu għajnuna b'intensità ekwivalenti għal proġetti simili:

.....

.....

Jekk disponibbli, ipprovdi wkoll biżżejjed informazzjoni li tivvaluta l-ħtieġa li jitqies il-vantaġġ kompetittiv li jgawdi kompetitur minn pajjiż terz:

.....

.....

6.6. L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

Indika jekk:

(a) l-għoti tal-għajnuna huwiex soġġett għall-obbligu min-naħa tal-benefiċjarju li jkollu s-sede ċentrali tiegħu, jew ikun stabbilit primarjament, fl-Istat Membru rilevanti;

☐ iva ☐ le

(b) l-għoti tal-għajnuna huwiex soġġett għall-obbligu min-naħa tal-benefiċjarju li juża prodotti jew servizzi nazzjonali;

☐ iva ☐ le

(c) il-miżura ta' għajnuna tillimitax il-possibbiltà min-naħa tal-benefiċjarju sabiex jisfrutta r-riżultati tar-RŻI fi Stati Membri oħrajn:

☐ iva ☐ le

(d) il-miżura ta' għajnuna timponix xi obbligu ieħor fuq il-benefiċjarju:

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għal kull waħda mill-mistoqsijiet f'din it-taqsima hija iva, agħti iktar dettalji:

.....

.....

▼**M8**

6.6.1. Skema ta' għajnuna

Għal skemi ta' għajnuna, indika kif se jiġi żgurat li kull effett negattiv se jkun minimizzat (filwaqt li jitqies, pereżempju, id-daqs tal-proġetti kkonċernati, l-ammonti ta' għajnuna individwali u kumulattivi, l-għadd ta' benefiċjarji mistenni u l-karatteristiċi tas-setturi fil-mira) u pprovdi kull valutazzjoni tal-impatt jew evalwazzjonijiet *ex post* imwettqin għal skemi simili li saru qabel:

.....

.....

6.6.2. Għajnuna individwali

A) Jekk applikabbli, iddeskrivi l-impatt mistenni tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni fil-proċess ta' innovazzjoni:

.....

.....

B) Identifika s-swieq tal-prodotti li fihom x'aktarx li l-għajnuna jkollha impatt u pprovdi s-sehem mis-suq attwali tal-benefiċjarju f'kull wieħed mis-swieq ikkonċernati, kif ukoll kull bidla f'dawk l-ishma tas-suq li tirriżulta mill-attivitajiet megħjuna:

.....

.....

C) Għal kull wieħed mis-swieq tal-prodotti kkonċernati, identifika l-kompetituri ewlenin tal-benefiċjarju tal-għajnuna u agħti l-ishma mis-suq tagħhom:

.....

.....

Jekk disponibbli, ipprovdi l-Indiċi Herfindahl-Hirschman ("HHI") assoċjat:

.....

.....

D) Għal kull wieħed mis-swieq tal-prodotti kkonċernati, ipprovdi l-informazzjoni dwar il-klijenti jew il-konsumaturi milqutin mill-attivitajiet megħjuna:

.....

.....

E) Iddeskrivi l-istruttura u d-dinamika tas-swieq rilevanti fir-rigward tal-aspetti li ġejjin:

(a) l-iżviluppi riċenti u l-prospettivi ta' tkabbir fil-ġejjieni;

.....

.....

(b) l-ammont li nefqu l-atturi ewlenin fuq proġetti li jixxiebhu:

.....

.....

(c) il-livelli ta' ostakoli għad-dħul u l-ħruġ:

.....

.....

(d) l-eżistenza ta' setgħa kompensatorja tax-xerrej:

.....

.....

(e) l-inċentivi biex wieħed jikkompeti għal swieq futuri:

.....

.....

▼M8

(f) id-differenzjazzjoni tal-prodott u l-intensità tal-kompetizzjoni:

.....

.....

(g) karatteristiċi oħrajn li x'aktarx li jaffettwaw lill-kompetituri, lill-klijenti jew lill-konsumaturi:

.....

.....

F) Il-benefiċjarju tal-għajnuna għandu xi influwenza fil-proċess tal-għażla, pereżempju billi jkollu d-dritt li jirrakkomanda impriżi jew jinfluwenza l-pjan direzzjonali tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

G) L-għajnuna tingħata fi swieq li fihom kapaċità eċċessiva jew industriji li sejrin lura?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

H) Il-benefiċjarju kkunsidra xi postijiet alternattivi għall-attivitajiet megħjuna?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

7. **Informazzjoni oħra**

Ipprovdi kull informazzjoni oħra li tkun rilevanti biex tiġi vvalutata l-miżura ta' għajnuna notifikata skont il-Qafas RŻI:

.....

.....

PARTI III.3.A

Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għas-salvataġġ ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà: għajnuna individwali

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid timtela sabiex tiġi notifikata għajnuna individwali għas-salvataġġ koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([50]) *("Linji Gwida").*

1. **Eliġibbiltà**

1.1. Impriżi f'diffikultà

A) L-impriża hija kumpanija b'responsabbiltà limitata ([51]), fejn iktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt ikun għeb bħala riżultat tat-telf akkumulat ([52])?

☐ iva ☐ le

([50]) ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

([51]) Dan jirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([52]) Dan hu l-każ meta t-tnaqqis ta' telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi kollha l-oħra li ġeneralment huma kkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv li jkun għola minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt.

▼**M8**

B) L-impriża hija kumpanija li fiha tal-inqas uħud mill-membri għandhom responsabbiltà limitata għad-dejn tal-kumpanija ([53]), u fejn iktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija għeb minħabba telf akkumulat?

☐ iva ☐ le

C) L-impriża hija soġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza kollettivi jew tissodisfa l-kriterji tal-liġi domestika tagħha biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq talba tal-krediturі tagħha?

☐ iva ☐ le

D) Fil-każ ta' impriża li mhijiex SME:

— il-proporzjon bejn dejn kontabilistikku u ekwità tal-impriża kien iktar minn 7,5 fl-aħħar sentejn

u

— il-proporzjon ta' kopertura tal-imgħax EBITDA tal-impriża kien inqas minn 1,0 fl-aħħar sentejn?

☐ iva ☐ le

E) Jekk weġibt iva għal xi waħda mill-mistoqsijiet fit-taqsimiet minn A sa D, elabora t-tweġiba, billi fiha tinkludi referenzi għall-provi ta' sostenn jew għad-dokumenti pprovduti fl-Anness (l-aħħar rapporti tal-introjtu bil-karti bilanċjali, jew id-deċiżjoni tal-qorti li tiftaħ proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fir-rigward tal-kumpanija jew evidenza li ġew issodisfati l-kriterji sabiex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza fuq talba tal-krediturі skont il-liġi nazzjonali, eċċ.).

1.2. Impriża li tkun qed tiffaċċa ħtieġa ta' likwidità serja:

Jekk tqis li l-benefiċjarju huwa eliġibbli għal għajnuna għas-salvataġġ anki jekk ma jikkwalifikax bħala impriża f'diffikultà, spjega għaliex tqis li għandu ħtiġijiet ta' likwidità serji minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevisti u inkludi referenza għall-evidenza jew dokumenti ta' sostenn (pereżempju projettazzjonijiet tal-fluss tal-flus).

1.3. Impriża/grupp kummerċjali kbir maħluqa ġodda:

A) Meta nħolqot l-impriża?

.....

B) Kemm ilha topera l-impriża?

.....

C) Il-kumpanija tagħmel parti minn grupp kummerċjali ikbar?

☐ iva ☐ le

D) Jekk it-tweġiba għall-punt C hija "iva", niżżel id-dettalji sħaħ dwar il-grupp (l-organigramma, li turi r-rabtiet bejn il-membri tal-grupp bid-dettalji fuq id-drittijiet tal-vot u l-kapital) u uri li d-diffikultajiet

([53]) Dan jirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmijin fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.

▼M8

tal-kumpanija huma intrinsiċi u mhumiex kaġun ta' allokazzjoni arbitrarja tal-ispejjeż fil-grupp, u li d-diffikultajiet huma serji wisq biex isolvihom il-grupp stess.

1.4. Ambitu settorjali:

L-impriża hija attiva:

A) fis-settur tal-faħam ([54]): ☐ iva ☐ le

B) fis-settur tal-azzar ([55]): ☐ iva ☐ le

C) f'setturi koperti minn regoli speċifiċi għall-istituzzjonijiet finanzjarji ([56]): ☐ iva ☐ le

2. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

2.1. Kontribut għal għan ta' interess komuni:

A) Il-benefiċjarju jinsab f'reġjun jew reġjuni (fil-livell NUTS II) fejn ir-rata tal-qgħad hija waħda minn dawn li ġejjin:

— ogħla mill-medja tal-Unjoni, persistenti u hemm diffikultà biex jinħolqu impjiegi ġodda fir-reġjun jew reġjuni kkonċernati

— ogħla mill-medja nazzjonali, persistenti u hemm diffikultà biex jinħolqu impjiegi ġodda fir-reġjun(i) ikkonċernat(i)?

☐ iva ☐ le

B) Hemm riskju li jinħoloq xkiel għal servizz importanti li diffiċli tirreplikah u li jkun diffiċli li xi kompetitur jaqbad u jidħol għalih (pereżempju, fornitur tal-infrastruttura nazzjonali)?

☐ iva ☐ le

C) L-impriża għandha xi rwol sistemiku importanti f'reġjun jew settur partikolari? Il-ħruġ tagħha għandu l-potenzjali li jkollu xi konsegwenza negattiva (pereżempju bħala fornitur ta' input importanti)?

☐ iva ☐ le

D) Hemm riskju li jinħoloq xkiel għall-issoktar tal-forniment ta' SIEĠ?

☐ iva ☐ le

([54]) Kif inhu definit fid-Deċiżjoni 2010/787/UE.

([55]) Kif inhu definit fl-Anness IV tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1).

([56]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-Komunikazzjoni dwar il-Banek") (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

▼**M8**

E) Il-falliment jew l-inċentivi avversi tas-swieq tal-kreditu jkomplu jimbottaw impriża, li fin-nuqqas tagħhom tkun vijabbli, għal falliment?

☐ iva ☐ le

F) Il-ħruġ mis-suq tal-impriża kkonċernata iwassal għal telf li ma jistax jiġi rkuprat ta' għarfien jew kompetenza tekniċi importanti?

☐ iva ☐ le

G) Il-falliment tal-benefiċjarju jinvolvi xi sitwazzjoni simili ta' diffikultà serja mhux imsemmija hawn fuq?

☐ iva ☐ le

H) Jekk weġibt iva għal xi waħda mill-mistoqsijiet fil-punti minn A sa G, elabora iktar it-tweġiba/tweġibiet, billi tinkludi wkoll referenza għal evidenza ta' sostenn oħra jew dokumenti pprovduti fl-anness.

.....

.....

2.2. Adegwatezza/Forma tal-għajnuna

A) L-għajnuna hija fil-forma ta' garanziji ta' self jew self?

☐ iva ☐ le

B) Jekk weġibt iva, spjega t-termini tas-self jew il-garanzija u ehmeż id-dokumenti rilevanti (pereżempju abbozz tal-ftehim ta' self, abbozz tal-garanzija).

.....

.....

C) Ir-rata tal-imgħax tas-self (jew, fejn rilevanti, l-ispiża finanzjarja totali tas-self iggarantit, inkluża r-rata tal-imgħax tas-self u l-primjum tal-garanzija) hija stabbilita għal rata mhux inqas mir-rata ta' referenza stabbilita mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-Rata ta' Referenza ([57]) għal impriżi dgħajfin li joffru livelli normali ta' garanziji?

☐ iva ☐ le

D) Jekk jogħġbok spjega l-użu li se jsir mill-għajnuna ta' salvataġġ; l-għajnuna għas-salvataġġ se tintuża biex tiffinanzja miżuri strutturali, bħall-akkwiżizzjoni ta' negozji jew assi sinifikanti, għajr dawk meħtieġa matul il-perjodu ta' salvataġġ għas-sopravvivenza tal-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

E) Jekk iva, spjega.

.....

.....

F) Is-self se jintradd lura jew il-garanzija tas-self se titwaqqaf f'perjodu ta' mhux iktar minn sitt xhur wara li jitħallas l-ewwel ħlas parzjali lill-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

G) Int tieħu impenn sabiex, mhux iktar tard minn sitt xhur wara li tkun ġiet awtorizzata l-miżura ta' għajnuna għas-salvataġġ, tibgħat lill-Kummissjoni waħda minn dawn li ġejjin:

([57]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6) jew kull komunikazzjoni futura li tista' tissostitwixxiha.

▼**M8**

— prova li s-self ikun ġie rimborżat totalment u/jew li l-garanzija tkun twaqqfet;

— pjan ta' ristrutturar;

— pjan ta' likwidazzjoni li jistabbilixxi b'mod sostanzjat il-passi li jwasslu għal-likwidazzjoni tal-benefiċjarju f'qafas raġonevoli ta' żmien mingħajr għajnuna ulterjuri.

☐ iva ☐ le

2.3. Il-proporzjonalità tal-għajnuna/għajnuna limitata għall-minimu

L-ammont tal-għajnuna għas-salvataġġ huwa stabbilit skont il-formula stabbilita fl-Anness I tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi l-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna għas-salvataġġ skont il-formula.

Jekk l-ammont tal-għajnuna għas-salvataġġ ikun ogħla mir-riżultat tal-kalkoli fuq il-bażi tal-formula stabbilita fl-Anness I għal-Linji Gwida, ipprovdi pjan ta' likwidità ġġustifikat kif xieraq li jistabbilixxi l-ħtiġijiet ta' likwidità tal-benefiċjarju għas-sitt xhur li jmiss.

.....

.....

2.4. Effetti negattivi — Il-prinċipju ta' "Darba u tal-aħħar"

L-impriża (jew il-grupp li tagħmel parti minnu) diġà rċeviet fl-imgħoddi xi għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar ([58]) u/jew xi għajnuna mhux notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti dettalji kompluti (data, ammont, referenza għad-deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni jekk applikabbli, eċċ.) ([59]).

.....

.....

3. **Informazzjoni oħra**

Indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti sabiex tiġi vvalutata l-miżura/i kkonċernata skont il-Linji Gwida:

.....

.....

([58]) Inkluża kull għajnuna bħal din mogħtija qabel ma l-Kummissjoni tkun bdiet tapplika l-Linji Gwida, jiġifieri qabel l-1.8.2014.

([59]) Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek dwar il-fatt li meta jkunu għaddew inqas minn 10 snin minn meta jkunu nghataw l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar jew ikun wasal fi tmiemu l-perjodu ta' ristrutturar jew twaqqfet l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar (skont liema jseħħ l-aħħar), għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar oħrajn jistgħu jingħataw biss: (a) meta l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar isegwi l-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ bħala parti minn operazzjoni waħda ta' ristrutturar; (b) meta l-għajnuna għar-ristrutturar issegwi l-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar bħala parti minn operazzjoni waħda ta' ristrutturar; (c) meta l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar ikunu nghataw skont dawn il-linji gwida u dik l-għajnuna ma kinitx segwita minn għajnuna għar-ristrutturar, jekk: (i) meta nghatat din l-għajnuna skont il-linji gwida, wieħed seta' jemmen b'mod raġonevoli li l-benefiċjarju kien se jkun vijabbli fit-tul, u (ii) l-għajnuna l-ġdida għas-salvataġġ jew ir-ristrutturar jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar isiru neċessarji wara mhux inqas minn ħames snin minħabba ċirkustanzi imprevedibbli li mhumiex tort tal-benefiċjarju; (d) f'ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li mhumiex tort tal-benefiċjarju.

▼M8

PARTI III.3.B

Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għar-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà: għajnuna individwali

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid timtela sabiex tiġi notifikata għajnuna individwali għar-ristrutturar koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([60]) *("Linji Gwida").*

1. **Eliġibbiltà**

1.1. Impriżi f'diffikultà

A) L-impriża hija kumpanija b'responsabbiltà limitata ([61]), fejn iktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskrit tagħha għeb minħabba telf akkumulat ([62])?

☐ iva ☐ le

B) L-impriża hija kumpanija li fiha tal-inqas uħud mill-membri għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija ([63]), u fejn iktar minn nofs il-kapital tagħha elenkat fil-kontijiet tal-kumpanija għeb minħabba telf akkumulat?

☐ iva ☐ le

C) L-impriża hija soġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza kollettivi jew ma tissodisfax il-kriterji tal-liġi domestika sabiex jinbdew fil-konfront tagħha proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq talba tal-krediturituagħha?

☐ iva ☐ le

D) Fil-każ ta' impriża li mhijiex SME:

— il-proporzjon bejn id-dejn u l-ekwità fuq il-kotba tal-impriża kien ikbar minn 7,5 fl-aħħar sentejn

u

— il-proporzjon ta' kopertura tal-imgħax EBITDA tal-impriża kien inqas minn 1, 0 fl-aħħar sentejn

☐ iva ☐ le

E) Jekk weġibt iva għal xi waħda mill-mistoqsijiet fil-punti minn A sa D, elabora t-tweġiba, billi tinkludi fiha referenzi għall-evidenza ta' sostenn jew id-dokumenti pprovduti f'anness (l-aħħar rapporti tal-introjtu bil-karti bilanċjali, jew id-deċiżjoni tal-qorti li tiftaħ proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq il-kumpanija jew evidenza li l-kriterji biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza fuq talba tal-krediturikont il-liġi nazzjonali huma ssodisfati, eċċ.).

1.2. Impriża jew grupp kummerċjali kbir maħluqa ġodda

A) Meta nħolqot l-impriża? … .....

B) Kemm ilha topera l-impriża? ….....

([60]) ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

([61]) Dan jirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([62]) Dan hu l-każ meta t-tnaqqis ta' telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi kollha l-oħra ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv li jkun iktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt.

([63]) Dan jirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmijin fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.

▼**M8**

C) Il-kumpanija tagħmel parti minn grupp kummerċjali ikbar?

☐ iva ☐ le

D) Jekk iva, niżżel id-dettalji kompleti dwar il-grupp (l-organigramma, billi turi r-rabtiet bejn il-membri tal-grupp bid-dettalji dwar id-drittijiet tal-vot u l-kapital) u evidenza li d-diffikultajiet tal-kumpanija huma intrinsiċi u mhumiex kaġun ta' allokazzjoni arbitrarja tal-ispejjeż fil-grupp, u li d-diffikultajiet huma serji wisq biex isolvihom il-grupp stess.

1.3. Ambitu settorjali

L-impriża hija attiva:

A) fis-settur tal-faħam ([64]): ☐ iva ☐ le

B) fis-settur tal-azzar ([65]): ☐ iva ☐ le

C) f'setturi koperti minn regoli speċifiċi għall-istituzzjonijiet finanzjarji ([66]): ☐ iva ☐ le

1.4. Fornitur tas-SIEĠ:

A) L-impriża qed tipprovdi servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali?

☐ iva ☐ le

B) Jekk it-tweġiba għall-punt A hija iva, iddeskrivi s-servizz(i) ta' interess ekonomiku ġenerali u pprovdi kopja tal-att(i) ta' inkarigu.

.....

.....

C) Jekk it-tweġiba għall-punt A hija iva, indika l-ammont tal-kumpans tas-servizz pubbliku li tirċievi l-impriża, iddeskrivi l-metodoloġija tal-kalkolu tal-kumpens u ipprovdi l-bażi ġuridika rilevanti li tistabbilixxi l-metodoloġija biex jiġi kkalkolat il-kumpens tas-servizz pubbliku.

.....

.....

2. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

2.1. Kontribut għal għan ta' interess komuni:

A) Il-benefiċjarju jinsab f'reġjun jew reġjuni (fil-livell NUTS 2) fejn ir-rata tal-qgħad hija waħda minn dawn li ġejjin:

— ogħla mill-medja tal-Unjoni, persistenti u b' diffikultà biex jinħolqu impjiegi ġodda fir-reġjun jew reġjuni kkonċernati, jew

([64]) Kif inhu definit fid-Deċiżjoni 2010/787/UE.

([65]) Kif inhu definit fl-Anness IV tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1).

([66]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-Komunikazzjoni dwar il-Banek") (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

▼**M8**

— ogħla mill-medja nazzjonali, persistenti u b'diffikultà biex jinħolqu impjiegi ġodda fir-reġjun(i) ikkonċernat(i).

☐ iva ☐ le

B) Hemm riskju li jinħoloq xkiel għal servizz importanti li diffiċli tirreplikah u li jkun diffiċli li xi kompetitur jaqbad u jidħol għalih (pereżempju, fornitur tal-infrastruttura nazzjonali)?

☐ iva ☐ le

C) L-impriża għandha xi rwol sistemiku importanti f'reġjun jew settur partikolari? Il-ħruġ tagħha għandu l-potenzjal li jkollu xi konsegwenza negattiva (pereżempju bħala fornitur ta' input importanti)?

☐ iva ☐ le

D) Hemm riskju li jinħoloq xkiel għall-issoktar tal-forniment ta' SIEĠ?

☐ iva ☐ le

E) Il-falliment jew l-inċentivi negattivi tas-swieq tal-kreditu jkomplu jimbottaw impriża, li fin-nuqqas tagħhom tkun vijabbli, għal falliment?

☐ iva ☐ le

F) Il-ħruġ mis-suq tal-impriża kkonċernata iwassal għal telf li ma jistax jiġi rkuprat ta' għarfien jew kompetenza tekniċi importanti?

☐ iva ☐ le

G) Il-falliment tal-benefiċjarju jinvolvi xi sitwazzjoni simili ta' diffikultà serja mhux imsemmija hawn fuq?

☐ iva ☐ le

H) Jekk weġibt iva għal xi waħda mill-mistoqsijiet fil-punti minn A sa G, elabora iktar it-tweġiba(tweġibiet), billi tinkludi wkoll referenza għal evidenza ta' sostenn oħra jew dokumenti pprovduti f'anness.

.....

.....

2.2. Il-pjan ta' ristrutturar u r-ritorn lejn il-vijabbiltà fit-tul

Ipprovdi l-pjan ta' ristrutturar ([67]) bil-għan li terġa' tinkiseb il-vijabbiltà fit-tul ([68]) tal-benefiċjarju f'perjodu ta' żmien raġonevoli flimkien ma' stħarriġ tas-suq u analiżi tas-sensittività li tidentifika l-parametri bażiċi tal-prestazzjoni tal-benefiċjarju u l-fatturi ta' riskju ewlenin fil-futur (segwi kemm jista' jkun il-pjan ta' ristrutturar indikattiv stabbilit fl-Anness II tal-Linji Gwida).

([67]) Ir-ristrutturar jista' jinvolvi element jew iktar minn dawn li ġejjin: ir-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-benefiċjarju fuq bażi iktar effiċjenti, li tipikament jinvolvu l-irtirar minn attivitajiet li jagħmlu t-telf, ir-ristrutturar ta' dawk l-attivitajiet eżistenti li jistgħu jerġgħu jsiru kompetittivi u, forsi, id-diversifikazzjoni f'attivitajiet ġodda u vijabbli. Tipikament dan jinvolvi wkoll ristrutturar finanzjarju f'forma ta' injezzjonijiet ta' kapital minn azzjonisti ġodda jew eżistenti u t-tnaqqis tad-dejn minn kredituri eżistenti.

([68]) Il-vijabbiltà fit-tul tintlaħaq meta impriża tkun tista' tagħti r-redditu adegwat previst fuq il-kapital wara li tkun kopriet l-ispejjeż kollha tagħha inklużi d-deprezzament u l-imposti finanzjarji. L-impriża ristrutturata għandha tkun tista' tikkompeti fis-suq bil-merti tagħha stess.

▼M8

3. **Htieġa għal intervent mill-istat/effett ta' inċentiv**

3.1. Ipprovdi paragun bejn il-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' ristrutturar u xenarju alternattiv kredibbli li ma jinvolvix l-għajnuna mill-Istat ([69]) li juri li f'xenarju alternattiv bħal dan ma jinkisbux l-għan jew l-għanijiet rilevanti li identifikajt fit-Taqsima 2.1, jew inkella dawn jinkisbu iżda mhux bis-sħiħ.

3.2. Uri li fin-nuqqas tal-għajnuna, il-benefiċjarju kien jirristruttura, ibigħ jew jistralċa b'mod li ma kienx jilħaq l-għan ta' interess komuni identifikat fit-Taqsima 2.1.

4. **Adegwatezza**

4.1. Agħti deskrizzjoni qasira tal-istrumenti ta' għajnuna mill-Istat li għażilt, inkluża l-forma, l-ammont u r-remunerazzjoni ([70]):

.....

.....

4.2. Spjega jekk il-problemi tal-benefiċjarju humiex ikkaġunati minn problemi ta' likwidità u/jew solvenza, jew bit-tnejn:

.....

.....

4.3. Uri li l-istrumenti ta' għajnuna mill-Istat magħżula huma xierqa sabiex jindirizzaw il-problemi identifikati fil-punt 4.2 (jiġifieri problemi ta' likwidità jew solvenza).

.....

.....

5. **Il-proporzjonalità tal-għajnuna/l-għajnuna limitata għall-minimu**

5.1. Il-kontribuzzjoni proprja

A) Il-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju tammonta mill-inqas għal 50 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar ([71])?

☐ iva ☐ le

B) Iddeskrivi u kkwantifika kull kategorija ta' spejjeż ta' ristrutturar li għandhom jiġġarrbu, agħti l-ammont totali tagħhom u indika liema perċentwali mill-ispejjeż ta' ristrutturar se jkun kopert bill-kontribuzzjoni proprja:

.....

.....

C) Iddeskrivi u kkwantifika l-kontribuzzjoni proprja għall-ispejjeż ta' ristrutturar li trid tiġi pprovduta mir-riżorsi proprji tal-benefiċjarju, l-azzjonisti jew il-krediturі tiegħu, jew il-grupp kummerċjali li jagħmel parti minnu, jew minn investituri ġodda:

.....

.....

([69]) Ix-xenarju alternattiv jista' jikkonċerna, pereżempju: riorganizzazzjoni tad-dejn, ċessjoni ta' assi, ġbir ta' kapital privat, bejgħ lil kompetitur jew separazzjoni, f'kull każ jew permezz ta' dħul fi proċedura ta' insolvenza jew riorganizzazzjoni jew xi mod simili.

([70]) Ara wkoll il-punt 56 tal-Linji Gwida.

([71]) Ara wkoll il-punt 64 tal-Linji Gwida.

▼**M8**

D) Spjega għaliex tqis din il-kontribuzzjoni proprja bħala waħda reali u ħielsa mill-għajnuna:

.....

.....

E) Uri li l-kontribuzzjoni proprja hija paragunabbli għall-għajnuna mogħtija f'termini ta' effetti fuq il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tal-benefiċjarju ([72]) u, jekk le, spjega għaliex, b'referenza, jekk xieraq, għal dokumenti ta' sostenn (pereżempju karta bilanċjali, dikjarazzjonijiet tal-fluss tal-flus):

.....

.....

5.2. Il-kondiviżjoni tal-piż

Trid timtela biss jekk l-għajnuna mill-Istat tingħata f'forma li ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ekwità tal-benefiċjarju ([73])

A) It-telf tal-benefiċjarju ġie kontabilizzat, attribwit jew assorbit bis-sħiħ mill-azzjonisti eżistenti u/jew kredituri subordinati?

☐ iva ☐ le

B) Jekk it-tweġiba għall-punt A huwa iva, ipprovdi evidenza, fuq il-bażi ta' analiżi aġġornata tas-sitwazzjoni tal-karta bilanċjali tal-benefiċjarju,.

.....

.....

C) Il-ħruġ ta' flus mingħand il-benefiċjarju favur id-detenturi ta' ekwità u/jew dejn subordinat se jiġi evitat matul il-perjodu ta' ristrutturar?

☐ iva ☐ le

D) Jekk it-tweġiba għall-punt C hija le, spjega r-raġuni(jiet).

.....

.....

E) L-Istat se jirċievi sehem raġonevoli tal-gwadanji futuri fil-valur li se jkollu l-benefiċjarju, fid-dawl tal-ammont ta' ekwità li jinjetta l-Istat f'paragun mal-ekwità tal-kumpanija li jifdal wara li jkun ġie kontabilizzat id-dejn?

☐ iva ☐ le

F) Jekk it-tweġiba għall-punt E hija iva, elabora fuq it-tweġiba u pprovdi evidenza kif xieraq.

.....

.....

G) Jekk it-telf tal-benefiċjarju ma jiġix assorbit kompletament (ara l-punt A ta' hawn fuq) u/jew il-ħruġ ta' flus mill-benefiċjarji favur id-detenturi ta' ekwità u/jew dejn subordinat ma jiġix evitat matul il-perjodu ta' ristrutturar (ara l-punt C), spjega r-raġunijiet, b'mod partikolari għaliex l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawk il-kundizzjonijiet twassal għal riżultati sproporzjonati:

.....

.....

([72]) Pereżempju, meta l-għajnuna li għandha tingħata ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ekwità tal-benefiċjarju, il-kontribuzzjoni proprja għandha tinkludi miżuri simili li daqstant ieħor għandhom effett ta' tisħiħ, bħal pereżempju jżidu l-ekwità ġdida mingħand azzjonisti eżistenti, it-tħassir tad-dejn eżistenti u noti kapitali jew il-konverżjoni ta' dejn eżistenti f'ekwità, jew iż-żieda ta' ekwità esterna ġdida b'termini tas-suq.

([73]) Pereżempju meta l-Istat jipprovdi għotjiet, jinjetta kapital jew iħassar dejn.

▼**M8**

H) Id-detenturi ta' dejn superjuri qed jikkontribwixxu biex il-benefiċjarju jerġa' jikseb il-pożizzjoni ta' ekwità li kellu qabel?

☐ iva ☐ le

I) Jekk it-tweġiba għall-punt H hija iva, spjega b'liema mod se jikkontribwixxu d-detenturi ta' dejn superjuri.

.....

.....

6. **Effetti negattivi**

6.1. Il-prinċipju ta' "darba u tal-aħħar"

L-impriża (jew il-grupp li minnu tagħmel parti) diġà rċeviet fl-imgħoddi xi għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar ([74]) u/jew xi għajnuna mhux notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti dettalji kompleti (data, ammont, referenza għad-deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni jekk applikabbli, eċċ.) ([75]):

.....

.....

6.2. Miżuri biex jiġi limitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni:

Il-miżuri strutturali – iċ-ċessjonijiet u t-tnaqqis fl-attivitajiet tan-negozju

A) Iddeskrivi ċ-ċessjonijiet tal-assi, it-tnaqqis tal-kapaċità jew il-preżenza fis-suq li dwarhom ttieħed impenn biex jitwettqu. Uri li ċ-ċessjonijiet, it-tħassir u l-għeluq ta' attivitajiet li jagħmlu t-telf inklużi fl-impenji mhux bilfors għandhom l-għan li jerġgħu jiksbu l-vijabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju. Indika wkoll is-swieq rilevanti li fihom se jseħħu dawk iċ-ċessjonijiet u meta ([76]). Indika wkoll jekk il-benefiċjarju huwiex se jiffaċilita l-iżvestiment, pereżempju permezz ta' delimitazzjoni tal-attivitajiet u billi jaqbel li ma jfittixx klijenti għan-negozju ċedut.

.....

.....

([74]) Inkluża kull għajnuna bħal din mogħtija qabel ma l-Kummissjoni bdiet tapplika l-Linji Gwida, jiġifieri qabel l-1.8.2014.

([75]) L-attenzjoni tiegħek qed tingħibed dwar il-fatt li meta jkunu għaddew inqas minn 10 snin meta jkunu ngħataw l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar jew ikun wasal fi tmiemu l-perjodu ta' ristrutturar jew twaqqfet l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar (skont liema jseħħ l-aħħar), għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar ulterjuri jistgħu jingħataw biss: (a) meta l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar isegwi l-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ bħala parti minn operazzjoni waħda ta' ristrutturar; (b) meta l-għajnuna għar-ristrutturar issegwi l-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar bħala parti minn operazzjoni waħda ta' ristrutturar; (c) meta l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar ikunu ngħataw skont dawn il-linji gwida u dik l-għajnuna ma kinitx segwita minn għajnuna għar-ristrutturar, jekk: (i) meta ngħatat din l-għajnuna skont il-linji gwida, wieħed seta' jemmen b'mod raġonevoli li l-benefiċjarju se jkun vijabbli fit-tul, u (ii) l-għajnuna l-ġdida għas-salvataġġ jew ir-ristrutturar jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar isiru neċessarji wara tal-inqas ħames snin minħabba ċirkustanzi imprevedibbli li mhumiex tort tal-benefiċjarju; (d) f'ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li mhumiex tort tal-benefiċjarju.

([76]) Iċ-ċessjonijiet biex jiġi limitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni għandhom isiru mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li jiġu kkunsidrati t-tipi ta' assi li jiġu ċeduti u kwalunkwe ostakoli għaċ-ċessjoni tagħhom, u f'kull każ fil-qafas ta' żmien tal-pjan ta' ristrutturar.

▼**M8**

B) Jekk hemm eċċezzjonijiet li fihom il-miżuri strutturali jieħdu l-forma ta' ċessjoni ta' assi biss u ma jinvolvux il-ħolqien ta' entità vijabbli li kapaċi tikkompeti fis-suq, uri li ebda forma oħra ta' miżuri strutturali ma tkun fattibbli jew li miżuri strutturali oħrajn jixħtu f'riskju serju l-vijabbiltà ekonomika tal-impriża:

.....

.....

Il-miżuri ta' mġiba

C) Il-benefiċjarju jaqbel li jżomm lura milli jixtri ishma f'xi kumpanija matul il-perjodu ta' ristrutturar, għajr meta dan ikun indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tiegħu u, f'dak il-każ, soġġett għal notifika lill-Kummissjoni u l-approvazzjoni tagħha?

☐ iva ☐ le

D) Il-benefiċjarju jaqbel li jżomm lura milli jirreklama l-appoġġ mill-Istat bħala vantaġġ kompetittiv meta jqiegħed il-prodotti u s-servizzi tiegħu fis-suq?

☐ iva ☐ le

E) Hemm xi miżura oħra ta' imġiba prevista?

☐ iva ☐ le

.....

.....

Il-miżuri ta' ftuħ fis-suq

F) L-awtoritajiet nazzjonali jew il-benefiċjarju se jadotta xi miżura bil-għan li tippromwovi swieq iktar miftuħin, solidi u kompetittivi, pereżempju li tkun tgħin id-dħul u l-ħruġ ([77])?

☐ iva ☐ le

G) Jekk it-tweġiba għall-punt F hija iva, iddeskrivi liema miżuri u f'liema suq, billi tindika kif il-miżuri huma marbutin b'mod dirett jew indirett mal-attivitajiet tal-benefiċjarju:

.....

.....

Il-kalibrazzjoni ta' miżuri biex jiġi limitat ix-xkiel fil-kompetizzjoni

H) Hemm xi parti mill-għajnuna li għandha l-għan li tkopri l-ispejjeż soċjali tar-ristrutturar ([78])?

☐ iva ☐ le

I) Jekk it-tweġiba għall-punt H hija iva, speċifika:

.....

.....

([77]) B'mod partikolari, dan jista' jinkludi miżuri li jiftħu ċerti swieq direttament jew indirettament marbutin mal-attivitajiet tal-benefiċjarju għal operaturi oħrajn tal-Unjoni, b'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Inizjattivi bħal dawn jistgħu jissostitwixxu miżuri oħrajn li jillimitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, li normalment jintalbu mingħand il-benefiċjarju.

([78]) Ara l-punti minn 32 sa 35 tal-Linji Gwida għat-tipi ta' miżuri kopeti mill-kunċett ta' "għajnuna sabiex tkopri l-ispejjeż soċjali tar-ristrutturar".

▼M8

7. **Informazzjoni oħra**

7.1. Jekk jogħġbok indika hawn kull informazzjoni oħra li tikkunsidra rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura/i kkonċernata/i skont il-Linji Gwida (pereżempju fir-rigward ta' miżuri biex tiżdied l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja jew assistenza biex isibu impjieg ġdid):

.....

.....

PARTI III.3.C

Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għas-salvataġġ, l-għajnuna għar-ristrutturar u/jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar: skemi ta' għajnuna

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid timtela fir-rigward tal-għajnuna għas-salvataġġ, l-għajnuna għar-ristrutturar u l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar koperti mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([79]) *("Linji Gwida").*

1. **Il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema**

1.1. L-iskema għandha x'taqsam mal-forniment ta':

(a) għajnuna għas-salvataġġ: ☐ iva ☐ le

(b) għajnuna għar-ristrutturar: ☐ iva ☐ le

(c) appoġġ temporanju għar-risrutturar: ☐ iva ☐ le

2. **Eliġibbiltà**

2.1. L-iskema hija limitata għal SMEs ([80]) f'diffikultà jew impriżi iżgħar tal-Istat f'diffikultà ([81]) (sakemm ma jkunx indikat b'mod ċar ieħor iktar 'il quddiem, li flimkien dawn se jissejħu "SMEs")?

☐ iva ☐ le

2.2. L-iskema hija limitata għal SMEs li jissodisfaw wieħed mill-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

(a) Fir-rigward ta' SMEs li huma kumpaniji b'responsabbiltà limitata ([82]) — iktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt għeb minħabba telf akkumulat ([83])?

☐ iva ☐ le

([79]) ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

([80]) Kif iddefiniti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([81]) "Impriżi żgħar tal-Istat" huma unitajiet ekonomiċi b'setgħa deċiżjonali indipendenti li jkunu jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar jew medji skont ir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE ħlief għall-fatt li 25 % jew iktar mid-drittijiet tal-vot jew il-kapital tagħhom huma kkontrollati b'mod dirett jew indirett, konġunt jew individwali, minn korp pubbliku wieħed jew iktar.

([82]) Dan jirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([83]) Dan hu l-każ meta t-tnaqqis ta' telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi kollha l-oħra ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv li jkun iktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt.

▼M8

(b) Fir-rigward ta' SMEs li huma kumpaniji li fihom mill-inqas uħud mill-membri għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija ([84]) — iktar minn nofs il-kapital li jidher fil-kontijiet tal-kumpanija għeb minħabba t-telf akkumulat?

☐ iva ☐ le

(c) SMEs li huma soġġetti għal proċedimenti ta' insolvenza kollettivi jew jissodisfaw il-kriterji skont il-liġi domestika tagħhom sabiex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fil-konfront tagħhom bit-talba tal-krediturі tagħhom?

☐ iva ☐ le

(d) Fir-rigward ta' impriżi iżgħar tal-Istat — il-proporzjon ta' dejn u ekwità fuq il-kotba tal-impriża kien iktar minn 7,5 u l-proporzjon ta' kopertura tal-imgħax EBITDA tagħha kien inqas minn 1,0 għall-aħħar sentejn?

☐ iva ☐ le

2.3. L-iskema tipprevedi li l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar, jew it-tnejn jistgħu jingħataw lil SMEs li ma jikkwalifikawx bħala impriżi f'diffikultà iżda sempliċiment qed jaffaċċaw ħtiġijiet ta' likwidità serji minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevisti?

☐ iva ☐ le

2.4. Jekk it-tweġiba għall-punt 2.3 hija iva, spjega kif se jkun ivvalutat jekk SME hijiex qed taffaċċa ħtiġijiet ta' likwidità serji u x'tip ta' ċirkustanzi huma kkwalifikati bħala eċċezzjonali u imprevisti.

.....

.....

2.5. L-iskema tapplka għal SMEs maħluqin ġodda?

☐ iva ☐ le

2.6. L-iskema tapplika għal SMEs attivi:

(a) fis-settur tal-faħam ([85]): ☐ iva ☐ le

(b) fis-settur tal-azzar ([86]): ☐ iva ☐ le

(c) f'setturi koperti minn regoli speċifiċi għall-istituzzjonijiet finanzjarji ([87]): ☐ iva ☐ le

3. **Ammont massimu tal-għajnuna**

3.1. L-ammont totali massimu tal-għajnuna li se jingħata lil xi SME waħda skont l-iskema huwa limitat għal massimu ta' EUR 10 miljuni, inkluża kull għajnuna miksuba minn sorsi oħrajn jew min skemi oħrajn?

([84]) Dan jirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmijin fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.

([85]) Kif inhu definit fid-Deċiżjoni 2010/787/UE.

([86]) Kif inhu definit fl-Anness IV tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1).

([87]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-Komunikazzjoni dwar il-Banek") (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

▼**M8**

☐ iva ☐ le

3.2. Indika l-ammont massimu tal-għajnuna li se tingħata lil SME mill-iskema:

.....

.....

4. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

Fil-każ ta' għajnuna għas-salvataġġ, ir-ristrutturar u appoġġ temporanju għar-ristrutturar

4.1. Kontribut għal objettiv ta' interess komuni:

(a) L-iskema tapplika biss f'każijiet li fihom il-falliment tal-benefiċjarju aktarx li jinvolvi diffikultajiet soċjali jew falliment tas-suq, b'mod partikolari:

— il-ħruġ ta' SME innovattiva jew SME b'potenzjal għoli ta' tkabbir jista' ikollu l-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi;

☐ iva ☐ le

— il-ħruġ ta' SME b'rabtiet estensivi ma' SMEs lokali jew reġjonali oħrajn ikollu l-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi;

☐ iva ☐ le

— il-falliment jew l-inċentivi negattivi tas-swieq tal-kreditu jkomplu jimbottaw SME, li fin-nuqqas tagħhom tkun vijabbli, għal falliment; jew

☐ iva ☐ le

— sitwazzjonijiet simili ta' diffikultà ssostanzjati kif xieraq mill-benefiċjajru.

☐ iva ☐ le

(b) Jekk it-tweġiba għal waħda mill-mistoqsijiet fis-sottopunt a) hija iva, issostanzja bis-sħiħ it-tweġiba(tweġibiet) u spjega l-kriterji li fuq il-bażi tagħhom l-awtoritajiet nazzjonali se jivvalutaw il-kontribuzzjoni għall-għanijiet ta' interess komuni.

.....

.....

Fil-każ ta' għajnuna għar-ristrutturar

4.2. Il-pjan ta' ristrutturar u r-ritorn lejn il-vijabbiltà fit-tul

B'rabta mal-għoti ta' għajnuna għar-ristrutturar, l-iskema teħtieġ il-forniment ta' pjan ta' ristrutturar ([88]) bil-għan li terġa' tinkiseb il-vijabbiltà fit-tul ([89]) tal-benefiċjarju f'perjodu ta' żmien raġonevoli (ara pjan ta' ristrutturar indikattiv fl-Anness II għal-Linji Gwida)?

☐ iva ☐ le

([88]) Ir-ristrutturar jista' jinvolvi element jew iktar minn dawn li ġejjin: ir-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-benefiċjarju fuq bażi iktar effiċjenti, li tipikament jinvolvu l-irtirar minn attivitajiet li jagħmlu telf, ir-ristrutturar ta' dawk l-attivitajiet eżistenti li jistgħu jerġgħu jsiru kompetittivi u, forsi, id-diversifikazzjoni f'attivitajiet ġodda u vijabbli. Tipikament dan jinvolvi wkoll ristrutturar finanzjarju f'forma ta' injezzjonijiet ta' kapital minn azzjonisti ġodda jew eżistenti u t-tnaqqis tad-dejn minn kredituri eżistenti.

([89]) Il-vijabbiltà fit-tul tintlaħaq meta impriża tkun tista' tagħti r-redditu adegwat previst fuq il-kapital wara li tkun kopriet l-ispejjeż kollha tagħha inklużi d-deprezzament u l-imposti finanzjarji. L-impriża ristrutturata għandha tkun tista' tikkompeti fis-suq bil-merti tagħha stess.

▼M8

5. **Htieġa ta' intervent mill-Istat u effett ta' inċentiv**

5.1. B'rabta mal-għoti tal-għajnuna għall-istrutturar, l-iskema teħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jqabblu l-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' ristrutturar ma' xenarju alternattiv kredibbli li ma jinvolvix għajnuna mill-istat ([90]) li juri li f'dak ix-xenarju alternattiv, l-għan jew għanijiet rilevanti ta' interess komuni, kif deskritti fit-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq, ma jinkisbux, jew jinkisbu iżda mhux bis-sħiħ? B'mod partikolari, l-iskema teħtieġ li turi li fin-nuqqas tal-għajnuna l-benefiċjarju kien ikollu jirristruttura, ibigħ jew jistralċa b'mod li ma kienx jilħaq l-għan jew l-għanijiet ta' interess komuni, kif deskritti fit-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq?

☐ iva ☐ le

5.2. Jekk it-tweġiba għall-punt 5.1 hija iva, spjega skont liema kriterji l-awtoritajiet nazzjonali se jivvalutawha.

.....

.....

6. **Adegwatezza**

Fil-każ ta' għajnuna għas-salvataġġ

6.1. L-għajnuna mogħtija mill-iskema hija ristretta għal garanziji tas-self jew self?

☐ iva ☐ le

6.2. L-iskema teħtieġ li l-ispiża finanzjarja tas-self (jew, fil-każ ta' garanziji tas-self, l-ispiża finanzjarja totali tas-self iggarantit, inkluża r-rata tal-imgħax tas-self u l-primjum tal-garanzija) hija stabbilita għal rata li ma tkunx inqas mir-rata ta' referenza stabbilita mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-Rata ta' Referenza ([91]) għal impriżi dgħajfin li toffri livelli normali ta' garanziji?

☐ iva ☐ le

6.3. L-iskema tipprovdi li l-għajnuna għas-salvataġġ tingħata għal mhux iktar minn sitt xhur, li matulhom trid tiġi analizzata l-pożizzjoni tal-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

6.4. L-iskema tipprovdi li, fi żmien sitt xhur mill-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ, is-self jitħallas lura jew il-garanzija tintemm, sakemm qabel jgħaddi dak iż-żmien: (a) l-awtoritajiet nazzjonali ma jkunux approvaw pjan ta' ristrutturar, pjan ta' likwidazzjoni, jew (b) il-benefiċjarju ma jkunx issottometta pjan ta' ristrutturar simplifikat ([92]) (fil-każ ta' appoġġ temporanju għar-ristrutturar)?

☐ iva ☐ le

([90]) Ix-xenarju alternattiv ma għandux jinvolvi għajnuna mill-Istat. Pereżempju jista' jkun dwar: riorganizzazzjoni tad-dejn, ċessjoni ta' assi, ġbir ta' kapital privat, bejgħ lil kompetitur jew diviżjoni, f'kull każ permezz ta' bidu ta' proċedura ta' insolvenza jew riorganizzazzjoni jew xi proċess simili.

([91]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6) jew kull komunikazzjoni futura li tista' tissostitwixxiha.

([92]) B'konformità mal-punt 115(e) tal-Linji Gwida, dan il-pjan ma għandux bżonn ikun fih l-elementi kollha stabbiliti fil-punti minn 47 sa 52 tal-Linji Gwida iżda, bħala minimu, irid jidentifika l-azzjonijiet li l-benefiċjarju jridu jieħu biex jikseb lura l-vijabbiltà tiegħu fit-tul mingħajr appoġġ mill-Istat.

▼**M8**

6.5. L-iskema tipprovdi li l-għajnuna għas-salvataġġ ma tistax tintuża biex tiffinanzja miżuri strutturali, bħall-akkwiżizzjoni ta' negozji jew assi sinifikanti, għajr dawk meħtieġa matul il-perjodu ta' salvataġġ għas-sopravvivenza tal-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

Fil-każ ta' għajnuna għar-ristrutturar

6.6. Spjega fuq il-bażi ta' liema kriterji l-awtoritajiet nazzjonali se jivvalutaw kemm il-problemi tal-benefiċjarju huma marbutin mal-likwidità jew is-solvenza, jew mat-tnejn, u kif se jagħżlu l-istrumenti ta' għajnuna mill-Istat li se jindirizzaw il-problemi identifikati bl-iktar mod xieraq:

.....

.....

Fil-każ ta' appoġġ temporanju għar-ristrutturar

6.7. L-appoġġ temporanju għar-ristrutturar li se jingħata mill-iskema huwa ristrett għal garanziji tas-self jew self?

☐ iva ☐ le

6.8. L-iskema teħtieġ li l-ispiża finanzjarja tas-self (jew, fil-każ ta' garanziji tas-self, l-ispiża finanzjarja totali tas-self iggarantit, inkluża r-rata tal-imgħax tas-self u l-primjum tal-garanzija) se tkun stabbilita f'rata li ma tkunx inqas mir-rata ta' referenza stabbilita mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-Rata ta' Referenza għal impriżi dgħajfin li toffri livelli normali ta' garanziji?

☐ iva ☐ le

6.9. L-iskema teħtieġ li r-remunerazzjoni għall-appoġġ temporanju għar-ristrutturar tiżdied b'għallinqas 50 punt bażi, 12-il xahar wara li jitħallas l-ewwel ħlas parzjali lill-benefiċjarju (nieqes kull perjodu li jaħbat eżatt qabel l-għajnuna għas-salvataġġ)?

☐ iva ☐ le

6.10. L-iskema tipprovdi li l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar mhuwiex se jingħata għal iktar minn 18-il xahar, nieqes kull perjodu li jaħbat eżatt qabel l-għajnuna għas-salvataġġ?

☐ iva ☐ le

6.11. L-iskema tipprovdi li mhux inqas minn sitt xhur wara li jsir l-ewwel ħlas parzjali tal-appoġġ temporanju għar-ristrutturar lill-benefiċjarju, nieqes kull perjodu li jaħbat eżatt qabel l-għajnuna għas-salvataġġ, l-awtoritajiet nazzjonali se japprovaw pjan ta' ristrutturar simplifikat?

☐ iva ☐ le

6.12. L-iskema tipprovdi li, fi 18-il xahar mid-data li fiha jingħata l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar, nieqes kull perjodu li jaħbat eżatt qabel l-għajnuna għas-salvataġġ, is-self se jitħallas lura jew il-garanzija tintemm, sakemm qabel dak iż-żmien ma jkunx ġie approvat mill-awtoritajiet nazzjonali pjan ta' ristrutturar jew pjan ta' likwidazzjoni tal-benefiċjajru?

☐ iva ☐ le

▼M8

7. **Il-proporzjonalità tal-għajnuna jew l-għajnuna limitata għall-minimu**

Fil-każ ta' għajnuna għas-salvataġġ u appoġġ temporanju għar-ristrutturar

7.1. L-ammont tal-għajnuna

(a) L-iskema tipprovdi li l-ammont tal-għajnuna mhuwiex se jkun iktar mir-riżultat tal-kalkolu fuq il-bażi tal-formula stabbilita fl-Anness I għal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

(b) Jekk it-tweġiba għall-punt (a) hija le, l-iskema teħtieġ it-tħejjija ta' pjan ta' likwidità li jfassal il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-benefiċjarju għas-sitt xhur li jmiss (18-il xahar fil-każ ta' appoġġ temporanju għar-ristrutturar)?

☐ iva ☐ le

(c) Jekk it-tweġiba għall-punt (b) hija iva, spjega skont liema informazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali se jistħarrġu jekk il-pjan ta' likwidità li jfassal il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-benefiċjarju għas-sitt xhur li jmiss (18-il xahar fil-każ ta' appoġġ temporanju għar-ristrutturar) huwiex iġġustifikat kif suppost:

.....

.....

Fil-każ ta' għajnuna għar-ristrutturar

7.2. Il-kontribuzzjoni proprja

(a) L-iskema teħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni vera u ħielsa mill-għajnuna għall-ispejjeż ta' ristrutturar mir-riżorsi proprji tal-benefiċjarju, l-azzjonisti, il-krediturі tiegħu, il-grupp kummerċjali li minnu jagħmel parti, jew mingħand investituri ġodda f'ammont inqas minn 40 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar fil-każ ta' intrapriżi ta' daqs mejdu jew 25 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar fil-każ ta' intrapriżi żgħar?

☐ iva ☐ le

(b) Jekk it-tweġiba għall-punt a) hija iva, spjega liema elementi l-awtoritajiet nazzjonali se jikkunsidraw biex jivvalutaw jekk il-kontribuzzjoni proprja hijiex vera u ħielsa mill-għajnuna:

.....

.....

(c) L-iskema teħtieġ li l-kontribuzzjoni prorpja tkun paragunabbli mal-għajnuna mogħtija f'termini ta' effetti fuq il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tal-benefiċjarju ([93])?

☐ iva ☐ le

(d) Jekk it-tweġiba għall-punt (c) hija iva, spjega kif l-awtoritajiet nazzjonali se jivvalutawha:

.....

.....

7.3. Il-kondiviżjoni tal-piż

Għandha timtela jekk l-iskema tipprovdi li l-għajnuna mill-Istat tista' tingħata f'forma li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-ekwità ta' benefiċjarju ([94])*:*

([93]) Pereżempju, meta l-għajnuna li għandha tingħata ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ekwità tal-benefiċjarju, il-kontribuzzjoni proprja għandha tinkludi miżuri simili li daqstant ieħor għandhom effett ta' tisħiħ, bħal pereżempju jżidu l-ekwità ġdida mingħand azzjonisti eżistenti, it-tħassir tad-dejn eżistenti u noti kapitali jew il-konverżjoni ta' dejn eżistenti f'ekwità, jew iż-żieda ta' ekwità esterna ġdida b'termini tas-suq.

([94]) Pereżempju meta l-Istat jipprovdi għotjiet, jinjetta kapital jew iħassar dejn.

▼**M8**

(a) L-iskema tipprovdi li l-intervent tal-Istat jista' jseħħ biss wara li t-telf ikun ġie kontabilizzat u attribwit bis-sħiħ lill-azzjonisti eżistenti u/jew lid-detenturi ta' dejn subordinat?

☐ iva ☐ le

(b) Il-flus li jgħaddu mingħand il-benefiċjarju lejn id-detenturi ta' ekwità u ta' dejn subordinat se jkun evitat matul il-perjodu ta' ristrutturar safejn ikun legalment possibbli?

☐ iva ☐ le

(c) Jekk it-tweġiba għall-punt (b) hija le, spjega fuq il-bażi ta' liema kriterji l-awtoritajiet nazzjonali se jivvalutaw jekk dawk il-moviment ta' flus huwiex se jaffettwa b'mod sproporzjonat dawk li injettaw ekwità ġdida.

.....

.....

(d) L-awtoritajiet nazzjonali se jippermettu li jsiru eċċezzjonijiet mill-kundizzjonijiet deskritti fil-punti (a) u (b) iktar 'il fuq?

☐ le

☐ iva. Jekk iva, spjega.

.....

(e) L-iskema tipprovdi li l-Istat se jirċievi sehem raġonevoli tal-gwadann futur fil-valur li se jkollu l-benefiċjarju, fid-dawl tal-ammont ta' ekwità li jinjetta l-Istat f'paragun mal-ekwità meta mqabbel mal-ekwità li jifdal tal-kumpanija wara li jkun ġie kontabilizzat id-dejn?

8. **Effetti negattivi**

8.1. Il-prinċipju ta' "darba u tal-aħħar":

L-iskema teskludi ([95]) il-forniment tal-għajnuna lil kull SME li diġà rċiviet għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar fl-imgħoddi ([96]) u/jew kull għajnuna mhux notifikata?

☐ iva ☐ le

Fil-każ ta' għajnuna għar-ristrutturar

8.2. Miżuri biex jiġi limitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni ([97]):

Il-miżuri strutturali — iċ-ċessjonijiet u t-tnaqqis fl-attivitajiet tan-negozju

([95]) Tinibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li meta jkunu għaddew inqas minn 10 snin minn meta jkunu ngħataw l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar jew ikun wasal fi tmiemu l-perjodu ta' ristrutturar jew twaqqfet l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar (skont liema jseħħ l-aħħar), għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar ulterjuri jistgħu jingħataw biss: (a) meta l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar isegwi l-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ bħala parti minn operazzjoni waħda ta' ristrutturar; (b) meta l-għajnuna għar-ristrutturar issegwi l-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar bħala parti minn operazzjoni waħda ta' ristrutturar; (c) meta l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar ikunu ngħataw skont dawn il-linji gwida u dik l-għajnuna ma kinitx segwita minn għajnuna għar-ristrutturar, jekk: (i) meta ngħatat dik l-għajnuna skont il-linji gwida, wieħed seta' jemmen b'mod raġonevoli li l-benefiċjarju se jkun vijabbli fit-tul, u (ii) l-għajnuna l-ġdida għas-salvataġġ jew ir-ristrutturar jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar isiru neċessarji wara tal-inqas ħames snin minħabba ċirkustanzi imprevedibbli li mhumiex tort tal-benefiċjarju; (d) f'ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li mhumiex tort tal-benefiċjarju.

([96]) Inkluża kull għajnuna bħal din mogħtija qabel id-data minn meta l-Kummissjoni tapplika l-Linji Gwida, jiġifieri qabel l-1.8.2014.

([97]) L-Istati Membri mhumiex obbligati jitolbu miżuri ta' dak it-tip mingħand intrapriżi żgħar, ħlief meta jkun stipulat mod ieħor mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat f'settur partikolari. Madankollu, l-intrapriżi ż-żgħar normalment ma għandhomx iżidu l-kapaċità tagħhom waqt il-perjodu ta' ristrutturar.

▼**M8**

(a) L-iskema teħtieġ ċessjonijiet ta' assi, tnaqqis tal-kapaċità jew preżenza fis-suq ([98]) mingħand il-benefiċjarji flimkien ma' indikazzjoni tas-swieq rilevanti li fihom se jseħħu ċ-ċessjonijiet ([99]) u meta jridu jsiru ([100])?

☐ iva ☐ le

(b) L-iskema tiddikjara li l-miżuri strutturali normalment għandhom ikunu fil-forma ta' ċessjonijiet, fuq il-bażi ta' negozju avvjat, ta' negozji awtonomi vijabbli li, jekk operat minn xerrej xieraq, ikunu jistgħu jikkompetu b'mod effettiv u fit-tul?

☐ iva ☐ le

(c) Jekk it-tweġiba għall-punt (b) hija le, l-iskema tipprovdi li, fin-nuqqas ta' entitajiet bħal dawk, il-benefiċjarju jista' jwarrab u mbagħad iċedi attività ffinanzjata kif xieraq u eżistenti, billi joħloq entità ġdida u vijabbli li għandha tkun kapaċi tikkompeti fis-suq?

☐ iva ☐ le

(d) Jekk l-iskema tippermetti li jsiru miżuri strutturali fil-forma ta' ċessjonijiet ta' assi biss, bla ma jkun involut il-ħolqien ta' entità vijabbli li kapaċi tikkompeti fis-suq, teħtieġ li l-benefiċjarju juri li ebda forma oħra ta' miżuri strutturali ma tkun fattibbli jew li miżuri strutturali oħrajn jixħtu f'riskju serju l-vijabbiltà ekonomika tal-impriża?

☐ iva ☐ le

Il-miżuri ta' mġiba

(e) L-iskema teħtieġ li l-benefiċjarju jżomm lura milli jixtri ishma fi kwalunkwe kumpanija matul il-perjodu ta' ristrutturar, ħlief meta dawn ikunu indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul?

☐ iva ☐ le

(f) L-iskema teħtieġ li l-benefiċjarju jżomm lura milli jirreklama l-appoġġ mill-Istat bħala vantaġġ kompetittiv meta jqiegħed il-prodotti u s-servizzi tiegħu fis-suq?

☐ iva ☐ le

(g) L-iskema tipprovdi sabiex il-benefiċjarju jżomm lura milli jadotta imġiba kummerċjali li għandha l-għan ta' espansjoni mgħaġġla tas-sehem mis-suq tiegħu b'rabta ma' prodotti jew swieq ġeografiċi speċifiċi billi joffri kundizzjonijiet (pereżempju fir-rigward ta' prezzijiet u kundizzjonijiet kummerċjali oħra) li l-kompetituri li ma jirċivux għajnuna mill-Istat ma jistgħux ilaħħqu magħhom?

☐ iva ☐ le

(h) Jekk it-tweġiba għall-punt (g) hija iva, f'liema ċirkustanzi? Spjega.

.....

([98]) Ċessjonijiet, tħassiriet u għeluq ta' attivitajiet li jagħmlu t-telf li dejjem ikunu meħieġa sabiex terġa' tinkiseb il-vijabbiltà fit-tul ġeneralment ma jitqisux biżżejjed.

([99]) Dawk il-miżuri għandhom isiru fis-suq/swieq fejn il-benefiċjarju jkollu pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar, b'mod partikolari meta jkun hemm kapaċità żejda sinifikanti.

([100]) Iċ-ċessjonijiet biex jiġu limitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni għandhom isiru mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li jiġu kkunsidrati t-tipi ta' assi li jiġu ċeduti u kwalunkwe ostakoli għaċ-ċessjoni tagħhom, u f'kull każ fil-qafas ta' żmien tal-pjan ta' ristrutturar.

▼M8

(i) L-iskema tipprevedi xi miżura ta' mġiba oħra??

☐ le

☐ iva. Jekk iva, iddeskrivi.

....

Il-miżuri ta' ftuħ tas-suq

(j) L-iskema tippermetti li tiġi adottata xi miżura mill-awtoritajiet nazzjonali jew il-benefiċjarju tiegħek li jkollha l-għan li tippromwovi swieq iktar miftuħin, solidi u kompetittivi, pereżempju billi tiffavorixxi d-dħul u l-ħruġ ([101])?

☐ iva ☐ le

(k) Jekk it-tweġiba għall-punt j) hija iva, iddeskrivi:

....

....

9. **Ġenerali**

9.1. L-iskema tapplika għal SMEs f'żona assistita?

☐ iva ☐ le

9.2. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi għal SMEs f'żoni assistiti skont l-iskema?

☐ iva ☐ le

9.3. Jekk it-tweġiba għall-punt 9.3 hija iva, spjega liema dispożizzjonijiet speċifiċi japplikaw u għaliex huma ġġustifikati.

.....

.....

9.4. L-awtoritajiet nazzjonali biħsiebhom jaċċettaw kontribuzzjoni li tkun inqas minn 40 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar fil-każ ta' intrapriżi ta' daqs medju jew inqas minn 25 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar fil-każ ta' intrapriżi żgħar?

☐ iva ☐ le

9.5. Jekk it-tweġiba għall-punt 9.4 hija iva, spjega kif l-awtoritajiet nazzjonali se japplikaw ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-miżuri sabiex jillimitaw it-tfixkil fil-kompetizzjoni bil-għan li jillimitaw l-impatti sistematiċi negattivi fuq ir-reġjun:

.....

.....

10. **Informazzjoni oħra**

Ipprovdi kull informazzjoni oħra li tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura nnotifikata skont il-Linji Gwida (pereżempju fir-rigward ta' miżuri biex tiżdied l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja jew assistenza biex isibu impjieg ġdid):

.....

([101]) B'mod partikolari, dan jista' jinkludi miżuri li jiffaċilitaw ċerti swieq direttament jew indirettament marbutin mal-attivitajiet tal-benefiċjarju għal operaturi oħrajn tal-Unjoni, b'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Inizjattivi bħal dawn jistgħu jissostitwixxu miżuri oħrajn li jillimitaw it-tfixkil fill-kompetizzjoni, li normalment jintalbu mingħand il-benefiċjarju.

▼M8

PARTI III.4

Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża sabiex tiġi notifikata għajnuna koperta mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn ([102])

1. **Il-karatteristiċi tal-miżura/i ta' għajnuna notifikata/i**

1.1. Iddeskrivi bl-iktar mod preċiż possibbli l-iskop tal-għajnuna, fejn xieraq, għal kull miżura:

.....

.....

1.2. Iddeskrivi l-kamp ta' applikazzjoni ta' kull miżura, f'termini ta':

1.2.1. it-tip ta' attivitajiet koperti (pereżempju żvilupp, produzzjoni, distribuzzjoni)

.....

.....

1.2.2. it-tip ta' xogħlijiet koperti (pereżempju xogħlijiet ċinematografiċi, sensiliet televiżivi, proġetti tat-transmedja:

.....

.....

1.3. Jekk l-iskema ta' għajnuna tinkludi miżura ta' appoġġ għal proġetti ta' transmedja, l-attivitajiet megħjuna huma marbutin b'mod dirett mal-komponent ta' produzzjoni tal-film?

☐ iva ☐ le

1.4. Indika x'dispożizzjonijiet jeżistu li jiggarantixxu l-għan kulturali tal-għajnuna:

.....

.....

2. **Kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà**

2.1. Indika l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-attivitajiet jew ix-xogħlijiet tal-miżura ta' għajnuna ppjanata:

.....

.....

2.2. Indika l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-benefiċjarji skont il-miżura ta' għajnuna ppjanata:

— L-iskema tagħmel distinzjoni fuq il-bażi taċ-ċittadinanza jew il-post ta' residenza?

.....

.....

([102]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat għall-films u xogħlijiet awdjoviżivi oħra (ĠU C 332, 15.11.2013, p. 1).

▼M8

— Il-benefiċjarji huma obbligati jissodisfaw xi kundizzjoni għajr dik li jkunu rappreżentati minn aġenzija permanenti meta titħallas l-għajnuna?

.....

.....

— Jekk l-għajnuna għandha komponent ta' taxxa, il-benefiċjarju jrid jissodisfa xi obbligu jew kundizzjoni għajr li jkollu dħul taxxabbli fit-territorju tal-Istat Membru?

.....

.....

— Kundizzjonijiet oħrajn:

.....

.....

3. **L-obbligi ta' nfiq territorjali**

3.1. Indika jekk il-miżura tinkludix dispożizzjonijiet li jitolbu li l-produttur jonfoq il-baġit għall-produzzjoni, jew partijiet minnu, fit-territorju tal-Istat Membru jew f'waħda mis-subdiviżjonijiet tiegħu:

3.1.1. Sabiex wieħed ikun eliġibbli għall-għajnuna?

☐ iva ☐ le

3.1.2. Bħala kundizzjoni għall-għoti tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

3.2. Il-kundizzjonijiet tal-infiq territorjali japplikaw għal ċerti intestaturi speċifiċi tal-baġit tal-produzzjoni?

.....

.....

3.3. F'każ li bilfors trid tinżamm konformità ma' livell minimu ta' nfiq territorjali sabiex wieħed ikun eliġibbli għall-għajnuna, spjega r-rekwiżiti:

3.3.1. Ta' xorta impliċita (pereżempju għadd minimu ta' jiem ta' ffilmjar tal-produzzjoni fit-territorju):

.....

.....

3.3.2. Ta' xorta espliċita (pereżempju ammont minimu jew perċentwal tan-nefqa):

.....

.....

3.4. F'każ li jkun hemm kundizzjonijiet marbutin mal-għoti tal-għajnuna, spjega:

3.4.1. L-għajnuna hija kkalkolata bħala perċentwal tan-nefqa territorjali?

.....

.....

3.4.2. L-infiq territorjali meħtieġ huwa kkalkolat fid-dawl tal-baġit kumplessiv tal-film?

.....

.....

3.4.3. L-infiq territorjali meħtieġ huwa kkalkolat fid-dawl tal-ammont tal-għajnuna mogħtija?

.....

.....

▼M8

4. **Spejjeż eliġibbli**

Speċifika l-ispejjeż li jistgħu jitqiesu biex jiġi stabbilit l-ammont tal-għajnuna.

.....

.....

5. **L-intensità tal-għajnuna**

5.1. Indika jekk l-iskema tippermettix intensitajiet tal-għajnuna ogħla minn 50 % tal-baġit tal-produzzjoni? Jekk iva, iċċara t-tipi ta' xogħlijiet ikkonċernati u l-limiti tal-intensità tal-għajnuna stabbiliti.

.....

.....

5.2. Jekk jintuża l-kunċett ta' "xogħlijiet awdjoviżivi diffiċili", indika l-kategoriji tax-xogħlijiet koperti minn dan il-kunċett (jiġifieri, indika d-definizzjoni użata).

.....

.....

5.3. Jekk il-kitba jew l-iżvilupp tal-iscipt ikunu megħjuna mill-iskema: l-ispejjeż tal-kitba u l-iżvilupp tal-iscript huma inklużi fil-baġit tal-produzzjoni u jitqiesu meta tiġi kkalkolata l-intensità tal-għajnuna tax-xogħol awdjoviżiv?

.....

.....

5.4. Jekk l-attivitajiet ta' distribuzzjoni u promozzjoni huma sostnuti mill-iskema: x'inhuma l-intensitajiet tal-għajnuna permessi mill-iskema?

.....

.....

6. **Il-patrimonju tal-films**

Jekk applikabbli, ipprovdi informazzjoni dwar il-miżuri meħudin fir-rigward tal-patrimonju tal-films.

.....

.....

7. **Kompatibbiltà**

7.1. Ipprovdi ġustifikazzjoni motivata biex tagħti sostenn lill-kompatibbiltà tal-għajnuna fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn.

.....

.....

7.2. Jekk l-iskema tikkonċerna għajnuna lil swali taċ-ċinema, ipprovdi ġustifikazzjoni motivata biex tagħti sostenn lill-kompatibbiltà tal-għajnuna bħala għajnuna li tippromwovi l-kultura skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)d TFUE, b'mod partikolari l-ħtieġa, l-adegwatezza u l-proporzjonalità tal-għajnuna.

.....

.....

8. **Informazzjoni Oħra**

Indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura/i kkonċernata/i skont il-Komunikazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn.

.....

▼M8

PARTI III.5

Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna mill-Istat għall-broadband

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża sabiex tiġi notifikata għajnuna koperta mil-Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband ([103]) *("Linji Gwida dwar il-Broadband").*

1. **Il-karattersitiċi tal-miżura ta' għajnuna notifikata**

1.1. Iddeskrivi l-għan tal-miżura ta' għajnuna:

.....

.....

1.2. Spjega kif il-miżura ta' għajnuna taqbel mal-istrateġija nazzjonali tal-broadband u l-objettivi tal-Unjoni (inkluż l-istrateġija UE2020 u l-Aġenda Diġitali ([104])).

.....

.....

1.3. Ippreżenta l-ħsieb wara l-intervent pubbliku u spjega l-benefiċċji antiċipati tal-miżura ta' għajnuna (pereżempju benefiċċji ekonomiċi u soċjali, żieda fil-kopertura tal-broadband u r-rata ta' diffużjoni tal-Internet, eċċ.).

.....

.....

1.4. X'kategorija ta' netwerk il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li ssostni?

☐ netwerks "backbone" (jew netwerks "trunk");

☐ netwerks "backhaul" (jew netwerks reġjonali, jew tan-nofs mil);

☐ netwerks ta' aċċess (jew netwerks tal-aħħar mil).

1.5. X'elementi tan-netwerk il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li ssostni?

☐ Elementi tal-infrastruttura passiva;

☐ Elementi tal-infrastruttura attiva.

1.6. X'tip ta' netwerks tal-broadband il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li ssostni?

☐ netwerks tal-broadband bażiċi (li mill-inqas iniżżlu b'veloċità ta' 2Mbps);

☐ netwerks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss ("NGA") ([105]);

☐ netwerks ta' broadband ultraveloċi ([106]).

([103]) Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband (ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1).

([104]) EWROPA 2020 — Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020.

([105]) Għad-dettalji, ara l-punti 56-60 tal-Linji Gwida dwar il-Broadband.

([106]) Għad-dettalji, ara l-punti 82-85 tal-Linji Gwida dwar il-Broadband.

▼M8

1.7. X'tipi ta' żoni huma d-destinatarji tal-miżura ta' għajnuna? Ikklassifika ż-żoni destinatarji skont is-segment u t-tip differenti ta' netwerk sostnuti u elabora fuq il-klassifikazzjoni abbażi ta' dejta li tista' tiġi verifikata.

☐ Abjad Bażiku	☐ Griż Bażiku	☐ Iswed Bażiku
☐ NGA Abjad	☐ NGA Griż	☐ NGA Iswed
☐ Ultraveloċi Abjad	☐ Ultrave-loċi Griż	☐ Ultraveloġi Iswed

1.8. Ipprovdi kull informazzjoni rilevanti oħra utli sabiex jiġi ċċarat il-kuntest ġenerali tal-miżura ta' għajnuna.

.....

.....

1.9. X'tip ta' investiment u mudell ta' negozju se jiġu adottati ([107])?

.....

.....

2. **L-ipproċessar u l-għoti tal-miżura ta' għajnuna**

Analiżi tal-immappjar u tal-kopertura

2.1. X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna f'termini tal-kopertura territorjali?

2.2. Ipprovdi informazzjoni, inkluż id-data, u ippreżenta r-riżultati tal-analiżi dettaljata tal-kopertura u l-immappjar imwettqa sabiex jiġu identifikati biċ-ċar iż-żoni destinatarji.

.....

.....

Konsultazzjoni pubblika

2.3. Iddeskrivi l-proċess u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika trasparenti u fejn il-partijiet interessati kollha setgħu jikkummentaw fuq il-miżura ta' għajnuna ppjanata. Ippreżenta l-links tal-Internet rilevanti fejn ġiet ippubblikata l-informazzjoni dwar il-miżura.

.....

.....

Proċedura tal-għażla kompetittiva

2.4. F'każ ta' skjerament u/jew tħaddim tan-netwerk issussidjat minn operatur terz, ikkonferma li se ssir proċedura tal-għażla kompetittiva b'konformità mad-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku ([108]). Ipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha f'dan ir-rigward:

.....

.....

([107]) Ara għal eżempju l-Gwida tal-Kummissjoni għall-investiment fil-broadband b'veloċità għolja (http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/presenta/broadband2011/broadband2011_en.pdf).

([108]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1), id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65) u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE, (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

▼**M8**

2.5. Ipprovdi informazzjoni dwar kif se tingħażel l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża (inklużi l-kriterji tal-għoti u l-piż relattiv li jingħata lil kull wieħed mill-kriterji magħżulin), filwaqt li tqis il-kriterji kwalitattivi (pereżempju, il-kopertura, is-sostenibbiltà tal-approċċ teknoloġiku jew l-impatt tas-soluzzjoni fuq il-kompetizzjoni) u l-prezz:

.....

.....

2.6. Hemm xi rekwiżit ta' servizz minimu li n-netwerk issussidjat irid jikkonforma miegħu (bħal bandwidth minima, servizzi sostnuti, kopertura ġeografika minima, eċċ.)?

☐ iva ☐ le

2.7. Jekk iva, iddeskrivi:

.....

.....

Newtralità teknoloġika

2.8. Il-miżura ta' għajnuna hija teknoloġikament newtrali?

☐ iva ☐ le

2.9. Jekk it-tweġiba għall-punt 2.8 hija iva, iddeskrivi kif inhu rrispettat dan il-prinċipju.

.....

.....

Użu tal-infrastruttura eżistenti

2.10. Ippreżenta mappa li turi l-infrastrutturi eżistenti fis-seħħ fil-pajjiż jew reġjun ikkonċernat, inkluża kull infrastruttura ġdida ppjanata minn operaturi kummerċjali fil-futur qarib, jiġifieri perjodu ta' tliet snin.

.....

.....

2.11. Spjega kif inhu żgurat li l-operaturi li jixtiequ jieħdu sehem fil-proċedura ta' parteċipazzjoni jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar kwalunkwe infrastruttura eżistenti proprjetà tagħhom jew ikkontrollata minnhom fiż-żona destinatarja.

.....

.....

Aċċess bl-ingrossa

2.12. Spjega x'tip ta' obbligi ta' "aċċess għall-operaturi" se jkunu imposti fuq in-netwerk issussidjat (inkluż l-aċċess għal infrastruttura passiva u attiva, iddritt li jintużaw kanali u arbli, fibri inattivi u unitajiet ta' kontroll fit-triq), u għal kemm se jinżammu l-obbligi ta' aċċess.

.....

.....

▼**M8**

Ipprezzar tal-aċċess bl-ingrossa

2.13. Spjega kif se jitfassal parametru referenzarju għall-prezzijiet tal-aċċess.

.....

.....

Mekkaniżmu ta' rkupru u monitoraġġ

2.14. Se jkun hemm mekkaniżmu ta' rkupru li japplika għall-miżura tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

2.15. Jekk it-tweġiba għall-punt 2.14 hija iva, iddeskrivi dan il-mekkaniżmu, il-karatteristiċi u d-durata tiegħu:

.....

.....

2.16. Spjega kif se jkun organizzat il-monitoraġġ tal-miżura ta' għajnuna:

— liema awtorità pubblika se tieħu ħsieb il-monitoraġġ?

— liema aspetti tal-miżura se jkunu soġġetti għal monitoraġġ?

— liema kriterji tal-prestazzjoni se jiġu analizzati?

— meta se jsir il-monitoraġġ?

Awtorità regolatorja nazzjonali ("NRA")

2.17. Iddeskrivi r-rwol tal-NRA, b'mod partikolari rigward: l-identifikazzjoni taż-żoni destinatarji, l-ipprezzar tal-aċċess bl-ingrossa inklużi t-tfassil ta' parametri referenzjarji, ir-risoluzzjoni għat-tilwim, eċċ:

.....

.....

2.18. Spjega l-pożizzjoni tal-NRA dwar l-intervent ta' għajnuna propost u, fejn possibbli, l-opinjoni tal-awtorità nazzjonali għall-kompetizzjoni:

.....

.....

3. **Kriterji ta' kompatibbiltà**

Spjega kif il-miżura ta' għajnuna notifikata tikkonforma mal-kundizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima 2.5 tal-Linji Gwida dwar il-Broadband, b'mod partikolari rigward:

.....

.....

L-għan ta' interess komuni

(a) Il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza għanijiet definiti sew ta' interess komuni?

☐ iva ☐ le

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hija iva, agħti deskrizzjoni tal-għanijiet ta' interess komuni li lejhom timmira l-miżura ta' għajnuna.

▼**M8**

Falliment tas-suq

(c) Il-miżura ta' għajnuna tindirizza falliment tas-suq jew inugwaljanzi importanti li jxekklu d-disponibbiltà tas-servizzi tal-broadband?

☐ iva ☐ le

(d) Jekk it-tweġiba għal (c) hija iva, iddeskrivi dan il-falliment tas-suq u pprovdi ħarsa ġenerali lejn is-suq tal-broadband fil-pajjiż jew reġjun ikkonċernat u lejn iż-żoni destinatarji tal-miżura ta' għajnuna.

Dik il-ħarsa ġenerali għandu jkun fiha informazzjoni dwar il-livell attwali ta' kopertura tal-broadband, ir-rata ta' penetrazzjoni tal-Internet (l-għadd ta' djar u intrapriżi mqabbdin), disaggregazzjoni tad-disponibbiltà tas-servizzi skont it-teknoloġija, ix-xejriet ewlenin fis-suq (nazzjonali jew reġjonali) tal-broadband, il-qasma rurali/urbana f'termini ta' kopertura tal-broadband, paragun tal-prezzijiet bl-imnut ma' dawk mitluba għall-istess servizzi offruti f'żoni jew reġjuni aktar kompetittivi tal-pajjiż iżda li huma xort paragunabbli, is-soluzzjonijiet teknoloġiċi disponibbli għall-iżvilupp tal-broadband u l-forniment ta' servizzi ta' konnessjoni, is-sitwazzjoni kompetittiva fis-swieq tal-komunikazzjoni elettronika (struttura u dinamika tas-swieq), ħarsa ġenerali lejn il-qafas regolatorju nazzjonali u tal-obbligi regolatorji eżistenti għall-operaturi tal-komunikazzjoni elettronika:

.....

.....

Strument xieraq

(e) Uri kemm hija adattata l-miżura ta' għajnuna:

.....

.....

(f) Diġà ġie implimentat xi strument alternattiv (li jfixkel inqas) ieħor sabiex jiġu forniti s-servizzi tal-broadband u jingħeleb in-nuqqas ta' konnettività tal-broadband, inkluži regolament *ex ante* jew stimolazzjoni tad-domanda?

☐ iva ☐ le

(g) Jekk it-tweġiba għal (f) hija iva, iddeskrivi dawk l-inizjattivi u spjega għaliex ma tqisux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp tal-broadband mixtieqa:

.....

.....

(h) L-operaturi tan-netwerk eżistenti wettqu xi investiment privat fiż-żoni destinatarji tul l-aħħar tliet snin?

☐ iva ☐ le

(i) Jekk it-tweġiba għal (h) hija iva, iddeskrivi dawk l-investimenti u spjega għaliex l-infrastruttura eżistenti tal-broadband mhijiex biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u l-utenti kummerċjali u għaliex hemm bżonn tal-għajnuna mill-Istat.

.....

.....

▼M8

Effett ta' inċentiv

(j) Iddeskrivi l-effetti pożittivi li l-miżura ta' għajnuna hija mistennija tiġġenera.

.....

.....

Bidla fil-Pass

(k) Il-miżura tal-għajnuna se tiżgura "bidla fil-pass" f'termini tad-disponibbiltà tal-broadband?

☐ iva ☐ le

(l) Jekk it-tweġiba għal (k) hija iva, uri dak il-fatt permezz ta' paragun mal-iskjerament eżistenti u ppjanat tan-netwerk (jiġifieri qabel u wara l-intervent ippjanat). B'mod partikolari, iddeskrivi fid-dettall jekk u kemm l-investiment sinifikanti l-ġdid fin-netwerk tal-broadband se jitwettaq u x'kapaċitajiet ġodda se jiddaħħlu fis-suq f'termini ta' disponibilità u kwalità tas-servizz tal-broadband.

.....

.....

(m) Spjega l-bidliet mistennijin fl-imġiba tal-benefiċjarju/i tal-miżura ta' għajnuna.

.....

.....

(n) Uri li ma sarx xi investiment simili fin-netwerk tal-broadband matul l-istess perjodu ta' żmien u/jew bl-istess patti u kundizzjonijiet mingħajr l-għajnuna mill-Istat.

.....

.....

Proporzjonalità

(o) Spjega kif inhu żgurat li l-miżura ta' għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ.

.....

.....

Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ

(p) Jekk jogħġbok spjega x'effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ il-miżura ta' għajnuna jista' jkollha (pereżempju: il-potenzjal li tieħu post (crowding out) l-investimenti privati jew tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti) u liema elementi fit-tfassil tal-miżura ([109]) jistgħu jimminimizzaw dawk ir-riskji.

.....

.....

4. **Informazzjoni oħra**

Indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti sabiex tiġi vvalutata l-miżura kkonċernata skont il-Linji Gwida dwar il-Broadband jew kull informazzjoni oħra rilevanti mill-perspettiva tar-regoli tal-Unjoni dwar il-Kompetizzjoni u s-Suq Intern ([110]).

.....

([109]) Pereżempju, il-mudell ta' investiment u negozju magħżul, id-daqs u l-karatteristiċi taż-żoni ta' intervent ġeografiku jew il-miżuri biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż tal-proġett.

([110]) Il-lista tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-broadband jinsabu fil-paġna ewlenija tad-DĠ Kompetizzjoni: http://ec.europa.eu/competition/sectors/telecommunications/broadband_decisions.pdf.

▼M8

PARTI III.6

Formola ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u l-enerġija

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża sabiex tiġi nnotifikata kull għajnuna koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-EEAG") ([111]).

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi għall-formola ta' notifika jridu jiġu enumerati u n-numru tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din il-formola ta' informazzjoni supplimentari.

Jekk hemm bosta benefiċjarji involuti f'miżura ta' għajnuna waħda, trid tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti għal kull wieħed minnhom.

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid timtela flimkien mal-formola "Parti I. Informazzjoni ġenerali".

Kamp ta' applikazzjoni

Ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija

Qabel ma timla din il-formola għandek tikkunsidra jekk din il-miżura setgħetx tiġi implimentata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 (ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-GBER") ([112]), u b'mod partikolari it-taqsima 7 tal-Kapitolu III tiegħu (Għajnuna għall-Ħarsien Ambjentali u l-Enerġija).

L-għajnuna tista' tiġi implimentata skont il-GBER?

☐ iva ☐ le

Jekk l-għajnuna tista' tiġi implimentata skont il-GBER, spjega għaliex il-miżura hija notifikata.

.....

.....

Regolament de minimis

Qabel ma timla din il-formola ta' notifika, għandek tqis jekk din il-miżura tistax tiġi implimentata skont ir-Regolament *de minimis* ([113]):

L-għajnuna tista' tiġi implimentata skont ir-Regolament *de minimis*?

☐ iva ☐ le

Jekk l-għajnuna tista' tiġi implimentata skont ir-Regolament *de minimis*, spjega għaliex il-miżura hija notifikata.

.....

.....

Din il-formola għandha timtela biss sabiex tiġi notifikata għajnuna mill-Istat li hija maħsuba li tiġi implimentata skont l-EEAG. Imla l-partijiet rilevanti tal-formola tan-notifika li tikkorrispondi man-natura tal-miżura nnotifikata.

([111]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1. Għal xi dettalji dwar l-użu ta' din il-formola ta' notifika supplimentari fl-agrikoltura u fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, ara l-punt 14 tal-EEAG.

([112]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1)

([113]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

▼M8

Taqsima A: Informazzjoni ġenerali dwar il-miżuri ta' għajnuna għall-enerġija u l-ambjent

1. Speċifika t-tip ta' għajnuna hawn taħt u mbagħad imla l-parti rilevanti tat-Taqsima B ta' din il-formola ta' informazzjoni supplimentari ("Valutazzjoni tal-kompatibbiltà ġenerali"): Jekk l-iskema qed tipprovdi iktar minn tip wieħed ta' għajnuna fil-lista ta' hawn taħt, għandek timla t-Taqsima B għal kull kaxxa mmarkata.

   Jekk il-miżura hija għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali jew mill-iffinanzjar tal-appoġġ għall-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli ([114]), imla t-Taqsima C tal-formola ("Valutazzjoni tal-kompatibbiltà għal għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali u fil-forma ta' tnaqqis fl-appoġġ għall-finanzjament għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli").

   (a) ☐ Għajnuna għal impriżi li jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni jew li jżidu l-livell ta' ħarsien ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni;

   (b) ☐ Għajnuna għax-xiri ta' vetturi tat-trasport ġodda li jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni jew li jżidu l-livell ta' ħarsien ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni;

   (c) ☐ Għajnuna għal adattament bikri għall-istandards tal-Unjoni futuri;

   (d) ☐ Għajnuna għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

   — Ikkonferma li l-miżura ssostni biss enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli kif definiti fil-punt 19(5) u 19(11) tal-EEAG.

   .....

   .....

   — Għal bijokarburanti, ikkonferma li l-miżura ssostni biss bijokarburanti sostenibbli kif definiti fil-punt 19(9) tal-EEAG.

   .....

   .....

   (e) ☐ Għajnuna għal miżuri għall-effiċjenza enerġetika;

   — Ikkonferma li l-miżura ssostni biss miżuri ta' effiċjenza kif definiti fil-punt 19(2) tal-EEAG.

   .....

   .....

   (f) ☐ Għajnuna għal miżuri effiċjenti fl-enerġija ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali;

   — Ikkonferma li l-miżura ssostni biss miżuri ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali effiċjenti fl-enerġija kif definit fil-punt 19(14) tal-EEAG.

   .....

   .....

   (g) ☐ Għajnuna għal koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

   — Ikkonferma li l-miżura ssostni biss koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita fil-punt 19(13) tal-EEAG.

   .....

   .....

([114]) Ara t-taqsima 3.7 tal-għajnuna EEAG fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali fil-forma ta' tnaqqisiet f'appoġġ b'finanzjament għall-elettriku minn sors rinnovabbli.

▼**M8**

(h) ☐ Għajnuna għall-immaniġġar tal-iskart;

(i) ☐ Għajnuna għal studji ambjentali;

(j) ☐ Għajnuna għar-rijabilitazzjoni ta' siti kontaminati;

(k) ☐ Għajnuna għar-rilokazzjoni tal-impriżi;

(l) ☐ Għajnuna involuta fi skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet;

(m) ☐ Għajnuna għall-infrastruttura tal-enerġija;

(n) ☐ Għajnuna għall-ġbir, it-trasport u l-ħżin tas-CO_2 (CCS);

(o) ☐ Għajnuna għal miżuri ta' adegwatezza tal-ġenerazzjoni;

(p) ☐ Għajnuna f'forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxi ambjentali;

(q) ☐ Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fl-appoġġ finanzjarju għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

2. Ipprovdi deskrizzjoni ddettaljata tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura notifikata (għan, l-effetti li probabbli jkollha l-għajnuna, strument tal-għajnuna, intensità tal-għajnuna, benefiċjarji, baġit, kundizzjonijiet eċċ.).

3. Tistal-għajnuna tingħaqad ma' għajnuna oħra?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba tkun iva, spjega u imla t-taqsima dwar il-kumulazzjoni fit-taqsima dwar il-proporzjonalità tat-Taqsima B.

.....

.....

4. F'każ li l-miżura notifikata tikkonċerna skema, immarka l-kaxxa f'dan il-punt biex tikkonferma li kull għajnuna mogħtija mill-iskema notifikata se tiġi notifikata b'mod individwali jekk tmur lil hinn mil-limiti stabbiliti fil-punt 20 tal-EEAG:

☐ iva

5. Fil-każ li l-għajnuna individwali nnotifikata hija bbażata fuq skema approvata, ipprovdi d-dettalji dwar dik l-iskema (in-numru tal-każ, it-titlu tal-iskema, id-data tal-approvazzjoni mill-Kummissjoni):

.....

.....

6. Jekk applikabbli, indika x'inhi r-rata tal-kambju li ntużat għall-iskopijiet tan-notifika:

.....

.....

7. Indika jekk dawk il-kundizzjonijiet marbutin mal-miżura, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta jifforma parti integrali minnha, li jistgħu jinvolvu ksur in solidum tal-liġi tal-Unjoni (punt 29 tal-EEAG).

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, spjega kif jiġi żgurat li jkun hemm konformità mal-liġi tal-Unjoni.

.....

.....

▼M8

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà ġenerali

1. **Kontribut għal għan ta' interess komuni**

Biex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.1 tal-EEAG u kif inhu speċifikat iktar fit-taqsimiet 3.2 - 3.6 u 3.8 - 3.10 tal-EEAG.

Skemi ta' għajnuna mill-Istat

1. Fid-dawl tal-għanijiet ta' interess komuni indirizzati mill-EEAG, indika l-għanijiet ambjentali jew enerġetiċi identifikati mill-miżura notifikata. ([115]) Agħti deskrizzjoni dettaljata ta' kull tip differenti ta' għajnuna li se jingħata skont il-miżura notifikata:

.....

.....

2. Il-miżura notifikata diġà ġiet applikata fl-imgħoddi?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, indika r-riżultati tagħha f'termini tal-ħarsien ambjentali jew it-titjib fis-sistema enerġetika, in-numru tal-każ rilevanti u d-data tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni u, jekk possibbli, ehmeż rapporti nazzjonali dwar l-evalwazzjoni fuq il-miżura:

.....

.....

3. Jekk il-miżura hija ġdida, indika r-riżultati mistennijin u l-perjodu li matulu se jinkisbu, kif ukoll kif dawk ir-riżultati jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq:

.....

.....

4. Jekk jogħġbok spjega kif tiżgura li l-iġġenerar ta' investiment adegwat ma jikkontradixxix l-għan li gradwalment jitneħħew is-sussidji dannużi għall-ambjent inkluż għall-fjuwils fossili, f'konformità mal-punt 220 tal-EEAG. Kif huma kkunsidrati, pereżempju, il-ġestjoni mil-lat tad-domanda u l-kapaċità ta' interkonnessjoni? Hemm pereżempju preferenza għal fornituri ta' kapaċità b'livell baxx ta' karbonju f'każ ta' prestazzjoni teknika ekwivalenti?

.....

.....

5. Fil-każ tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni, jekk jogħġbok spjega u ddefinixxi b'mod ċar il-problema tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni li hija mistennija li tirriżulta u l-konsistenza mal-analizi tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni mwettqa regolarment mill-ENTSO-E ([116]). Jekk jogħġbok ipprovdi fit-tweġiba dettalji fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punt 221 tal-EEAG.

.....

.....

6. Fil-każ tal-immaniġġar tal-iskart, ikkonferma li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

([115]) Meta tiġi introdotta miżura kofinanzjata minn Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, l-Istati Membri jistgħu jistrieħu fuq ir-raġunament fil-Programmi Operatorji rilevanti biex jindikaw l-għanijiet ambjentali jew tal-enerġija.

([116]) In-Netwerk Ewropew tal-Operaturi ta' Sistemi ta' Trażmissjoni għall-Elettriku.

▼**M8**

(a) ☐ il-prinċipju ta' ġerarkija tal-iskart huwa rrispettat; Ara l-punt 118 tal-EEAG

(b) ☐ l-investiment huwa maħsub sabiex inaqqas it-tniġġiż maħluq minn impriżi (“min iniġġeż”) u ma jestendix għal tniġġiż maħluq mill-benefiċjarju tal-għajnuna; Ara l-punt 158(a) tal-EEAG

(c) ☐ l-għajnuna ma teħlisx b'mod indirett lil dawk li jniġġsu minn piż li għandhom iġġarrbu skont il-liġi tal-Unjoni, jew minn piż li għandu jitqies bħala spiża normali tal-kumpanija għal dawk li jniġġsu; Ara l-punt 158(b) tal-EEAG

(d) ☐ l-investiment imur lil hinn mill-“ogħla livell ta' żvilupp tekniku”; Ara l-punt 158(c) tal-EEAG

(e) ☐ l-materjal ittrattat kieku jintrema, jew jiġi ttrattat b'mod li jirrispetta anqas lill-ambjent; Ara l-punt 158(d) tal-EEAG

(f) ☐ l-investiment ma jillimitax ruħu għal żieda fid-domanda ta' riċiklaġġ tal-materjal mingħajr ma jżid il-ġbir ta' dak il-materjal. Ara l-punt 158 tal-EEAG

Barra minn hekk, ipprovdi dettalji u evidenza ta' konformità mal-kundizzjonijiet imsemmijin f'dan il-punt:

.....

.....

8. Fil-każ ta' kwoti ta' emissjonijiet, iddeskrivi fid-dettall l-iskema tal-kwoti ta' emissjonijiet, inklużi fost l-oħrajn l-għanijiet, il-metodoloġija tal-għoti, l-awtoritajiet jew l-entitajiet involuti, ir-rwol tal-Istat, il-benefiċjarji u l-aspetti proċedurali:

.....

.....

Spjega kif:

(a) ☐ l-iskema ta' permessi kummerċjabbli hija stabbilita b'mod li qed tikseb għanijiet ambjentali lil hinn minn dawk maħsuba li għandhom jinkisbu fuq il-bażi ta' standards tal-Unjoni li huma mandatorji għall-impriżi kkonċernati:

.....

.....

(b) ☐ l-allokazzjoni issir b'mod trasparenti u bbażata fuq kriterji oġġettivi u fuq sorsi ta' data tal-ogħla kwalità possibbli:

.....

.....

(c) ☐ l-ammont totali tal-permessi ta' skambji jew konċessjonijiet mogħtija lil kull impriża għal prezz li jkun inqas mill-valur tas-suq ma jkunx akbar mill-valur tas-suq għall-ħtiġiet mistennija kif tkun l-istima għas-sitwazzjoni fin-nuqqas tal-iskema tal-kummerċ:

.....

.....

▼**M8**

(d) ☐ il-metodoloġija tal-allokazzjoni ma tiffavorixxix lil ċerti impriżi jew ċerti setturi;

.....

.....

F'każ li l-metodoloġija tal-allokazzjoni tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti setturi, iżda dak ikun ġustifikat mil-loġika ambjentali tal-iskema nfisha jew tkun meħtieġa għall-konsistenza ma' linji oħra ta' politika ambjentali:

.....

.....

(e) ☐ bħala prinċipju, parteċipanti ġodda ma jistgħux jirċievu permessi jew benefiċċji b'kundizzjonijiet aktar favorevoli meta mqabbla ma' impriżi eżistenti li huma attivi fl-istess swieq:

.....

.....

(f) ☐ l-għoti ta' allokazzjonijiet ogħla lil installazzjonijiet eżistenti meta mqabbla ma' parteċipanti ġodda m'għandux iwassal għal ostakoli indebiti għad-dħul fis-suq:

.....

.....

Ipprovdi dettalji u evidenza li juru li hemm konformità mal-kundizzjonijiet imsemmijin f'dan il-punt:

.....

.....

Għajnuna notifikabbli individwalment — informazzjoni addizzjonali

8. Jekk l-għajnuna hija maħsuba biex tkun disponibbli għal impriżi individwali jekk jogħġbok ipprovdi kemm jista' jkun informazzjoni kwantifikabbli li turi l-kontribuzzjoni għall-għan komuni rilevanti tal-miżura nnotifikata.

.....

.....

2. **Il-Htieġa tal-Għajnuna mill-Istat**

Biex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.2 tal-EEAG u kif inhu speċifikat iktar fit-taqsimiet 3.2 - 3.6 u 3.8 - 3.10 tal-EEAG.

Skemi ta' għajnuna mill-Istat

1. Identifika l-falliment tas-suq li qed ixekkel il-livell ta' ħarsien ambjentali jew suq tal-enerġija sigur, affordabbli, sostenibbli u li jaħdem kif suppost (ara l-punt 35 tal-EEAG):

.....

.....

2. Jekk il-falliment tas-suq diġà qed jiġi indirizzat minn politiki jew miżuri oħrajn, ipprovdi evidenza li l-miżura notifikata hija mmirata biss lejn il-falliment tas-suq residwu (ara l-punt 36 tal-EEAG).

.....

.....

▼**M8**

3. Ipprovdi informazzjoni ddettaljata dwar l-għamla u r-raġunijiet għaliex il-miżura nnotifikata hija meħtieġa:

.....

.....

4. Fil-każ ta' investiment fi proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija, spjega (ara l-punti 206 — 208 tal-EEAG):

(a) Sa liema punt il-miżura hija ta' benfiċċju għal proġetti ta' interess komuni kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 347/2013, netwerks intelliġenti jew infrastruttura f'reġjuni assistiti?

.....

.....

(b) Sa liema punt il-falliment tas-suq iwassal għal forniment mhux ottimali tal-infrastruttura meħtieġa?

.....

.....

(c) Sa liema punt l-infrastruttura hija aċċessibbli għal terzi u soġġetta għal regolamenti tat-tariffi?

.....

.....

5. Fil-każ ta' adegwatezza tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja stabbilita fil-punti 222 — 224 tal-EEAG.

(a) Valutazzjonijiet tal-impatt tal-ġenerazzjoni varjabbli, inkluża dik li toriġina minn sistemi fl-inħawi.

.....

.....

(b) Valutazzjoni tal-impatt tal-parteċipazzjoni min-naħa tad-domanda, inkluża deskrizzjoni tal-miżuri li jħeġġu ġestjoni min-naħa tad-domanda.

.....

.....

(c) Valutazzjoni tal-eżistenza attwali jew potenzjali tal-interkonnetturi inkluża deskrizzjoni tal-proġetti li qed jinbnew u dawk ippjanati.

.....

.....

(d) Valutazzjoni ta' kull element ieħor li jista' jikkaġuna jew jiggrava l-problema ta' adegwatezza tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni, bħal fallimenti regolatorji jew tas-suq, inklużi pereżempju limiti massimi fuq il-prezzijiet tal-bejgħ bl-ingrossa.

.....

.....

Għajnuna notifikabbli individwalment — informazzjoni addizzjonali

6. Jekk l-għajnuna hija maħsuba biex titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriżi individwali, ipprovdi evidenza ċara li l-impriżi individwali kkonċernati qegħdin fil-fatt iħabbtu wiċċhom mal-fallimenti tas-suq jew il-fallimenti tas-suq residwi identifikati hawn fuq (ara l-punti 38 u 39 tal-EEAG).

.....

.....

▼M8

7. Safejn rilevanti, ipprovdi informazzjoni speċifika dwar:

(a) jekk il-falliment tas-suq huwiex diġà indirizzat b'mod suffiċjenti minn miżuri ta' politika oħrajn, b'mod partikolari l-eżistenza ta' standards ambjentali jew oħrajn tal-Unjoni, l-ETS tal-Unjoni jew taxxi ambjentali;

.....

.....

(b) jekk ikunx meħtieġ intervent mill-Istat, meta titqies l-ispiża tal-implimentazzjoni ta' standards nazzjonali mġarrba mill-benefiċjarju tal-għajnuna fin-nuqqas ta' għajnuna meta mqabbel mal-ispejjeż, jew in-nuqqas tagħhom,li l-kompetituri prinċipali tal-benefiċjarju tal-għajnuna jġarrbu b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dawk l-istandards;

.....

.....

(c) fil-każ ta' fallimenti ta' koordinazzjoni l-għadd ta' impriżi mitluba li jikkollaboraw, l-interessi diverġenti bejn partijiet li jikkollaboraw u l-problemi prattiċi fil-koordinazzjoni tal-kollaborazzjoni, bħal kwistjonijiet lingwistiċi, is-sensittività tal-informazzjoni u l-istandards mhux armonizzati.

.....

.....

3. **L-adegwatezza tal-għajnuna**

Biex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.3 tal-EEAG u kif inhu speċifikat iktar fit-taqsimiet 3.2 - 3.6 u 3.8 - 3.10 tal-EEAG.

1. Spjega għaliex l-għajnuna mill-Istat hija strument xieraq minflok strumenti politiċi oħrajn, (strumenti li mhumiex għajnuna mill-Istat) jew l-implimentazzjoni sħiħa tal-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas" ([117]) (ara l-punti 41 — 44 tal-EEAG).

.....

.....

2. Spjega għaliex l-istrument ta' għajnuna mill-Istat li għażilt jitqies li huwa l-iktar strument ta' għajnuna mill-Istat xieraq sabiex jindirizza l-għan politiku kkonċernat u għaliex aktarx li jiġġenera inqas tfixkil fil-kummerċ u kompetizzjoni meta mqabbel ma' strumenti oħrajn ta' għajnuna mill-Istat (ara l-punti 45 — 48 tal-EEAG).

.....

.....

3. Fil-każ ta' adegwatezza tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni, ikkonferma u spjega li l-għajnuna hija remunerazzjoni purament għad-disponibilità skont il-punt 225 tal-EEAG. Iddeskrivi wkoll kif il-miżura tipprovdi inċentivi adegwati kemm għall-ġeneraturi eżistenti kif ukoll dawk tal-ġejjieni u għall-operaturi li jużaw teknoloġiji xierqa, bħal soluzzjonijiet ta' rispons jew ħżin fuq in-naħa tad-domanda (bħall-permess ta' ħinijiet lead-in differenti sabiex ikunu jistgħu jintużaw teknoloġiji differenti) skont il-punt 226 tal-EEAG. Spjega kemm il-kapaċità ta' interkonnessjoni tista' tkun ta' rimedju għal kull problema possibbli ta' adegwatezza tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni (kif iddikjarat fil-punt 226 tal-EEAG).

.....

.....

([117]) Biex juri l-adegwatezza tal-iskemi, l-Istat Membru jista' juża wkoll ir-riżultati ta' evalwazzjonijiet li saru fl-imgħoddi kif spjegat fil-Kapitolu 4 tal-EEAG.

▼**M8**

4. **Effett ta' inċentiv**

Biex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.4 tal-EEAG u kif inhu speċifikat iktar fit-taqsimiet 3.2 - 3.6 u 3.8 - 3.10 tal-EEAG.

Skemi ta' għajnuna mill-Istat

1. L-għajnuna se tingħata fuq il-bażi ta' proċess kompetittiv ta' offerti?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti dettalji rigward il-proċess kompetittiv u ehmeż kopja tan-notifika tal-offerta jew l-abbozz tagħha.

.....

2. Meta tingħata l-għajnuna mill-miżura notifikata, jiġi żgurat li x-xogħol fuq il-proġett ma jkunx għadu beda qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna mill-benefiċjarju mal-awtoritajiet nazzjonali? Jiġi żgurat li l-għajnuna fl-ebda każ mhi se titħallas, u mhux se tkun tħallset diġà, meta x-xogħol fuq il-proġett megħjun diġà jkun beda qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna mill-benefiċjarju mal-awtoritajiet nazzjonali ([118])?

☐ iva ☐ le

3. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jinkludu tal-inqas l-isem tal-applikant u fil-każ ta' impriża, id-daqs tagħha, deskrizzjoni tal-proġett, inklużi l-post u d-dati ta' bidu u tmiem tiegħu, l-ammont ta' appoġġ pubbliku meħtieġ biex isir, u lista tal-ispejjeż eliġibbli?

☐ iva ☐ le

4. Iddeskrivi, billi tipprovdi eżempji, il-verifiki tal-kredibilità kontrafattwali li se jsiru sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tirriżulta fl-effetti ta' inċentiv mixtieqa

.....

.....

5. Jekk l-għajnuna mogħtija jkollha l-għan li tgħin fl-adattament għall-istandards tal-Unjoni jew li tmur lil hinn l-istandards futuri tal-Unjoni, ipprovdi dettalji dwar f'xiex se tikkonsisti l-għajnuna, liema standards se jintlaħqu u meta jew liema stardards se jinqabżu (ara l-punti 53 sa 55 tal-EEAG).

.....

.....

6. Jekk l-għajnuna tingħata għal vetturi tat-trasport għal trasport bit-triq, bil-ferrovija, fl-ilmijiet navigabbli interni u marittimi, ipprovdi d-dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-applikabbiltà tal-istandards tal-Unjoni (inkluż il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku fejn ikun rilevanti) u b'mod partikolari l-applikazzjoni retroattiva tagħha (ara l-punt 54(a) jew (b) tal-EEAG).

Ġie adottat standard tal-Unjoni?

([118]) "Bidu tax-xogħlijiet" huwa definit fil-punt 19(44) tal-EEAG.

▼**M8**

☐ iva ☐ le

.....

7. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija numru 6 hija iva, ikkonferma jekk daħalx fis-seħħ. Jekk ma daħalx fis-seħħ, sa liema data se jidħol fis-seħħ?

☐ iva ☐ le

.....

8. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija numru 6 hija iva, l-investiment se jiġi implimentat u ffinalizzat tal-inqas sena wara d-data li fiha jidħol fis-seħħ l-istandard tal-Unjoni kkonċernat?

☐ iva ☐ le

.....

9. Jekk l-għajnuna tikkonċerna awditjar tal-enerġija ta' intrapriżi kbar, tista' tikkonferma li ma tintużax l-għajnuna biex jitħallas awditjar tal-enerġija li l-benefiċjarju huwa meħtieġ li jwettaq skont id-Direttiva 2012/27/UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika ([119])?

☐ iva ☐ le

Għajnuna notifikabbli individwalment — informazzjoni addizzjonali

10. Jekk l-għajnuna hija maħsuba biex titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriżi individwali, ipprovdi evidenza ċara li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv fuq id-deċiżjoni ta' investiment, li tibdel l-imġiba tal-benefiċjarju u twassal jew għal żieda fil-livell ta' ħarsien ambjentali jew funzjonament aħjar tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni. (ara t-taqsima 3.2.4.2 tal-EEAG)

.....

.....

11. Iċċara x'vantaġġi se jġib miegħu l-proġett sostnut għall-benefiċjarju, b'mod partikolari vantaġġi tal-produzzjoni pereżempju impatt fuq il-kapaċità u l-kwalità tal-prodotti. (ara l-punt 59 tal-EEAG)

.....

.....

12. Ipprovdi, spjega u ġġustifika x-xenarju kontrafattwali għall-impriża individwali involuta. (ara l-punt 60 tal-EEAG)

.....

.....

13. Ipprovdi l-profittabilità għall-proġett ikkonċernat u r-rati normali tipiċi ta' redditu aċċettati mill-impriża għal investimenti oħrajn ta' xorta simili. Ipprovdi evidenza bħala appoġġ għall-informazzjoni pprovduta. (ara l-punti 61 — 65 tal-EEAG)

.....

.....

([119]) Dan ir-rekwiżit mhuwiex applikabbli għal SMEs u huwa mingħajr ħsara għall-valutazzjoni tal-effett ta' inċentiv tal-għajnuna mill-Istat għal miżura tal-effiċjenza enerġetika stipulata minn jew imwettqa minħabba l-awditjar tal-enerġija u dawk li jirriżultaw minn għodod oħrajn (ara l-punti 56 u 57 tal-EEAG).

▼**M8**

14. F'każ ta' standard tal-Unjoni li huwa applikabbli jew li se jkun applikabbli, ipprovdi evidenza, inkluża informazzjoni kwantitattiva, li turi li l-istandard ma jneħħix l-effett ta' inċentiv tal-għajnuna. (ara l-punti 66 — 68 tal-EEAG)

.....

.....

5. **Proporzjonalità**

Sabiex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.5 EEAG u t-taqsimiet 3.2 - 3.6 u 3.8 - 3.10 tal-EEAG.

Jekk il-miżura tikkonċerna għajnuna għall-investiment biss, imla l-ewwel parti ta' din it-taqsima. Jekk l-għajnuna hija għajnuna operattiva, imla t-tieni parti ta' din it-taqsima. Jekk il-miżura tikkonsisti kemm f'għajnuna għall-investiment kif ukoll f'għajnuna operattiva, għandhom jimtlew iż-żewġ taqsimiet

5.1. Skemi ta' għajnuna mill-Istat

5.1.1. Skemi ta' għajnuna għall-investiment

L-ammont tal-għajnuna għal kull benefiċjarju għandu jkun limitat għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq il-livell ta' ħarsien ambjentali jew l-għan enerġetiku. Bħala prinċipju ġenerali, l-għajnuna se titqies limitata għall-minimu meħtieġ jekk l-għajnuna tikkorrispondi għall-ispiża żejda netta totali meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan meta mqabbla max-xenarju kontrafattwali (ara t-taqsima 3.2.5 tal-EEAG, il-punt 70).

Fil-każ ta' għajnuna għal proġetti ta' tisħin u tkessieħ distrettwali li jkunu enerġetikament effiċjenti, din it-taqsima tapplika biss għall-impjant tal-produzzjoni. Għall-parti tal-infrastruttura, għandu jintuża l-approċċ tad-distakk fil-finanzjament bħal dak użat għall-infrastruttura tal-enerġija (ara t-taqsima 5.1.2 tal-iskemi ta' għajnuna operattiva) (il-punt 76 EEAG)

5.1.1.1. Spejjeż eliġibbli ([120]): ipprovdi d-dettalji tal-ispejjeż eliġibbli kif xieraq.

(1) Ikkonferma li l-ispejjeż eliġibbli huma limitati għall-ispejjeż ta' investiment żejda meħtieġa biex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni u mhumiex iktar mill-intensità tal-għajnuna ta' 100 %:

☐ iva

(2) Ikkonferma dan li ġej billi timmarka l-kaxxa xierqa u tipprovdi spjegazzjonijiet dwar:

☐ l-ispejjeż preċiżi relatati mal-ħarsien tal-ambjent jikkostitwixxu l-**ispejjeż** eliġibbli, fil-każ li l-ispiża ta' investiment fil-ħarsien tal-ambjent tista' tkun faċilment identifikabbli;

jew

☐ l-ispejjeż ta' **investiment** żejda huma stabbiliti billi l-investiment megħjun jitqabbel mas-sitwazzjoni kontrafattwali finnuqqas tal-għajnuna, jiġifieri l-investiment ta' referenza ([121])

.....

(3) Jaf ikun diffiċli tistabbilixxi x-xenarju kontrafattwali fi proġetti integrati bħal miżuri integrati tal-effiċjenza fl-enerġija jew proġetti

([120]) Għad-dettalji, ara l-punti minn 72 sa 76 tal-EEAG.

([121]) Ix-xenarju kontrafattwali t-tajjeb huwa l-ispiża ta' investiment teknikament paragunabbli li jipprovdi grad inqas ta' ħarsien ambjentali (ekwivalenti għal standards obbligatorji tal-Unjoni, fis-seħħ) li jistgħu possibbilment jitwettqu mingħajr l-għajnuna. Ara l-punt 73(b) tal-EEAG. Pereżempju ara l-lista pprovduta fl-anness 2 tal-EEAG. F'każ li l-investiment ta' referenza ma jkunx dak elenkat fl-Anness 2, spjega u ġġustifika għaliex huwa xieraq.

▼M8

tal-bijogass. Meta xenarju kontrafattwali ma jkunx jista' jiġi stabbilit, il-Kummissjoni jaf tkun tista' tikkunsidra l-ispejjeż totali tal-proġett bħala alternattiva li tista' timplika intensitajiet inqas tal-għajnuna biex tirrifletti l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli (ara l-punt 75 tal-EEAG).

Jekk tipproponi li jintuża dan l-approċċ, spjega f'dettall ir-raġuni għal dan u pprovdi d-dettalji tal-kalkolu, b'mod partikolari billi turi kif l-intensitajiet massimi tal-għajnuna huma aġġustati kif xieraq.

.....

.....

(4) Ipprovdi metodoloġija ddettaljata tal-kalkolu, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, li se tiġi applikata għall-għotjiet kollha ta' għajnuna bbażati fuq l-iskema nnotifikata, u pprovdi l-evidenza rilevanti:

.....

.....

(5) X'forma jieħdu l-ispejjeż eliġibbli?

(a) ☐ investimenti f'assi tanġibbli

(b) ☐ investimenti f'assi mhux tanġibbli

Jekk l-investiment huwa marbut ma' assi tanġibbli imla l-punt 6; jekk huwa marbut ma' assi intanġibbli imla l-punt 7. Jekk l-investiment huwa marbut kemm ma' assi tanġibbli kif ukoll intanġibbli, trid timla il-punti 6 kif ukoll il-punt 7.

(6) F'każ ta' investimenti f'assi tanġibbli indika l-forma/il-forom tal-investimenti kkonċernati:

(a) ☐ investimenti f'art li huma strettament meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali;

(b) ☐ investimenti f'bini maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

(c) ☐ investimenti f'impjanti u tagħmir maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

(d) ☐ investimenti fl-adattar tal-metodi tal-produzzjoni bil-għan li jitħares l-ambjent.

(7) F'każ ta' investimenti f'assi mhux tanġibbli (trasferiment teknoloġiku permezz tal-ksib ta' liċenzji operattivi jew ta' kompetenzi li jkollhom jew li ma jkollhomx privattiva) ikkonferma li kull wieħed mill-assi mhux tanġibbli jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ☐ għandu jitqies bħala assi li jiddeprezza;

(b) ☐ jiġu mixtrija fuq termini tas-suq, minn impriża li fuqha l-akkwirent ma jkollu l-ebda poter ta' kontroll dirett jew indirett,

(c) ☐ għandu jiddaħħal fl-assi tal-impriża, u jibqa' fl-istabbiliment tal-benefiċjarju tal-għajnuna u jintuża hemmhekk għal mill-inqas ħames snin ([122]).

Barra dan, ikkonferma li jekk l-assi mhux tanġibbli jinbiegħ matul l-ewwel ħames snin:

☐ id-dħul mill-bejgħ jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli;

u

([122]) Qed tingħed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li din il-kundizzjoni ma tapplikax jekk l-assi mhux tanġibbli huwa teknikament skadut.

▼M8

☐ parti mill-ammont jew l-ammont sħiħ tal-għajnuna, fejn xieraq, jitħallas lura.

Jekk l-investiment huwa marbut ma' standards tal-Unjoni, imla l-punt 8.

(8) Fil-każ ta' miżuri li għandhom l-għan li jiksbu livell ta' protezzjoni ambjentali ogħla mill-istandards tal-Unjoni, ikkonferma d-dikjarazzjonijiet rilevanti ([123]) billi timmarka l-kaxxa rilevanti:

(a) ☐ jekk l-impriża qed tadatta għal standards nazzjonali adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni, l-ispejjeż eliġibbli jikkonsistu fl-ispejjeżaddizzjonali ta' investiment sabiex jintlaħaq il-livell ta' ħarsien ambjentali meħtieġ mill-istandards nazzjonali;

(b) ☐ jekk l-impriża qed tadatta għal, jew tmur lil hinn minn, standards nazzjonali li huma iktar strinġenti mill-istandards rilevanti tal-Unjoni jew tmur lil hinn mill-istandards tal-Unjoni, l-ispejjeż eliġibbli jikkonsistu fl-ispejjeż addizzjonali ta' investiment meħtieġa sabiex jintlaħaq livell ta' ħarsien ambjentali ogħla mil-livell meħtieġ mill-istandards tal-Unjoni; ([124]);

(c) ☐ jekk ma jkun hemm l-ebda standards, l-ispejjeż eliġibbli jkunu jikkonsistu fl-ispejjeż ta' investiment meħtieġa sabiex jintlaħaq livell ta' ħarsien tal-ambjent ogħla minn dak li l-impriża jew l-impriżi ikkonċernati kienu jilħqu fin-nuqqas ta' kull għajnuna ambjentali

5.1.1.2. Intensità tal-għajnuna u bonusijiet

L-intensitajiet tal-għajnuna li huma awtorizzati għall-miżuri differenti jistgħu jinkisbu mill-Anness 1 tal-EEAG.

(9) X'inhi l-intensità bażika tal-għajnuna applikabbli għall-miżura notifikata (mingħajr ebda bonus, ara l-punt 10 ta' hawn taħt)?

.....

.....

(10) Bonusijiet:

Bonus għal reġjuni assistiti

(a) Huwa previst bonus minħabba li l-investiment jinsab f'żona assistita? ([125])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva speċifika l-ammont ta' bonus applikabbli (bħala perċentwal mill-ispejjeż eliġibbli): .....

(b) Ikkonferma li jekk tingħata l-għajnuna jew bonus għar-reġjuni koperti mill-Artikolu 107(3)(a) TFUE, il-benefiċjarji li jinsabu fir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 107(3)(a) TFUE biss, kif definiti fil-punt 19(46) tal-EEAG, huma eliġibbli għal dik l-għajnuna/bonus:

☐ iva

(c) Ikkonferma li jekk tingħata l-għajnuna jew bonus għar-reġjuni koperti mill-Artikolu 107(3)(c) TFUE, il-benefiċjarji li jinsabu

([123]) Ara l-Anness 2 tal-EEAG L-ispejjeż ta' investiment żejda jikkonsistu fl-ispejjeż addizzjonali ta' investiment meħtieġa biex wieħed imur lil hinn mil-livell ta' ħarsien ambjentali li jirrikjedu l-istandards tal-Unjoni.

([124]) Qed tingħibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fattli l-ispiża ta' investimenti meħtieġa sabiex jintlaħaq il-livell ta' ħarsien meħtieġ mill-istandards tal-Unjoni m'hijiex eliġibbli.

([125]) Ara l-punt 78(a) tal-EEAG

▼M8

fir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 107(3)(c) biss, kif definiti fil-punt 19(46) tal-EEAG, huma eliġibbli għat-tali għajnuna/-bonus:

☐ iva

Bonus għall-SMEs

(d) Huwa applikat bonus għall-SMEs ([126]) fil-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva speċifika l-ammont ta' bonus applikabbli (bħala perċentwali tal-ispejjeż eliġibbli): .....

(e) Ikkonferma li jekk tingħata l-għajnuna/bonus għal intrapriżi żgħar, il-benefiċjarji jikkonformaw mad-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar kif definiti fil-punt 19(17) tal-EEAG:

☐ iva

(f) Ikkonferma li jekk tingħata l-għajnuna/bonus għal intrapriżi medji, il-benefiċjarji jikkonformaw mad-definizzjoni ta' intrapriżi medji kif definiti fil-punt 19(17) tal-EEAG:

☐ iva

Bonus għall-eko-innovazzjoni

(g) Jiġi applikat bonus għall-eko-innovazzjoni ([127]) fil-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

(h) Jekk iva, speċifika l-livell ta' bonus applikabbli u spjega kif inhuma ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fil-punt 78(c) minn (i) sa (iii) tal-EEAG:

.....

.....

Proċess ta' offerti

(i) L-għajnuna ngħatat bi proċess ta' offerti li kien ġenwinament kompetittiv ([128])?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, agħti dettalji dwar il-proċess kompetittiv u evidenza tal-konformità mal-punt 19(43) tal-EEAG. Ehmeż kopja tal-avviż tal-offerti jew l-abbozz tiegħu:

.....

.....

(11) Speċifika l-intensità totali tal-għajnuna tal-proġetti sostnuti mill-iskema notifikata f'forma ta' perċentwali, filwaqt li tqis l-intensità tal-għajnuna bażika u l-bonusijiet:

.....

.....

([126]) Ara l-punt 78(b) tal-EEAG.
([127]) Ara l-punt 78(c) tal-EEAG. "Eko-innovazzjoni" hija ddefinita fil-punt 19(4) tal-EEAG.
([128]) Għal dettalji dwar il-proċess ta' offerti ġenwinament kompetittiv, ara d-definizzjoni fil-punt 19(43) tal-EEAG.

▼**M8**

5.1.1.3. Kumulazzjoni (ara t-Taqsima 3.2.5.2 tal-EEAG)

(12) L-għajnuna li qed tingħata mill-miżura nnotifikata hija marbuta ma' għajnuna oħra?

☐ iva ☐ le

(13) Jekk it-tweġiba għall-punt 12 hija iva, iddeskrivi r-regoli dwar il-kumulazzjoni li japplikaw għall-miżura notifikata (ara l-punti 81 u 82 tal-EEAG):

.....

.....

(14) Speċifika jekk il-proċess biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-kumulazzjoni huwiex se jiġi vverifikat fil-miżura ta' għajnuna nnotifikata:

.....

.....

5.1.2. Skemi ta' għajnuna operatorja

5.1.2.1. Għajnuna operatorja għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli

1. Speċifika t-tip(i) ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli sostnuti mill-miżura notifikata u agħti d-dettalji.

   Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li l-għajnuna għall-investiment jew l-għajnuna operatorja għall-produzzjoni ta' bijokarburanti tista' tkun awtorizzata biss fir-rigward ta' bijokarburanti sostenibbli. Ma tista' tingħata l-ebda għajnuna għall-investiment għal bijokarburanti bbażati fuq l-ikel, u l-għajnuna operatorja tista' tingħata biss sal-2020 sakemm l-impjant ma jkunx deprezzat diġà. Ikkonferma li dawk il-kundizzjonijiet huma rrispettati (ara l-punt 113 tal-EEAG)

   .....

   .....

2. Jekk hija sostnuta l-idroenerġija, ikkonferma l-konformità mad-Direttiva 2000/60/KE ([129]).

   ☐ iva ☐ le

3. Jekk huwa sostnut l-iskart, ikkonferma li se tiġi rispettata l-ġerarkija tal-iskart.

   ☐ iva ☐ le

Bijokarburanti

4. Spjega jekk tingħatax għajnuna lil bijokarburanti bbażati fuq l-ikel u, jekk tingħata, f'liema kundizzjonijiet tingħata (ara l-punt 113 tal-EEAG).

   .....

   .....

5. Jekk il-miżura tippromwovi l-bijokarburanti, ikkonferma li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi kollha li ġejjin dwar il-bijokarburanti bbażati fuq l-ikel:

   (a) L-għajnuna operatorja għall-bijokarburanti bbażati fuq l-ikel tingħata biss sal-2020:

   ☐ iva ☐ le

([129]) Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1)

▼**M8**

(b) L-għajnuna operatorja għall-bijokarburanti bbażati fuq l-ikel tingħata b'mod esklussiv lil impjanti li bdew jitħaddmu wara l-31 ta' Diċembru 2013:

☐ iva ☐ le

u

(c) L-għajnuna operatorja għall-bijokarburanti bbażati fuq l-ikel hija limitata għal impjanti li mhumiex kompletament deprezzati:

☐ iva ☐ le

6. Speċifika jekk hemmx jew jekk huwiex previst xi obbligu ta' forniment jew taħlit għall-bijokarburanti.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega u pprovdi evidenza biex tipprova li l-bijokarburanti megħjuna huma soġġetti għall-obbligu ta' provvista jew taħlit. Spjega jekk il-bijokarburanti megħjuna jiswewx iktar mill-bijokarburanti li jistgħu jiddaħħlu fis-suq bl-obbligu biss (u mingħajr għajnuna). Għal gwida, ara l-punt 114 tal-EEAG.

.....

.....

Ftehimiet ta' koperazzjoni fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli ([130])

7. Speċifika jekk hemmx fis-seħħ ftehim ta' koperazzjoni.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega u agħti dettalji dwar il-ftehim ta' koperazzjoni (ara l-punt 122 tal-EEAG).

.....

.....

5.1.2.1.1. Għajnuna operatorja għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli (sakemm l-impjant jiddeprezza)

8. Ikkonferma li l-għajnuna se tingħata biss sakemm l-impjant jiddeprezza kompletament skont ir-regoli kontabilistiċi normali u agħti spjegazzjonijiet kif xieraq.

☐ iva ☐ le

.....

9. Ikkonferma li l-għajnuna għall-investiment li tkun ingaħtat qabel se titnaqqas mill-għajnuna operatorja u pprovdi spjegazzjonijiet kif xieraq.

☐ iva ☐ le

.....

Sabiex jinċentivaw l-integrazzjoni tas-suq, importanti li l-benefiċjarji jbigħu l-elettriku tagħhom fis-suq u jkunu soġġetti għall-obbligi tas-suq (ara l-punti 124 u 125 tal-EEAG).

([130]) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16)

▼**M8**

10. Ikkonferma li l-għajnuna tingħata b'żieda mal-prezz tas-suq impost mill-ġeneraturi li jbigħu direttament fis-suq (ara l-punt 124(a) tal-EEAG).

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega f'ċertu dettall kif din il-kundizzjoni hija implimentata fil-prattika.

.....

.....

11. Ikkonferma li l-benefiċjarji huma soġġetti għar-responsabbiltajiet standard ta' bbilanċjar.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega r-responsabbiltajiet ta' bbilanċjar applikabbli għall-ġeneraturi tal-enerġija rinnovabbli u r-responsabbiltajiet applikabbli għal ġeneraturi oħrajn (ara l-punt 124(b) tal-EEAG).

.....

.....

Jekk it-tweġiba tkun le, tqis li f'pajjiżek ma hemm l-ebda suq likwidu tal-istess ġurnata?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija le, spjega f'dettall u ġġustifika għaliex ma hemmx responsabbiltajiet ta' bbilanċjar applikabbli għal ġeneraturi tal-enerġija rinnovabbli.

.....

.....

12. Ikkonferma li hemm miżuri fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li l-ġeneraturi ma jkollhom l-ebda inċentiv li jiġġeneraw elettriku bi prezzijiet negattivi (ara l-punt 124(c) tal-EEAG).

☐ iva ☐ le

Spjega fid-dettall kif dan hu żgurat fil-prattika.

.....

.....

13. L-iskema tipprovdi għajnuna għal installazzjonijiet, ħlief l-enerġija mir-riħ, b'kapaċità ta' elettriku installata ta' inqas minn 500 kW?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega jekk dan japplikax għall-benefiċjarji kollha jew għal subgrupp ta' benefiċjarji biss. Agħti dettalji dwar jekk il-kundizzjonijiet tal-punt 124 tal-EEAG japplikawx għal dawk l-installazzjonijiet.

.....

.....

14. L-iskema tipprovdi għajnuna għal proġetti ta' maħsuba biex iservu ta' wirja kif definiti fl-EEAG? (ara l-punt 127 tal-EEAG)

☐ iva ☐ le

▼**M8**

Jekk iva, agħti dettalji u pprovdi evidenza li dawk il-proġetti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fid-definizzjoni tal-EEAG (il-punt 19(45) tal-EEAG).

.....

.....

Jekk iva, spjega jekk japplikax għall-benefiċjarji kollha jew għal subgrupp ta' benefiċjarji biss. Agħti dettalji dwar jekk il-kundizzjonijiet tal-punt 124 tal-EEAG japplikawx għal proġetti maħsuba biex iservu ta' wirja.

.....

.....

15. L-iskema tagħti għajnuna għal installazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ b'kapaċità tal-elettriku installata ta' inqas minn 3 MW jew tliet unitajiet ta' ġenerazzjoni? (ara l-punt 125 tal-EEAG)

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti dettalji dwar l-installazzjonijiet li huma koperti minn din id-dispożizzjoni.

.....

.....

Jekk iva, spjega jekk dan japplikax għall-benefiċjarji kollha jew subgrupp tal-benefiċjarji biss. Agħti dettalji dwar jekk il-kundizzjonijiet tal-punt 124 tal-EEAG japplikawx għal dawk l-installazzjonijiet.

.....

.....

Fil-fażi tranżitorja li tkopri s-snin 2015 u 2016, l-għajnuna għal mhux inqas minn 5 % tal-kapaċità ġdida ppjanata tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli għandha tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji (Ara l-punti 124 u 125 tal-EEAG).

16. Ikkonferma li l-għajnuna għal mhux inqas minn 5 % tal-kapaċità tal-elettriku ġdida ppjanata minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli għandha tingħata fi proċess kompetittiv ta'offerti.

☐ iva ☐ le

17. Spjega f'dettall kif il-kundizzjoni stabbilita f'dan il-punt hija implimentata fil-prattika, inkluż il-kalkolu tal-minimu ta' 5 % kemm għall-2015 kif ukoll għall-2016.

.....

.....

18. Mill-1 ta' Jannar 2017, fil-prinċipju l-għajnuna operatorja tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji, sakemm ma tkunx tapplika xi eċċezzjoni. Ara l-punt 126 tal-EEAG. Ikkonferma li l-għajnuna tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti.

☐ iva ☐ le

▼**M8**

Jekk iva, spjega l-proċess ta' offerti fid-dettall.

.....

.....

Jekk it-tweġiba hija le, spjega jekk tapplikax waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) ☐ għadd ferm limitat ta' proġetti eliġibbli;

(b) ☐ jirriżultaw livelli ta' appoġġ ikbar fil-każ ta' proċess tal-offerti;

(c) ☐ jirriżultaw rati ta' realizzazzjoni inqas (proġetti li jkunu mibnija);

19. Agħti d-dettalji, elabora u spjega r-raġunijiet għaliex ma ġiex applikat proċess kompetittiv ta' offerti. Ipprovdi evidenza kwantitattiva u kwalitattiva li waħda mir-raġunijiet invokati kieku kienet isseħħ.

.....

.....

Jekk it-tweġiba għal dan il-punt hija le, imla t-Taqsima 5.1.2.1.2 għajnuna operatorja għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli għajr l-elettriku (sakemm l-impjant jiddeprezza).

20. Indika jekk il-proċess kompetittiv ta' offerti huwiex miftuħ għall-ġeneraturi kollha li jipproduċu elettriku minn sorsi rinnovabbli.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega x'jagħmel il-proċess tal-offerti wieħed miftuħ.

.....

.....

Jekk it-tweġiba hija le, spjega jekk tapplikax waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) ☐ teknoloġija innovattiva potenzjali ġdida fuq perjodu ta' żmien twil;

(b) ☐ ħtieġa li tinkiseb diversifikazzjoni;

(c) ☐ limitazzjonijiet tan-netwerk u l-istabilità tal-grilja;

(d) ☐ l-ispejjeż tas-sistema (integrazzjoni);

(e) ☐ bijomassa: ħtieġa li jiġi evitat tfixkil fis-suq tal-materja prima;

21. Agħti dettalji, elabora u spjega f'dettall ir-raġunijiet biex issir eċċezzjoni mis-sistema ta' proċess kompetittiv ta' offerti miftuħ għall-ġeneraturi kollha. Ipprovdi evidenza kwantitattiva u kwalitattiva li effettivament ikun hemm sitwazzjoni li tinvolvi waħda mir-raġunijiet elenkati fil-punt 20.

.....

.....

22. Ipprovdi dettalji, elabora u spjega fid-dettall għaliex ir-raġunijiet għall-applikazzjoni ta' eċċezzjoni ma jistgħux jiġu indirizzati fit-tifsila tal-proċess tal-offerti (ara l-punt 124 tal-EEAG).

.....

.....

▼**M8**

23. L-iskema tipprovdi għajnuna għal installazzjonijiet, ħlief l-enerġija mir-riħ, b'kapaċità ta' elettriku installata ta' inqas minn 1 MW?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega jekk japplikax għall-benefiċjarji kollha jew għal subgrupp ta' benefiċjarji biss. Agħti dettalji ta' jekk installazzjonijiet bħal dawk humiex se jingħataw għajnuna fi proċess kompetittiv ta' offerti.

.....

.....

24. L-iskema tipprovdi għajnuna għal proġetti maħsuba biex iservu ta' wirja kif definiti fl-EEAG?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega jekk japplikax għall-benefiċjarji kollha jew għal subgrupp ta' benefiċjarji biss. Agħti dettalji dwar jekk dak it-tip ta' installazzjonijiet humiex se jingħataw għajnuna fi proċess kompetittiv ta' offerti.

.....

.....

25. L-iskema tipprovdi għajnuna għal installazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ b'kapaċità tal-elettriku installata ta' inqas minn 6 MW jew sitt unitajiet ta' ġenerazzjoni.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi dettalji dwar l-installazzjonijiet li huma koperti minn din id-dispożizzjoni.

.....

.....

Jekk iva, spjega jekk japplikax għall-benefiċjarji kollha jew għal subgrupp ta' benefiċjarji biss. Agħti dettalji dwar jekk installazzjonijiet ta' dak it-tip humiex se jingħataw għajnuna fi proċess kompetittiv ta' offerti kompetittiv.

.....

.....

5.1.2.1.2. Għajnuna operatorja għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli għajr l-elettriku (sakemm jiddeprezza l-impjant)

26. Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja li turi li l-għajnuna operatorja mogħtija ma taqbiżx id-differenza bejn l-ispejjeż livelizzati tal-produzzjoni tal-enerġija ("LCOE") permezz tat-teknoloġija kkonċernata u l-prezz tas-suq tal-forma ta' enerġija kkonċernata:

— analiżi dettaljata tal-ispiża tal-produzzjoni tal-enerġija tat-teknoloġija kkonċernata fil-forma ta' LCEO għal kull unità tas-sorsi rinnovabbli ([131]):

.....

.....

— analiżi dettaljata tal-prezz tas-suq tal-forma ta' enerġija kkonċernata:

.....

.....

([131]) Għal skemi tal-għajnuna, l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fil-forma ta' a kalkolu tipiku (jew eżempji diversi).

▼**M8**

27. Ipprovdi evidenza li l-għajnuna għandha tingħata biss sakemm l-impjant ikun ġie deprezzat għal kollox skont ir-regoli normali tal-kontabbiltà u aġħti analiżi dettaljata tad-deprezzament ta' kull tip tal-investimenti għall-ħarsien tal-ambjent: (Ara l-punt 131(d) tal-EEAG):

.....

.....

28. Għall-iskemi ta' għajnuna, speċifika kif se tkun assigurata l-konformità mal-kundizzjoni fil-punt 131(d) tal-EEAG:

.....

.....

29. Meta jiġi ddeterminat l-ammont ta' għajnuna operatorja, uri kif kull għajnuna għall-investiment mogħtija lill-impriża kkonċernata fir-rigward ta' impjant ġdid hija mnaqqsa mill-ispejjeż tal-produzzjoni:

.....

.....

30. L-għajnuna tkopri wkoll dħul normali minn kapital?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi d-dettalji u l-informazzjoni jew kalkoli li juru r-rata tar-rendiment normali u aġħti raġunijiet għaliex ir-rata magħżula hi xierqa:

.....

.....

31. L-ispejjeż tal-produzzjoni huma aġġornati b'mod regolari u tal-inqas darba fis-sena?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi dettalji u spjegazzjonijiet:

.....

.....

5.1.2.1.3. Għajnuna operatorja għall-impjanti tal-bijomassa li jibqħu wara d-deprezzament.

L-għajnuna operatorja għall-bijomassa wara d-deprezzament tal-impjant tista' tkun kompatibbli mas-suq intern jekk Stat Membru juri li l-ispejjeż operatorji mġarrbin mill-benefiċjarju wara d-deprezzament tal-impjant jibqgħu ogħla mill-prezz tas-suq tal-enerġija kkonċernata (il-punt 133 tal-EEAG).

32. Ikkonferma u spjega li l-għajnuna tingħata biss fuq il-bażi tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli.

.....

.....

33. Aġħti l-informazzjoni li ġejja:

— analiżi dettaljata tal-ispiża operatorja tal-produzzjoni tal-enerġija mill-bijomassa wara li l-impjant jiddeprezza.

.....

.....

— analiżi dettaljata tal-prezz tas-suq tal-forma ta' enerġija kkonċernata:

.....

.....

▼**M8**

— analiżi dettaljata ta' kif inhi mfassla l-miżura sabiex turi li hija maħsuba sabiex tikkumpensa biss id-differenza bejn l-ispejjeż operatorji wara d-deprezzament tal-impjant u l-prezz tas-suq tal-forma ta' enerġija kkonċernata:

.....

.....

34. Hemm mekkaniżmu ta' monitoraġġ sabiex jivverifika jekk l-ispejjeż operatorji mġarrbin għadhomx ogħla mill-prezz tas-suq tal-enerġija kkonċernata?

☐ iva ☐ le

Dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ huwa aġġornat tal-inqas darba fis-sena?

☐ iva ☐ le

Iddeskrivi fid-dettall il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ.

.....

.....

L-għajnuna operatorja għall-bijomassa wara li l-impjant jiddeprezza tista' tkun kompatibbli mas-suq intern jekk Stat Membru juri li, irrispettivament mill-prezz tas-suq tal-enerġija kkonċernata, l-użu ta' fjuwils fossili bħala input huwa iktar ekonomikament vantaġġuż mill-użu tal-bijomassa (il-punt 134 tal-EEAG).

35. Ikkonferma u spjega li l-għajnuna tingħata biss fuq il-bażi tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli.

.....

.....

36. Agħti l-informazzjoni li ġejja:

— analiżi dettaljata tal-ispiża operatorja tal-produzzjoni tal-enerġija mill-bijomassa wara li l-impjant jiddeprezza.

.....

.....

— analiżi dettaljata tal-ispiża operatorja tal-produzzjoni tal-enerġija mill-fjuwil fossili kkonċernat wara li l-impjant jiddeprezza.

.....

.....

— analiżi dettaljata ta' kif inhi mfassla l-miżura sabiex turi li hija maħsuba b'mod li tikkumpensa biss id-differenza bejn l-ispejjeż operatorji wara li l-impjant jiddeprezza, bejn l-użu tal-bijomassa u l-fjuwil fossili kkonċernat.

.....

.....

37. Ipprovdi evidenza li, mingħajr l-għajnuna, ikun hemm bidla mill-użu tal-bijomassa għall-użu tal-fjuwils fossili fl-istess impjant.

.....

.....

38. Hemm mekkaniżmu ta' monitoraġġ fis-seħħ sabiex jivverifika jekk l-ispejjeż operatorji mġarrbin sabiex tintuża l-bijomassa għadhom ogħla mill-ispejjeż operatorji mġarrbin mill-użu tal-fjuwil fossili kkonċernat?

▼**M8**

☐ iva ☐ le

39. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ huwa aġġornat tal-inqas darba fis-sena?

☐ iva ☐ le

Iddeskrivi fid-dettall il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ.

.....

.....

5.1.2.1.4. Għajnuna operatorja mogħtija permezz ta' ċertifikati.

40. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata taċ-ċertifikat ekoloġiku jew tas-sistema tal-offerti (inklużi, inter alia, l-informazzjoni fuq il-livell tas-setgħat diskrezzjonarji, ir-rwol tal-amministratur, il-mekkaniżmu li jiddetermina l-prezzijiet, il-mekkaniżmu tal-finanzjament, il-mekkaniżmu tal-penali u l-mekkaniżmu tad-distribuzzjoni mill-ġdid).

.....

.....

41. Kemm hu twil iż-żmien tal-miżura nnotifikata ([132])?

.....

.....

42. Ipprovdi dejta jew kalkoli li juru li l-għajnuna hija essenzjali biex tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

.....

.....

43. Ipprovdi dejta jew kalkoli li juru li fir-riżultat aggregat tagħha l-għajnuna ma tikkostitwixxix kumpens żejjed għall-enerġija rinnovabbli.

.....

.....

44. Ipprovdi informazzjoni jew kalkoli li juru li l-għajnuna ma żżomx lura lill-produtturi tal-enerġija rinnovabbli milli jsiru aktar kompetittivi.

.....

.....

45. Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fit-taqsima 5.1.2.1.1 għall-għajnuna operatorja għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli (sad-deprezzament tal-impjant).

.....

.....

46. Jekk, għal raġunijiet tekniċi, ma jistgħux jiġu applikati l-kundizzjonijiet tal-punti 124 u 125 tal-EEAG, ipprovdi informazzjoni jew kalkoli skont dan.

.....

.....

5.1.2.2. Għajnuna operatorja mogħtija għal impjanti tas-sħana u Enerġija Kkombinata (CHP) b'effiċjenza għolja.

47. Imla l-informazzjoni meħtieġa fit-Taqsima 5.1.2.1 sa fejn tkun applikabbli s-subtaqsima rilevanti:

— Għal appoġġ għall-elettriku minn impjanti CHP sakemm jiddeprezza l-impjant, it-Taqsima 5.1.2.1.1.

([132]) Innota li l-Kummissjoni tista' tawtorizza miżura nnotifikata bħal din għal perjodu ta' 10 snin.

▼M8

— Għal appoġġ għat-tisħin minn impjanti CHP sakemm jiddeprezza l-impjant, it-Taqsima 5.1.2.1.2.

— Għal appoġġ għat-tisħin jew l-elettriku minn impjanti CHP wara li jiddeprezza l-impjant, it-Taqsima 5.1.2.1.3.

— Għal appoġġ permezz ta' ċertifikati, it-Taqsima 5.1.2.1.4.

48. Ikkonferma li l-għajnuna operatorja għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja tingħata b'mod esklussiv lil:

☐ impriżi li jwasslu l-enerġija elettrika u s-sħana lill-pubbliku, fejn l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' dik l-enerġija elettrika jew sħana ikunu iktar mill-prezz tas-suq tagħha ([133]);

☐ għall-użu industrijali tal-produzzjoni kkombinata tal-enerġija elettrika u s-sħana fejn jista' jintwera li l-ispiża tal-produzzjoni ta' unità waħda ta' enerġija bl-użu ta' dik it-teknika tkun iktar mill-prezz tas-suq ta' unità waħda ta' enerġija konvenzjonali. ([134]).

Ipprovdi dettalji u xhieda li juru li l-kundizzjoni(jiet) rilevanti hija/huma ssodisfata/i:

.....

.....

5.1.2.3. Għajnuna operatorja mogħtija għal miżuri tal-effiċjenza enerġetika

49. Ipprovdi informazzjoni jew kalkoli li juru li l-għajnuna hija limitata sabiex tikkumpensa għall-ispejjeż żejda netti tal-produzzjoni li jirriżultaw mill-investiment wara li jitqiesu l-benefiċċji li jirriżultaw minn dik l-effiċjenza enerġetika ([135]).

.....

.....

50. Kemm hu twil iż-żmien tal-miżura tal-għajnuna operatorja ([136])?

.....

5.1.2.4. Għajnuna operatorja mogħtija għall-infrastruttura tal-enerġija u CCS.

51. Ipprovdi informazzjoni u kalkoli li juru li l-għajnuna hija limitata għall-kumpens għall-ispejjeż żejda netti tal-produzzjoni li jirriżultaw mill-investiment wara li jitqiesu l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-proġett.

.....

Agħti ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-flussi tal-flus tul il-ħajja tal-proġett.

.....

Ipprovdi spjegazzjoni tar-rati ta' skont u r-rati ta' redditu użati.

.....

([133]) Id-deċiżjoni dwar jekk l-għajnuna hijiex meħtieġa tqis l-ispejjeż u d-dħul li jirriżultaw mill-produzzjoni u l-bejgħ tal-enerġija elettrika jew is-sħana.

([134]) L-ispiża tal-produzzjoni tista' tinkludi d-dħul normali fuq il-kapital tal-impjant, iżda kull gwadann tal-impjant f'termini ta' produzzjoni tas-sħana għandu jitnaqqas mill-ispejjeż tal-produzzjoni.

([135]) Qed tingħibed l-attenzjoni tiegħek dwar il-fatt li kull għajnuna għall-investiment mogħtija lill-impriża fir-rigward ta' impjant ġdid għandha titnaqqas mill-ispejjeż tal-produzzjoni.

([136]) Qed tingħibed l-attenzjoni tiegħek dwar il-fatt li t-tul irid ikun limitat għal massimu ta' 5 snin.

▼**M8**

Ipprovdi dettalji dwar ix-xenarju kontrafattwali jew iġġustifika n-nuqqas tiegħu.

.....

52. Fil-każ ta' CCS, ikkonferma u pprovdi dettalji li juru li l-għajnuna ma tibbenefikax l-installazzjoni b'emmissjonijiet ta' CO_2:

.....

53. Fil-każ ta' infrastruttura tal-enerġija, l-ispejjeż eliġibbli huma għal-hekk id-diskrepanza fil-likwidità. Uri li l-għajnuna ma taqbiżx dik id-diskrepanza fil-likwidità billi tipprovdi kalkolu u ġustifikazzjoni ddettaljata għad-dejta użata, pereżempju rata ta' redditu. (ara l-punt 211 tal-EEAG):

.....

54. Kemm hu twil iż-żmien tal-miżura tal-għajnuna operatorja?

.....

5.1.2.5. Għajnuna operatorja mogħtija għall-adegwatezza tal-ġenerazzjoni.

55. Iddeskrivi l-miżuri inkorporati fis-seħħ li jevitaw qligħ mhux mistenni

.....

.....

